GĦID TA' L-ASSUNTA

IS-SEBGHA U TLETIN SENA

37 (2002)

www.gozocathedral.org.mt

PISANI WOODWORKS has established an outstanding reputation for supplying custom designed furniture of the highest quality. Individually designed to reflect the character of your property. Our furniture combines practical efficiency with an unmistakable look and quality achieved only by the greatest attention to detail from concept to the finished product. The amazing variety of furniture, the selection of finishes, the perfection that

COMMITTED TO CREATE THE FINEST FURNITURE

comes from a total commitment. We are committed to quality and the relentless pursuit of excellence.

Call now for an estimate

SPECIAL PRICES ON QUALITY INTERNAL PINE DOORS

Tel: 2156 5946 Fax: 2156 4442 Mob: 9942 9340
E-mail: pww@maltanet.net

L-GĦID TA' L-ASSUNTA

37 (2002)

Stampat
għall-ewwel darba
Awwissu 1966

Pjazza tal-Katidral,
Ċittadella, Għawdex.
VCT 103

Tel • 21554101
Fax • 21564572

Home-page:
http://www.gozocathedral.org

E-mail:
joseph.bezzina@gozocathedral.org

Editur
JOSEPH BEZZINA

Reklami
CHARLES BUGEJA

Ittajpjar
JOSETTE CREMONA
FABIENNE GRECH

Proof Reading
VICTOR J. GALEA
CHARLES BEZZINA

Setting
ERIC DE BONO

Ritratti tal-qoxra
It-Tlugħ ta' Marija fis-sema (Michelle Busuttil) flimkien ma' disinn tal-Katidral (Pawlu Camilleri Cauchi) u disinn taċ-Ċentru l-ġdid (Perit Gwido Vella)

Stampata
J. DE BONO
PRINTING PRESS LTD.
TEL. 2155-2219 • 7955-2219

© Copyright
L-ARTIKLI HUMA COPYRIGHT TA' L-AWTURI RISPETTIVI U MA JISTGĦU JIĠU RIPRODOTTI B'EBDA MOD MINGĦAJR IL-PERMESS TA' L-AWTURI. IL-FEHMIET ESPRESSI FL-ARTIKLI MHUX XIEX NEĊESSARJAMENT TAL-BORD EDITORJALI.

Kabbarna għalina lkoll!

Il-familja li tħobb id-dar tagħha ma tħalliex jum jgħaddi mingħajr ma tara x'tagħmel biex ittejjeb il-post: tnaddfu, issebbħu mill-aħjar li tista', u tagħmlu iktar komdu. Jekk jiġiha ċ-ċans tkabbar ukoll. Il-kommunità ta' reġjun partikulari għandha lill-knisja parrokkjali bħala d-dar komuni tagħha. Il-parruċċjani li jħobbu 'l din id-dar jagħmlu ħilithom kollha ħalli jġibuha 'l quddiem. Dan jagħmluh l-iktar għax il-knisja hi d-dar fejn jgħammar Alla b'mod partikulari; iżda wkoll għax din hi d-dar komuni tagħhom u bħad-dar partikulari tagħhom jixtiequha li tkun mill-aħjar.

In-nies tal-parroċċa tal-Katidral ilhom li fehmuha din il-verità. Fil-maġġuranza tagħhom, almenu, jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex b'offerti u b'għajnuna ta' kull xorta jġibu 'l quddiem il-Katidral u jkomplu jkabbru l-faċilitajiet tal-knisja.

Is-sena 2002 tibqa' imfakkra fiż-żmien li ġej bħala dik li fiha l-Kapitlu tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex flimkien mal-parroċċa tal-Katidral għamlu pass kuraġġjuż u, nhar is-26 ta' Ġunju, 2002, akkwistaw żewġt idjar, garaxx, u diversi bċejjeċ ta' art u bini fl-inħawi tal-Ħaġġarija bil-ħsieb ta' proġett kbir fil-viċinanzi tal-Katidral. Dan seta' jsir mhux biss għax il-Kapitlu u l-Parroċċa fehmu li dan jista' jkun proġett ta' siwi kbir, iżda wkoll għaliex il-parruċċjani taw appoġġ kontinwu lill-knisja tagħhom.

Hemm il-ħsieb li dinil-proprjetà tiġi żvilluppata f'ċentru ta' natura edukattiva, kulturali, u soċjali biex il-ħajja pastorali fil-Katidral tkompli titjieb fil-kwalità. Il-ħtiġijiet moderni tas-soċjetà jagħmlu ċentru ta' din ix-xorta parti essenzjali tal-parroċċa ta' wara t-tieni Konċilju tal-Vatikan. Barra dan din il-proprjetà, li għandha potenzjal kbir, għad tiffaċilita ħafna l-aċċess għall-Katidral u l-parkeġġ ta' karozzi fil-viċinanzi tiegħu.

J'Alla l-imħabba lejn il-parroċċa u lejn Santa Marija, titkompla f'imġibitna u fi kliemna ma' Alla u mal-proxxmu tagħna.

www.gozocathedral.org.mt

L-UŻU TAL-KELMA 'TERRA' META JISSEMMA GĦAWDEX

kitba ta'

© Victor John Galea

Min jaqra *Il-Ġrajja Bikrija tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex 1435 - 1551* tal-Professur Godfrey Wettinger issib li l-kelma *terra* fejn jidħol Għawdex daqqa jaqlibha kastell bħal ngħidu aħna "fil-Misraħ tal-Kastell ta' Għawdex" f'dokument ta' l-1449 u daqqa belt bħal "fil-kappelli tal-belt ta' Għawdex" f'dokument ta' l-1545.

Il-patri Alessandru Bonnici fil-ktieb tiegħu *Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-ewwel parroċċi ta' Għawdex,* (1975), donnu ma qabilx ma' dan għax deherlu li l-kelma *terra* ma tfissirx ħlief pajjiż biex jingħażel minn belt, għax il-kelma *terra* kienet tintuża għall-pajjiżi, jiġifieri l-irħula ta' Malta. Semma li Birkirkara daqqa kienu jsibuha *terra* u daqqa każal. Qal ukoll li l-kastell ta' Għawdex dejjem jgħidulu **castrum** bil-Latin u li Għawdex kien meqjus belt waħda u li l-espressjoni *terra et insula* tfisser il-belt u l-gżira ta' Għawdex kollha kemm hi.

F'dizzjunarju tat-Taljan ta' l-1828 sibt li *terra* hi belt bis-swar jew kastell. Meta tkun żgħira jgħidulha terretta u terricciuola, bil-Latin **oppidulum**. Dan jagħti raġun sa ċertu punt lill-Prof. Wettinger, imma mhux għal kollox. Fetaħli għajnejja Henri Bresc meta fl-1974 ippubblika t-testment ta' Guliermu ta' Malta li sar il-Kastell ta' Għawdex fl-1299. Bresc qal li *terra* hi pajjiż bis-swar u **amministrattivament awtonoma** bħal Għawdex.

1 - Il-Belt ta' Għawdex terra

Mela l-belt ta' Għawdex kienet tissejjaħ uffiċċjalment *terra* meta kellha gvern lokali awtonomu msejjaħ universita' mmexxi mill-ħakem u l-ġurati. Dan iż-żmien beda fl-1397 meta r-Re Martinu reġa' għaqqad lil Malta u Għawdex mad-demanju reġju, jiġifieri jiddependu direttament minnu u mhux mill-Konti ta' Malta li l-Maltin kienu jsejħulu l-Mula. L-aħħar imwieli li kellna mill-1391 sa l-1397 tant jingħad li ħaqru lill-Maltin li dak iż-żmien jissejjaħ żmiem it-tirranni.

2 - Il-Belt ta' Għawdex 'kastell' (1551-1798)

Il-ħakem ta' Għawdex tneħħa fl-1551 u floku l-Grammastru bagħat kavalier bħala gvernatur. Issa gvernatur ta' żmien il-Kavallieri kien jikkmanda kastell u mhux terra. Għandna per eżempju, Malta lill-Gvernaturi ta' Sant'Anġlu u ta' Sant'Iermu. Barra minn Malta bejn l-1530 u l-1551 għandna l-gvernatur tal-Kastell ta' Tripli.

Għalhekk uffiċċjalment il-Belt ta' Għawdex wara l-1551 bdiet tissejjaħ kastell, bil-Latin **castrum.** Wara li telqu l-Kavallieri fl-1798 suppost li l-belt ta' Għawdex ma baqgħetx tissejjaħ kastell jew grankastell kif spiċċat fl-aħħar żmien tal-kavallieri, imma l-Ingliżi baqgħu jaħtru gvernaturi għal Għawdex sa ma tfaċċa Maitland, gvernatur ta' Malta u Għawdex u t-titlu ta' Gvernatur għal Għawdex deher mhux floku u twarrab, imma, sfortunatament, il-belt ta' Għawdex baqgħet għaddejja bit-tinnanna ta' grankastell.

3 - It-Terra u l-Gżira ta' Għawdex

Jekk nagħtu titwila lejn id-dokumenti uffiċċjali ġejjin minn Paliermu u l-atti nutarili li harġu bejn l-1397 u l-1551 Għawdex dejjem jissejjaħ bl-isem ta' **terra et insula,** it-*terra* u l-gżira ta' Għawdex.

Dan ma jfissirx li b'*terra* n-nutara kienu dejjem jifhmu kastell jew belt. Bresc stess jgħid li *terra* tfisser pajjiż li għall-inqas ikollu post wieħed bis-swar. Għalhekk *terra,* kienet tfisser l-art kollha tal-komun jew universita' fis-sens tat-territorju tal-gvern lokali.

Mill-lista tal-komuni ta' Sqallija u l-gżejjer

www.gozocathedral.org.mt

awtonomi ta' madwarha li ħareġ il-parlament li ltaqa' Sirakuża nhar it-3 ta' Ottubru ta' l-1398, inqas minn sena wara li Malta ġiet direttament taħt il-kuruna nhar is-7 ta' Novembru tas-sena ta' qabel, Għawdex imniżżel il-gżira u l-kastell ta' Għawdex, filwaqt li hemm xi tletin komun Sqalli mniżżla t-*terra* u l-kastell. Lentini u Nikosija kellhom iktar minn kastell wieħed u tniżżlu t-*terra* u l-kastelli.

Għalhekk wieħed m'għandux jaħseb li l-affarijiet qagħdu mill-ewwel u li Għawdex kien jissejjaħ it-*terra* u l-gżira ta' Għawdex preċiż fejn l-1397 u l-1551 meta de Sesse laħaq l-ewwel gvernatur. Nhar it-22 ta' Frar ta' l-1397 f'dokument niltaqgħu ma' l-università tat-*terra* u l-gżira ta' Għawdex. Imma nhar is-16 ta' Frar tas-sena ta' wara nsibu li Salvu Cadumi kien mill-gżira jew terra ta' Għawdex u li Tumew di Bernardo jingħad biss li kien mill-gżira ta' Għawdex.

Biss wara li l-affari qagħdet u ndrat in-nutara baqgħu sejrin bil-kantaliena tat-*terra* u l-gżira ta' Għawdex żmien wara l-1551. Dan kien jingħad, ngħidu aħna, meta n-nutar kien irid jgħid li xi ħadd kemm Għawdxi u kemm barrani kien joqgħod Għawdex. Hekk fl-1580 Lemmu Xerri mill-Mosta jingħad li joqgħod fit-terra u l-gżira ta' Għawdex u seba' snin wara jingħad għall-Isqalli Marjanu Metallo.

It-Terra ta' Għawdex f'mappa ippublikata fl-Lyons, Franza, fl-1536.

4 - Terra l-Belt ta' Għawdex

Li *terra* biż-żmien saret tfisser il-Belt ta' Għawdex m'hemm l-ebda dubju. Il-Prof. Wettinger sab eżempju tassew milqut. Fil-1517 Nikol Bonniċi fit-testment li għamel lejlet il-Milied ħalla li jekk imut fil-kampanja jew ir-Rabat ried jindifen Santu Wistin, imma jekk ġot-*terra* ta' Għawdex riedhom jidfnuh fil-Matriċi ta' Santa Marija forsi biex jeħles lil niesu mill-ingara li joqogħdu jniżżluh Santu Wistin.

Biż-żmien imma n-nutara flok *terra* bdew iniżżlu kastell. Minn Wettinger nista' nislet l-eżempju tar-Rokna, jiġifieri dik in-nitfa triq li ma tinfed għal imkien ħdejn Santa Barbra. Fl-1548 u fl-1562 ingħad li r-Rokna qiegħda ġot-*terra* ta' Għawdex, imma fl-1585 tniżżlet li kienet triq ġol-kastell ta' Għawdex.

Meta nafu dan nistgħu nittraduċu *terra*, il-kastell jew il-belt ta' Għawdex? Fil-fehma tiegħi le għax *terra* hi kelma *sui generis* użata meta Għawdex kellu gvern awtonomu bil-ħakem u il-ġurati filwaqt li kastell tajba għal meta Għawdex kellu l-gvernatur fi żmien il-Kavallieri. Mill-1551 sa l-1798 kif ukoll għaż-żmien qabel l-1397 meta Għawdex kien taħt il-kastellan kemm meta kien jiddependi direttament mis-Sultan ta' Sqallija u kemm meta kien taħt l-imwieli.

Lanqas tista' tittraduċi *terra* belt għax imbagħad l-Imdina li kienet *città* tiġi daqs il-belt ta' Għawdex bid-dinjità, billi Malta flok it-*terra* u l-gżira bħal Għawdex kien jsejħulha ċ-ċittà u gżira ta' Malta. *Terra* kienet tiġi bejn ċittà u lok fl-ordni tal-preċedenza u dawn it-tlieta kienu jiġu wara l-kontei u l-baruniji.

5 - Il-Belt ta' Għawdex kastell qabel l-1397

Il-Belt ta' Għawdex kienu jgħidulha kastell qabel l-1397 meta Għawdex kien magħqud mad-demanju reġju bir-rappreżentant tar-re ta' Sqallija msejjaħ il-kastellan, ismu mieghu, xi drabi tat-tliet kastelli ta' Malta u Għawdex f'daqqa. Ngħidu aħna fir-rapport ta' Ġilibertu Abate ħabta ta' l-1241 insibu li Malta u Għawdex hemm tliet kastelli, jiġifieri Sant' Anġlu, l-Imdina, u Għawdex. Fl-1274 insibu lil

Armando kastellan ta' Għawdex. Aktarx li wara li tneħħa l-konti Arrigu Pistore minn Malta taħt l-Iżvevi u wara taħt l-Angojjini, Għawdex u Malta ma' kienx hawn imwieli. Dawn reġgħu dehru taħt l-Aragoniżi u l-imwieli, jiġifieri l-kontijiet jew sinjuri fewdali ta' Malta u Għawdex, iktar kienu jħossuhom fiż-żgur f'kastell milli ġo belt, tant li l-Imdina fi żmien it-tiranni, l-aħħar sinjuri fewdali ta' Malta qabel ġew il-Kavallieri, bnew daqsxejn ta' wieħed ħdejn il-bieb ta' u dieħel fuq il-lemin. Dan lill-Maltin kien jagħtihom fastidju kbir tant li kellhom seba' mit sena ħa jwarrbuh.

Bħala eżempju ta' kif il-belt ta' Għawdex kienet tissejjaħ kastell taħt l-imwieli, insemmi t-testment ta' Guliermu ta' Malta, in-neputi tal-konti Andrea ta' Malta, li sar fil-kastell ta' Għawdex fl-1299.

6 - Terra Każal?

Issa niġu għal dak li qal il-patri Bonniċi jiġifieri li terra fid-dokumenti li ħaqa' magħhom mhix ħlief każal, raħal bħal Birkirkara. Billi Ġann Franġisk Abela kien viċi-kanċillier ta' l-Ordni u għalhekk ħalli għalih biex meta jsemmi xi post ikun uffiċċjalment korrett, jien flejt sewwa l-ismijiet tar-rħula li hemm fid-Deskrizzjoni ta' Malta kif kienu l-affarijiet fl-1647. X'insib? Insib li f'Abela hemm ġerarkija sħiħa ta' rħula.

Tnejn lil Bormla li fi żmienu kienet post imdawwar bis-swar ta' Firenzuola li nbdew fl-1638 u li saret Ċitta' Kospiwa fil-1720 fi żmien Zondadari, terra jissejjaħ biss raħal li kien parroċċa qabel l-1436 u li kien għadu fuq saqajh. Għalhekk Birkirkara, in-Naxxar, Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi u ż-Żurrieq kollha jissejħu terra.

Billi Bir Miftuħ ma kienx raħal imma kien hemm knisja parrokkjali biss fil-kampanja, li sa dak iż-żmien kienet tiflaħ l-irħula kollha li kellha, tneħħi lill-Gudja, fejn kien iposdi l-kaptan ta' Birmiftuħ, Abela ma sejjaħlux terra. Iż-Żejtun, li l-knisja parrokkjali tiegħu ukoll kienet fil-kampanja u li ma kienx għadu raħal magħqud bi knisja f'nofsu kif nafuh illum, Abela sejjaħlu t-Terra ta' Ħal Bisbut u Bisqallin, ir-raħal ta' Fuq u r-raħal t'Isfel li llum jagħmlu ż-Żejtun. Il-kapitanija kienu jgħidulha ta' Santa Katerina għall-isem tal-parroċċa.

Abela lill-irħula l-oħra li wħud minnhom kienu saru parroċċi jsejħilhom każal u jekk kien irħajjel jgħid li kien każalotti bħal Ħal Ramija u Ħal Mussimiet. Meta raħal ikun spiċċa jsejjaħlu Ħal bħal Ħal Kaprat u Ħal Ġawhar. Interessanti ħafna huma l-irħula li kienu jagħmlu mas-Siġġiewi. Dawn flok każal jew Ħal jissejħu raħal. Hekk insibu Raħal Kbir u Raħal Xluq li kienu għadhom bin-nies u Raħal Nikluzi li kellu ħireb biss. Tgħid hemmhekk raħal kien għadu ma tqassarx f'ħal?

Fuq l-irħula li Abela jsejjaħ *terra* xtaqt nagħmel żewġ osservazzjonijiet. L-ewwel nett nafu li wħud mill-irħula li Abela qal li huma terra kellhom il-knisja parrokkjali tagħhom magħrufa bħala matriċi sa mis-seklu ħmistax. Knisja Matriċi dak iż-żmien tfisser il-knisja parrokkjali fil-limiti tal- parroċċa għax, skond il-Prof. Wettinger, jingħad għal San Filep ta' Ħaż Żebbuġ li qatt ma nqalgħet parroċċa minnu. Hekk ukoll, skond il-Prof. Fiorini ngħad għan Naxxar fil-1486, meta għan-Naxxar ma kienet għadha ħarġet l-ebda parroċċa.

Każ interessanti huma Birmiftuħ u l-Gudja. Skond il-Profs. Wettinger, Santa Marija ta' Birmiftuħ tissejjaħ il-Matriċi ta' waħda mill-knejjes żgħar tal-Gudja. Issa Abela forsi għax Birmiftuħ ma' kienx raħal ma sejjaħlux *terra*. Biż-żmien il-Gudja wirtet lil Birmiftuħ u saret parroċċa flokha. Lill-Gudja wkoll insibuha tissejjaħ *terra* wara Abela.

Tgħid il-Knisja ta' Santa Marija tal-Belt ta' Għawdex bdiet tissejjaħ matriċi għax kienet fit-Terra ta' Għawdex?

Fl-irħula li Abela sejjaħ *terra* kien hemm ukoll il-Kaptan, kavallier li kien ikun il-kap tal-kumpanija tad-dejma mhux biss tar-raħal, imma ukoll ta' l-irħula l-oħra li kienu jagħmlu miegħu. Bosio, fi żmien l-Assedju l-Kbir ta' l-1565, ħarra l-Ħakem ta' l-Imdina li kellu ukoll ir-Rabat u Ħaż-Żebbuġ, isemmi lill-Kaptan ta' Sant Katerina, jiġifieri ż-Żejtun, ta' Birkirkara, li magħha kellha lil Ħal Qormi, ta' Bir Miftuħ, li l-Kaptan t'hemmhekk kien iżomm il-Gudja, taż-Żurrieq, tan-Naxxar u tas-Siġġiewi. Nista' nżid li fit-Torri kien hemm ukoll il-kaptana, il-mara li kienet iddur bil-kaptan. Din is-soqra kont trid tkellem lilha l-ewwel biex jirnexxilek tidħol quddiem il-kaptan!

In-Naxxar jidher li kien it-terra mudell. Barra li nafu li kellu knisja matriċi u kien kapitanija, kellu ukoll it-Torri tal-Kaptan fejn kien joqgħod il-kaptan.

7 - It-*Terra* fl-aħħar snin tal-Kavallieri

Billi l-elenku tal-vista ta' l-Isqof Alpheran de Bussan ta' l-1751 hu mera ta' kif kienu l-affarijiet fl-aħħar snin tal-kavallieri se nagħtuh daqqa t'għajn sew. Bormla, li kienet *terra* fl-1647, issa saret ċitta' u tniżżlet wara l-Imdina, il-Birgu, il-Belt u l-Isla. Ir-Rabat ta' l-Imdina tniżżel wara l-Imdina bħala subborg tagħha u

www.gozocathedral.org.mt

l-Furjana wara l-Belt bħala subborg ta' dik ukoll. Birkirkara minn terra telgħet targa u tissejjaħ belt (oppidum) u tissemma qabel in-Naxxar.

Terra barra n-Naxxar, Ħal Qormi, iż-Żurrieq, is-Siġġiewi u Ħaż Żebbuġ hemm il-Gudja, li daħlet flok Birmiftuħ wara n-Naxxar. Tfaċċat ukoll it-terra taż-Żejtun flok Bisqallin u Ħal Bisbut wara Ħal Qormi. Il-parroċċi l-oħra, erbatax b'kollox, imniżżla każal.

Għawdex għandna l-Gran Kastell, bir-Rabat wrajh bħala subborg tiegħu, u mbagħad jissemmew bħala każal is-sitt parroċċi li kienu saru sa dak iż-żmien. Naraw li l-Belt ta' Għawdex bħala *terra* kienet intradmet taħt il-Gran Kastell.

Sa ma telqu l-Kavallieri fl-1798 it-terra ta' Ħal Qormi, ta' Ħaż-Żabbar, tas-Siġġiewi u taż-Żejtun kienu saru ċittà. Lill-Karkariżi ħallewhom iċċejqu. Hekk ukoll ġralhom in-Naxxarin u ż-Żrieraq. Dan għax kien ġie Napuljun u ħalliena republik b'id wara u oħra quddiem.

8 - Il-Belt ta' Għawdex

Għawdex baqgħu għaddejjin ikarkru bil-Gran Kastell sa llum għalkemm issa daħlet il-kelma iktar xierqa Ċittadella. Imma l-poplu lit-*terra* jew kastell jew gran kastell ta' Għawdex dejjem baqa' jafu bħala belt, anzi, kif joħroġ mill-isem ta' Triq Bieb l-Imdina, li sab il-Prof. Wettinger f'kuntratt ta' l-1585, il-Belt ta' Għawdex kienet tissejjaħ bħal dik ta' Malta u Paliermu, jiġifieri l-Imdina. Dan żgur ġara wara li ġew is-Saraċini, nies Misilmin jitkellmu bil-Għarbi ta' Sqallija, fl-1049 biex regħġħu għammru lil dawn il-gżejjer mill-ġdid.

L-isem Belt aktarx daħal wara l-istraġi ta' l-1151 meta t-tifkira li l-Imdina tfisser belt kienet intesiet u kienet daħlet il-kelma belt flokha bħalma jixħed l-isem il-Belt għall-Belt Valletta li bdiet tinbena fl-1566. Li l-Għawdxin kienu jsejħu belt post imdawwar bis-swar fejn kienu joqogħdu, jew kien maħsub biex fih joqogħdu in-nies, joħroġ ukoll mill-każ ta' Xambre', li nbena bħala Ċittadella fl-1760, li kienu jgħidulu belt. Ir-raba' li hemm taħt il-porvlista ta' Xambre' għadhom jgħidulu taħt il-Belt.

9 - Bis-saħħa ta' l-għarusa żifnet il-qattusa

Is-siegħa tal-Gran Kastell ta' Għawdex suppost waslet fl-1887 meta r-reġina Vittorja għalqet ħamsin sena ssaltan; imma fit-talba li ressqu l-Għawdxin qalu li riedu lir-Rabat jissejjaħ uffiċċjalment Ċitta' Vittorja biex jibqa' tifkira dejjiema ta' dik il-ġrajja.

Billi jien kont naf li l-Ingliżi jiddivrenzjaw bejn *city* u *town* u għandhom id-drawwa li jsejħu *city* lill-belt li fiha katidral tajt daqqa ta' għajn lid-dokumenti oriġinali ħalli nara, kif bsart, hemmx xi aċċenn għal dan. Oħroġ il-għaġeb insib li fir-rikkmandazzjoni li għamel l-Isqof Pietru Pace fid-19 ta' Marzu ta' l-1887, filwaqt li semma d-drawwa tal-gvern Ingliż li jagħti l-isem *ċitta* lill-post prinċipali ta' djoċesi kompla jgħid li f'dan il-post ikun hemm is-sedi veskovili. B'dan il-kliem l-isqof ħarab milli jgħid fejn kienet il-Katidral, il-knisja fejn kellu l-katedra, li kienet fil-Gran Kastell. Bħal dak li qallu billi l-Arċisqof ta' Canterbury joqgħod Londra, Londra għandha tissemma *ċitta* u mhux fejn hemm il-katidral, Canterbury, li naturalment fil-fatt hi *ċitta*.

Tgħid l-Isqof Pace qatt ma kien sema' lill-bdiewa u r-raħħala ta' Wara San Franġisk jgħidulha belt lill-Knisja fejn kellu s-sedja? Missieri kull meta kien jisma' lill-qniepen tal-Katidral jirbumbjaw fil-bitha tad-dar tagħna, is-Sruġ, ix-Xagħra, kien jgħidli: Il-Belt qiegħda ddoqq. Hekk ukoll kienu jgħidu tas-sidrija lil dawk l-erba' għielek u staten li ffirmaw il-petizzjoni. Imma lil tas-sidrija ma talbuhomx jagħmlu salib fuqha.

Biss lill-Ingliżi mhux lakemm jirnexxilek tittagħlha bżar f'għajnejha għax il-gvernatur fl-ittra li bagħat lill-uffiċċju tal-Prim Ministru Ingliż nhar is-27 t'April ta' l-1887 mat-talba ta' l-Għawdxin qal ċar u tond li r-Rabat kien subborg. Hekk ukoll sejjaħlu min kiteb l-ittra f'isem il-Prim Ministru Ingliż nhar is-19 ta' Mejju ta' l-1887 biex jgħarraf lill-gvernatur ta' Malta bil-kunsens tar-Reġina. Imma l-Isqof Pace fl-ittra ta' ringrazzjament ħarab minn dan l-isem u lir-Rabat sejjaħlu ċentru ta' popolazzjoni biss, kif fil-fatt kien, imma hawn qegħdin nitkellmu fuq titli uffiċċjali. Bħala riżultat ta' dan kollu il-Belt ta' Għawdex tista' tgħid biss li hi parti miċ-*Ċitta* Vittorja għax inzertat fl-inħawi (circondario) tar-Rabat.

Nobsor li hawn min se jgħidli li l-Birgu, ismu miegħu, kien is-subborg ta' Sant Anġlu u xorta sar *ċitta*. Imma l-Birgu, wara l-1530, ħa l-isem ta' *Ċitta Nova*, il-Belt il-Ġdida, mhux biss għax kien il-bejta tas-Sultan, imma għax il-Kavallieri hadu ħsieb ħażżmuh bis-swar li fl-1565 setgħu jżommu barra lit-Tork, li tħabat kemm tħabat, ma rnexxilux jitfa' siequ ġewwa. Kien għalhekk li wara l-assedju ħa l-isem ta' *Ċitta Vittorjuża*.

Victor John Galea
Ir-Rabat, Għawdex
Nhar il-Ħamsa ta' Mejju 2002

create
the correct
impression with
J. de Bono
Printing Press Ltd
ARTWORK, PHOTOGRAPHIC MANIPULATION, COLOUR SEPARATIONS,
QUALITY OFFSET PRINTING, LETTER PRESS PRINTING, BOOK BINDERS & PUBLISHERS.
Best Service!
Best Quality!
Best Prices!
The Leading Printing Press in Gozo!
ALSO AVAILABLE
24HR
EXPRESS SERVICE
RABAT ROAD,
NADUR, GOZO.
TEL: 21 552219,
MOB: 79 552219,
E-MAIL: jdb@waldonet.net.mt
We are Here!
Telephone Box
To Nadur Square
To Ramla
From Victoria

FRANĠISK SAVERJU FORMOSA

Vigarju Ġenerali u l-Ewwel Teżorier tal-Katidral ta' Għawdex

minn

Winston L. Zammit B.A. (Hons.) M.A. P.G.C.E.

Fil-ħarġa ta' din ir-rivista tas-sena li għaddiet kont tajt ftit tagħrif dwar il-Kanoniku Mikelanġ Garroni li kien l-ewwel Arċidjaknu tal-Katidral ta' Għawdex. Fil-ħarġa ta' din is-sena se nagħti ftit tagħrif dwar il-Kanonku Franġisk Saverju Formosa li kien l-ewwel Teżorier tal-Katidral ta' Għawdex. Bħall-Kan. Garroni, il-Kan. Formosa ta diversi servizzi lill-Knisja Katidrali, u bħalu wkoll miet fis-sena 1884.

Franġisku Saverju Formosa twieled fil-gżira ta' Għawdex madwar is-sena 1810. Bħala kjeriku kien jgħallem id-Duttrina l-ewwel fix-Xagħra u wara fir-Rabat u d-distrett tiegħu. Kien għadu kjeriku meta fl-1830, ġie maħtur bħala organista fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat, kariga li baqa' jokkupa sas-sena 1840.[1]

Qassis

Ġie ordnat qassis fil-21 ta' Settembru 1833,[2] u beda jeżerċita l-ministeru pastorali permezz tal-qrar u tal-predikazzjoni. Matul l-imxija tal-kolera (1837) il-Kumitat Sanitarju tal-Gvern ħatru bħala kappillan ta' l-Isptar, fejn għal erba' xhur wettaq il-Ministeru Pastorali fost dawk milquta b'dik l-imxija. Wara, bejn l-1834 u l-1849, kien Viċendarju f'Santa Luċija.

Kanonku fil-Matriċi

Fl-1841 Dun Saver ġie maħtur Kanonku tal-Knisja Matriċi,[3] fejn il-Kapitlu fdalu f'idejh diversi karigi. Darbtejn fl-1844 u fl-1849 ġie magħżul bħala Prokuratur tal-Mensa Kapitulari u fl-1849 ġie ukoll maħtur Prokuratur tal-legat Grima.[4] Fl-1870, sitt snin wara li Għawdex sar djoċesi għalih, il-kanonikat tiegħu ġie elevat għad-dinjita' ta' Kanonku Teżorier. B'hekk sar l-ewwel Kanonku Teżorier tal-Katidral.[5]

Karigi fil-Kurja

Dun Saver ta servizz twil lill-Kurja f'Għawdex. Bejn l-1835 u l-1843 insibu li kien Pro-Kanċellier tal-Kurja Provigarjali. Fl-1844 ġie maħtur Kanċellier u baqa' jokkupa din il-kariga anki wara li Għawdex sar djoċesi.[6]

Fl-1876, wara l-mewt ta' l-Isqof Grech Delicata, il-Kapitlu tal-Katidral ħatru bħala Vigarju-Kapitulari u b'hekk sar responsabbli għall-anniminstrazzjoni tad-djoċesi sakemm jinħatar l-Isqof il-ġdid.[7] Mons. Pietru Pace, li kien is-suċċessur ta' l-Isqof Grech Delicata mhux biss ħatru bħala Vigarju Ġenerali,[8] iżda nkarigah biex f'ismu jieħu l-pussess tad-Djoċesi.[9]

Benefattur

Il-Kan. Formosa kien magħruf għall-ġenerosita' tiegħu u għall-kelma ta' faraġ li kien jgħid lil nies fil-bżonn jew bil-problemi.[10] Xhieda ta' l-imħabba tiegħu lejn il-fqar, tidher mill-fatt li meta kien Vigarju Kapitulari tad-Djoċesi, fl-1877, bil-permess tas-Santa Sede, biċċa mid-dħul tal-mensa ta' l-Isqof ngħatat lill-foqra.[11] Kien ukoll benefattur ta' diversi knejjes fosthom dik ta' Marsalforn.[12]

Il-Vigarju Ġenerali Formosa miet fl-4 ta' Frar, 1884.[13]

---

1 N(ational) A(rchives) M(alta), *Petitions* Grant Vol 9 (1868) Nº 2183.
2. Ara J Calleja, *Ordinazzjonijiet sacerdotali 1800-2000*, Malta 2001, p. 17.
3. NAM, *Petitions* Grant Vol 9 (1868) Nº 2183
4. Ara *L-Ghid ta' l-Assunta* (1970) u *L-Ghid ta' l-Assunta* (1971).
5. Taghrif fil-pussess ta' l-awtur.
6. Ara NAM, *Petitions* Grant Vol 9 (1868) Nº 2183.
7. Ara *L-Ghid ta' l-Assunta* (1967).
8. Ara *L'Ordine* (17 ta' Mejju, 1877).
9. Ara *L-Ghid ta' l-Assunta* (1967).
10. Ara *Il-Diritto di Malta* (12 ta' Frar, 1881).
11. Ara *L-Ghid ta' l-Assunta* (1967).
12. Ara *Malta* (6 ta' Frar, 1884).
13. Ibid.

www.gozocathedral.org.mt

iris
PORCELLANATO
TILES

Sole Agents:

Joseph Caruana Co. Ltd.

'Caruana Bldgs', Mgarr Road, Victoria.

Tel: 21 560019

www.gozocathedral.mt

Għeluq il-165 sena mit-twelid ta':

MAESTRO FRANCESCO DECESARE

kitba ta'
Grazio A. Grech

Dan l-aħħar ippubblikajt ktieb fl-isem ta' *Mill-Istorja Mużikali ta' Għawdex*. Fih tajt tagħrif soriku dwar il-mużiċisti, il-kantanti, mużika sagra u l-Maestri di Cappella Għawdxin u Maltin li kellhom konnessjoni ma' Għawdex bejn l-1710 u s-sena 2000.

Fost il-għadd ta' *Maestri di Cappella* imsemmija tajt ukoll tagħrif dwar Francesco Decesare li din is-sena jaħbat għeluq il-165 sena mit-twelid tiegħu f'Bormla fis-sena 1837. Francesco Decesare kien tħarreġ fl-arti mużikali għand is-surmast Francesco Mallia Cassar u aktarx taħt il-Patri Agostinjan Qormi, Ġużeppi Spiteri Fremond. Francesco Decesare kien ukoll kantant, kompożitur u surmast suġġeritu ta' l-opri fit-teatru Rjal ta' Malta bejn l-1879 u s-sena 1885 taħt l-imprezarji Ettori Zimelli u Giuseppe W. Malfiggiani.

Decesare fil-Katidral

Francesco Decesare għandu konnessjoni speċjali ma' Għawdex li tmur lura ta' lanqas għas-sena 1860. Dan għaliex f'dik is-sena nsibu lit-tenur R. Decesare jingħaqad mal-membri tal-Mużika tal-Kappella tal-Katidral ta' Għawdex għall-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija. Insibuh ukoll irrekordjat fil-kotba tal-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Katidral ta' Għawdex tas-snin 1866, 1867, 1871 u 1875. Ta' min jgħid li l-ħlas tas-sehem tiegħu fil-festa ta' l-Assunta tas-snin 1866, 1867 u 1871, kien 30 skut kull sena.

Il-ġurnal *Il Portofiglio Maltese* ta' l-20 ta' Awissu, 1872, jgħarrafna li f'dik is-sena ma' F. Decesare kien ukoll ħa sehem ħuh Roberto, għall-festa ta' Santa Marija. Jgħarrafna wkoll li f'din l-okkażjoni kienet ġiet esegwita l-kompożizzjoni mużikali, *Litanie*, komposta minn Roberto Decesare. Din il-*Litanie* li kien Padrun tagħha Mro Dirjanu Lanzon, illum hi arkivjata fl-arkivju mużikali tal-Katidral ta' Għawdex.

Barra dan, minn reġistri ta' l-eżitu tal-festa titulari ta' San Pietru u San Pawl li tiġi ċċelebrata fin-Nadur, Għawdex, u minn diversi ġurnali, nafu li fis-snin 1880 u s-snin 1890, Francesco Decesare, kien jieħu sehem bil-Mużika tal-knejjes tiegħu fil-festa ta' l-Imnarja fin-Nadur. Il-ġurnal *Risorgimento* tat-3 ta' Lulju, 1888, għarrafna li l-Mużika li kienet ħadet sehem fil-festa ta' l-Imnarja fin-Nadur kienet superjuri għas-snin ta' qabel u kienet immexxija mis-surmast Francesco Decesare. Jgħarrafna wkoll li għal din l-okkażjoni is-surmast Decesare kien ikkompona *Qui Sedes* għal tenur u vjolin għall-okkażjoni. Ta' min jgħid li fis-snin 1886, 1887, kienet ukoll il-Mużika ta' F. Decesare li kienet ħadet sehem fil-festa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Fl-1895 kienet ukoll il-Mużika ta' F. Decesare li ħadet sehem meta sar il-pussess ta' l-ewwel kanoniċi tal-kolleġġjata tan-Nadur.



Biċċa Mużika ta' Decesare fl-Arkivji tal-Katidral

Is-surmast F. Decesare kien ukoll jieħu sehem bil-Mużika tiegħu f'diversi parroċċi u knejjes f'Malta, fosthom f'dik tal-Mellieħa, waqt li kien ukoll jagħmel il-parti ta' tenur ma' diversi Mużika tal-knejjes ta' diversi surmastrijiet. Ta' min isemmi wkoll li l-Mużika ts-surmast Tomaso Galea ġie li wkoll tmexxiet minn F. Decesare.

Konnessjoni oħra li Francesco Decesare għandu ma' Għawdex hi dik li fil-bidu tas-snin 1890 huwa nħatar surmast direttur tal-Banda *Calypso* li kienet għadha kif twaqqfet fin-Nadur.

Il-mu]ika sagra fl-arkivji G[awdxin

Iżda, l-aktar tifkira ħajja li għad fadal

www.gozocathedral.org.mt

MARDAN'S
Mini Market

Discount Supermarket
For all your daily need

Sabina Square, Victoria - Gozo
Tel: 556906

For all your daily needs

FRANCIS CARUANA LTD.

*72 / 73 Republic Street,
Victoria, Gozo.
Tel / Fax: 556248*

bubbles
BATHROOMS

*General Importers
Bathroom & Kitchen
Equipment and
Ceramic Tiles*

*Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo.
Tel: 552413 • Fax: 560179*

FRANCIS
CARUANA
LTD.

*Importers of all
kind of Timber,
Chipboards,
Blackboards,
Veneers and
Building Materials*

*Warehouse:
Tuflija Road, Victoria, Gozo.
Tel / Fax: 552993*

www.gozocathedral.org.mt

f'Għawdex ta' Francesco Decesare hi bla dubju ta' xejn il-mużika sagra komposta minnu li sab arkivjata f'arkivji mużikali f'Għawdex. Fl-arkivu mużikali tal-Katidral ta' Għawdex insibu diversi kompożizzjonijiet. Fost dawn insibu: *Gloria in Excelsis, Sanctus, Ave Maris Stella, Salve Regina, Tantum Ergo, Requim* u *Kyrie*. Ma' dawn insibu wkoll il-kompożizzjoni ta' *Litanie della B.V. Maria* u *Angus Dei*, li huma datati 14 ta' Awissu 1869, u Padrun tagħhom kien ukoll is-surmast Dirjanu Lanzon. Fl-1880, Ġużeppi Cassar, li kien idoqq il-kuntrabaxx mal-Mużika tal-Kappella tal-Katidral ta' Għawdex, kien tħallas ta' xi kopji mużikali li għamel. Dawn kienu ġew irregalati lill-Katidral ta' Għawdex mis-surmast F. Decesare.

Fl-arkivju mużikali ta' Mons Ġużeppi Farrugia, illum Arċipriet tal-Bażilika-Kolleġġjata ta' San Ġorġ, tal-Belt Victoria, Għawdex, insibu arkivjati għadd ieħor ta' mużika sagra komposta minn Francesco Decesare. Fost dawn insibu: *Tantum Ergo, Regina Coeli, Salve Regina*, diversi vespri, u quddiesa bl-isem ta' *Quis Tollis*. Kompożizzjoni bl-isem ta' Salve Regina tinsab ukoll arkivjata fl-arkivu ta' Mro. Joseph Debrincat, waqt li fl-arkivju tas-Soċjetà Filarmonika *Leone* tal-Belt Victoria, insibu wkoll *Salve Regina* ta' F. Decesare addatata għall-banda.

Mro. Francesco Decesare miet nhar il-5 ta' Frar, 1905, f'tas-Sliema, Malta.

Jekk int dilettant ta' l-istorja u l-Melitensia akkwista kopja tal-kotba

1. 14-il Profil ta' Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin (Prezz Lm1)
2. Mill-Istorja Mużikali ta' Għawdex (Prezz Lm2)

Ikteb lil: Grazio A. Grech, Triq tas-Salib, Xewkija, Għawdex

Office Mate

Borg Geritu Street, Victoria, Gozo
Tel./Fax: 21 556 381
Mob.: 79 028 028
Email: info@office-mate.com
Web Site: www.office-mate.com

the computer and stationery shop

Computer Sales & Maintenance
Computer Accessories
Photocopying at special rates
Office supplies
Laminations up to A3
Binding

Agent

SMART CARDS
ACCEPTED

"Everything under one roof"

Just MUMS'

*THE SHOP FOR MOTHERS TO BE,
CHILDREN AND BABIES.*

fashion 2000

***Great Reduction on
Ladies' Wear***

Shop 2, Level 3 Tigrija Palazz, Republic Street, Victoria.
Tel: 21 559540

www.gozocathedral.org.mt

HAWN XI ĦJIEL TAR-RIT BIŻANTIN MALTA?

kitba ta'
© Victor John Galea

Ġann Franġisk Abela fid-Deskrizzjoni ta' Malta li ħareġ fl-1647 fil-kapitlu fuq in-Normanni ta lista ta' kliem ġej mill-Grieg li hu ħaseb li kien ġej mill-Biżantini li kien fadal Malta wara li ġew l-Għarab minn Sqallija fis-sena 870.

La hu u lanqas il-kittieba ta' wrajh ma kienu għadhom qraw x'kiteb il-Ħimjari fuq li ġara Malta f'dik is-sena. Kien biss fl-1991 bit-tħabrik tal-Professur J. M. Brincat li sirna nafu dan. Il-Ħimjari jgħidilna li wara assedju qalil u kiefer, l-Għarab ħadu l-belt ta' Malta u wara li ġarrfuha u serqu dak kollu li seta' jinġarr, saħansitra l-irħam, qerdu l-bqija.

1. Malta bla nies

Lil Malta ħallewha ħerba u lejha kienu jersqu biss is-sajjieda għax il-baħar tagħha jagħmel ħafna ħut, dawk li jibnu l-bastimenti għax fuqha kien hemm is-siġar taż-żnuber, l-għargħar, u ż-żejtun (żebbuġ oħxon) u dawk li jiġbru l-għasel, l-iktar ħaġa li kont issib fiha, forsi għax is-sagħtar kien jiksi l-blat xagħri u l-widien.

Hawn min dan il-kliem tal-Ħimjari ma setax jinżillu minn griżmejh. Imma nafu li hekk kien joħroġ għażel min jieqaf lill-Għarab. Hekk kien ġralhom Sqallija n-nies ta' Paliermu (831) u ta' Enna (859) qabel Malta, u wara Malta, lil ta' Sirakuża (878) u lil ta' Taormina fis-sena 902. Lill-irġiel kienu joqtluhom ir-rink u lin-nisa jew għall-ħarem jew għall-jasar. L-Isqof ta' Sirakuża ħelisha għax kixef fejn kienu moħbijin il-fided tal-knisja. Naħseb li l-Isqof ta' Malta xi praspura bħal din ħelsitu mill-mewt, imma mhux mill-ħabs, Paliermu.

Issa Malta mhux biss waqfet lill-Għarab imma kienet ukoll gżira Biżantina li l-gvernatur tagħha l-Ħimjari jsejjaħlu saħansitra Sultan. Issa skont Henri Bresc, l-Għarab tal-Magħreb ma ridux lill-Biżantini jieħdu xi gżira bejn l-Afrika ta' Fuq u Sqallija. Pantellerija fis-sena 835 ukoll sfat bla nies imħabba f'hekk.

Li Malta fl-għaxar seklu kienet bla nies iwettqu Bin Ħawqal li ma ġiex Malta imma fis-sena 973 kien Sqallija. Dan jgħid li bejn Sqallija u Kreta hemm Malta, gżira bla nies. Fix-xogħol tiegħu, *Ktieb Suret il-Art*, iżid li fuqha hemm ħmir tal-grixti u nagħaġ kemm trid kif ukoll għasel. Jgħid ukoll li l-barranin jinżlu kemm jiġbru l-għasel u jaqbdu l-ħmir u jbigħuhom.

Hemm min jaħseb li Bin Ħawqal ħawwad lil Malta ma' Ġalita, gżira fil-majjistral ta' Biżerta, Tunes. Imma fil-mappa li hemm fi *Ktieb Suret il-Art* Malta hemm u li Malta kien hawn l-imrieħel tan-nagħaġ u l-għasel jgħidu wkoll l-Idrisi, li kien jgħix Sqallija fi żmien in-Normanni.

Wieħed jaħseb li l-ħmir u n-nagħaġ kienu ħallewhom warajhom il-Biżantini fis-sena 870. Hekk ġara f'kull assedju li kellna wara: il-bhejjem ma kenux jidħlu l-belt. Dawn li semma Bin Ħawqal kellhom lil Malta kollha tagħhom u żegħdu. Ħalli għalihom l-ifħla u l-ikbiex ħa jgħammru u joktru! Ma kienu jħallu l-ebda moħra u għabura battala!

2. Jiġu s-Saraċini

Għalhekk Malta għal madwar 180 sena baqgħet bla nies għax kien biss fl-1049 li s-Saraċini ġew u reġgħu għammruha. Dawn reġgħu bnew il-belt ta' Malta isbaħ milli kienet qabel. Is-Saraċini, Misilmin jitkellmu bil-Għarbi li għadna nitkellmu sal-lum u li demmhom għadu jiġri fil-vini tagħna billi baqgħu hawn anke wara li fl-1091 ġie l-ħalliel Normann, il-Konti Ruġġieru, li seraqhom bil-pulit u lill-Għawdxin issakkeġġjahom bil-goff.

Abela tant kien meħud bl-idea li Malta kien baqa' l-Griegi, li, kontra dak li kiteb il-Patri Goffredu Malaterra li kien mal-Konti, l-ilsiera Nsara li ħarġu mill-Imdina jilqgħu lill-Konti bit-talb tal-Kirjelejson kienu Maltin. Imma dawn kienu josra fil-veru sens tal-kellma, jiġifieri priġunieri tal-gwerra, li l-Konti ħa miegħu Sqallija u għenhom biex jgħaddu l-Far ta' Messina ħalli jerġgħu jmorru pajjiżhom.

It-tifkira ta' dawn il-josra u dawk li ġew

MOBY DICK Complex

Bar, Restaurant
& Pizzeria

Huang Gong Chinese Restaurant
on 3rd Floor
Take Away Available

Roof Garden Restaurant
Serving Local Cusine on 4th Floor
Open from June till September from 7p.m. onwards
Aljotta - Minestra - Kusksu - Imqarrun il-Forn
Spagetti biz-Zalza tal-Fenek - Hut Frisk - Fenek Stuffat
Qarabali Mimli - Bragioli - Haruf - Clamari Mimli

4, Marina Street, Xlendi Bay, Gozo. Tel: 561518 Fax: 559632

Forestals
(APPLIANCES) LTD.

Silhouette
THE LIGHT SHOP

Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo
Tel: 21551234, Fax: 21552737

Your new property in Gozo will give you more satisfaction when you know you have the smartest available:

Light fittings from SILHOUETTE - The Light Shop
Domestic Appliances from FORESTALS - always better.
Free estimates, deliveries and connection of appliances

www.gozocathedral.org.mt

urajhom għadha ħajja fil-bieb il-falz ta' l-Imdina li jgħidulu l-Bieb ta' l-Għarreqin jew tal-Griegi. Min dan il-bieb kienu joħorġu l-ilsiera Griegi mgħobbija ż-żniebel u l-qfief mimlija bil-qżież ta' l-Imdina u jixħtuh fid-dimnija.

Fl-1478, xi ħadd tah f'għajnu daż-żibel kollu ħiereġ ġoż-żniebel, xkejjer u x'naf jien mill-Bieb ta' l-Għarreqin u l-Kunsill ħareġ bandu biex iwaqqfu. X'għamlu l-ilsiera li riedu jaħarbu l-ħamsin daqqa ta' ċinturin jekk jinqabdu ħierga minn hemm? Daru għall-Bieb l-Imdina u qamet għagħa sħiħa. Inqas minn ġimgħa wara l-Kunsill kellu jerġa jibla' kollox u reġa' ħalliehom joħorġu l-knis u d-demen mill-Bieb tal-Griegi bħas-soltu.

3. L-Għabid ta' l-1054

L-istoriku Għarbi, il-Qażwini fl-1275, jgħid li fis-sena 1048 il-Biżantini ħabtu għal Malta u l-ġellieda Saraċini ħielsa sabu li l-ilsiera li kellhom, l-għabid, kienu iktar minnhom. Għalhekk is-Saraċini wegħduhom il-ħelsien u li jagħtuhom sehem minn ġidhom jekk jitqabdu magħhom. Hekk għamlu u kisbu l-ħelsien.

Oħroġ il-għaġeb fil-ktieb ta' l-avukat Laferla li kellna bil-Malti l-iskola elementari tax-Xagħra nsibu li "*fis-sena 1048, il-Biżantini taw is-salt għal Malta u l-Maltin għenu lill-Għarab biex ikeċċuhom*".

Hekk ukoll fil-ktieb ta' Mons. Laspina li kellna l-Liċeo konna naqraw li billi l-Maltin kienu aktar mill-Għarab, dawn wegħduhom il-ħelsien u sehem minn ġidhom. Il-Maltin iġġieldu b'kuraġġ u l-Għarab żammew kelmithom. Din hija l-indottrinazzjoni li ħadt jien u sħabi fuq il-bankijiet ta' l-iskola.

Issa fil-Ħimjari nsibu iktar ftietaq fuq dan l-attakk tal-Biżantini milli hemm fil-Qażwini. Hemm li s-sena kienet sewwa sew l-1054 u li l-ġellieda Saraċini ħielsa ma kenux ħlief erba' mija. Fuq kollox insibu li l-ħielsa wegħdu lill-għabid mhux biss il-ħelsien imma li jżewġuhom 'l uliedhom il-bniet. Dan ifisser li l-għabid kienu Misilmin għax kieku ma kenux se jitħallew jieħdu mara Misilma.

U il-Prof. Brincat żelaq meta qal li l-kelma Isir bil-Malti għall-skjav turi li l-ilsiera Maltin ta' żmien is-Saracini kienu priġunieri tal-gwerra għax hekk tfisser il-kelma bil-Għarbi. Imma Malta dari għal ilsir kellna wkoll il-kelma għabd u għabid għal josra kif insibu fl-

Xbieha Biżantina tal-Madonna

ismijiet tal-postijiet bħall-Wied ta' Bir Għabd Alla (Ab 100) u Qalgħet il-Għabid (Ab 66). Kellna wkoll għeliem u għolma għal ilsir u josra, bħal Għar Għeliem, Għajn Għeliem Alla (Ab 96) u tal-Għolma, fejn il-familja Mamo kienet iżżomm l-ilsiera (Ab 510).

Il-Prof. Brincat messu fehem aħjar il-kliem ta' Alberto Varvaro li fil-ktieb Lingwa u Storja fi Sqallija (1981), qal li bejn l-1060 u l-1230 il-kriterju tal-klassifika tal-popolazzjoni kien l-istatus u mhux x'reliġjon kont tħaddan. L-indikazzjoni li l-għabid ta' l-1054 kienu Misilmin ġejja mill-offerta taż-żwieġ wara li saru ħielsa bħall-Misilmin l-oħra.

4. L-Insara fi żmien in-Normanni

Kemm kien hawn insara fi żmien ir-Re Ruġġieru n-Normann (1101-1151) jgħidilna poeta tar-Rit Grieg li safa eżiljat Malta bejn 1135 u 1151. Oħroġ il-għaġeb fi żmien dan ir-Re l-poeti Saraċini Maltin spiċċaw jitherrew Paliermu u dal-poeta spiċċa Malta. Jien naħseb li l-poeti r-Re kien jibża' minnhom għax bl-għana tagħhom kienu jistgħu jqanqlulu t-tixwix għax ruħ il-poeta tħossu ħafna n-nuqqas ta'

www.gozocathedral.org.mt

"Tax-Xelina"

For exclusive Men's Fashionwear & Footwear

92, Palm Street, Victoria, Gozo.
Tel: 21554719

For your Shopping convience and value on Groceries shop at

St. Mary Supermarket

Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo.
Tel: 21551025

www.gozocathedral.org.mt

ħelsien u trid tiżvoga.

F'poema ta' 4042 trimetru jambiku qal fost l-oħrajn li Malta sab ruħu mdawwar b'ulied Agar atei li m'huma ħadd ħlief is-Saraċini. Il-kelma Agarini smajtha l-ewwel darba fit-tieni klassi ta' l-iskola elementari tax-Xagħra fis-sena 1942 meta s-surmast kien qed jaqralna fuq l-Għarab minn ktieb bil-Malti li jien naħseb li kien l-Istorja ta' Malta ta' Vassallo fejn hemm miktub li s-Saraċini ħadu isimhom minn Sara mart Abram biex jiftaħru. L-Insara kienu jgħidulhom: M'intomx Saraċini imma Agarini, imnisslin minn Agar, l-ilsira tagħha.

L-imsejken ta' poeta tar-rit Grieg, jekk kien irid jgħid kelma ma xi ħadd jifhem bil-Grieg, kien irid jintasab bħal Miju Mekkek fuq xriek barra l-mina tal-Bieb ta' l-Għarreqin flok f'Bieb l-Imdina bħal Miju, jistenna lil xi wieħed mill-ilsiera Griegi ħiereġ mgħobbi skart għal fuq il-miżbla. Anke lsiera nisa Griegi setgħu ħarġu minn dan il-bieb bil-kannestru tal-ħwejjeġ, il-marżebba u l-lissija ħalli jaħsluhom f'Għajn Hammiem, tefgħa ta' ġebla 'l isfel.

Biss wara li r-Re Ruġġieru reġa ħa 'l Malta fl-1127, u qabel l-1156 meta l-Isqof ta' Malta sar suffraganju ta' l-Arċisqof ta' Paliermu, reġgħet twaqqfet id-djoċesi ta' Malta. Avolja l-isqof kien iżomm Paliermu dan ma setax ma jkollux Vigarju Malta bħalma jissemma fl-1270. L-Isqof, Katidral u Kapitlu żgħir kemm kien żgħir ma setax ma kellux Malta. Għalhekk ir-rit li daħal Malta fi żmien in-Normanni kien il-Latin.

Hawn ta' min isemmi li fil-kappella tal-palazz tar-Re Paliermu jingħad li kien hemm qassisin tar-rit Latin, tar-rit Grieg, kif ukoll il-liturġija bil-Għarbi. Ta' min jgħid ukoll li skont Jeremy Johns fi żmien in-Normanni, l-Latini, il-Griegi, il-Lhud, u s-Saraċini, Sqallija, kollha kellhom liġi għalihom. Hawn Malta it-tradizzjoni ssemmi biss tliet komunitajiet, jiġifieri lill-Insara li bħala kap kellhom is-sultan, lis-Saraċini li bħala kap kellhom il-mula u lil-Lhud li kellhom il-ħakim. Jien naf li kien hawn min iddieħek b'din it-tradizzjoni imma billi Pietru Caxaru li miet fl-1485 fil-kantaliena tiegħu jgħid: qalb m'għandha ħakim sultan u la mula, jien se nħalli x-xniq lill-ħmar.

Jekk noqogħdu fuq it-tradizzjoni għalhekk Malta kien hawn komunita' waħda ta' l-Insara. U l-fatt li Paliermu fejn kien hemm l-Isqof ta' Malta kien hemm il-Liturġija Għarbija jfisser ħafna għal Malta li kienet mgħammra bis-Saraċini. Dan jurina wkoll biex nobsru kif daħal il-vokabularju Grieg li kellna dari li fil-fehma ta' Abela kien ġej minn żmien il-Biżantini.

Imma l-liti, għall-purċissjoni ta' talb bħal ta' San Girgor u tar-Rogazzjoniet ta' Lapsi, miru, li tfisser iż-żejt tal-magħmudija, kona, kwani, inkwatru fuq tavla, Lapsi u malluta, ilbies ta' patri, huma l-istess kliem li hemm fl-Isqalli u ġew minn hemm bħalma ġew qassis, knisja, qaddis, Nisrani u saħansitra Santa Marija li jissemmew fi żmien in-Normanni.

Aħna ma nafux meta l-villani Saraċini bdew isiru nsara. Nafu biss li fl-1241, Malta kien għad fadal 681 familja Saraċina u Għawdex 155. Familji Nsara Għawdex kien hawn mitejn u tlieta filwaqt li Malta seta kien hawn 47. Hawn ta' min jgħid li Gilberto Abate jsemmi biss il-villani, jiġifieri l-bdiewa li kienu jaħdmu fl-oqsma tas-sultan u mhux il-poplu kollu ta' Malta u Għawdex.

5 Kif spiċċaw il-Misilmin minn Malta u Għawdex

Sqallija l-inkwiet mas-Saraċini beda fi żmien Guliermu l-Ħażin (1154-1166). Il-poplu qam għall-Misilmin fi żmien ir-Re Tankredi fl-1189. Ħafna minnhom siefru għall-Magħreb. Federiku it-Tieni fl-1220 reġa' ħadha magħhom sa ma għalibhom għal kollox fl-1225. Eluf spiċċaw Luċera, il-Pulja, fejn Federiku waqqaf armata bihom ta' xi 20,000 ruħ. Is-Saracini qamu għall-aħħar darba fl-1243 u wara tliet snin kellhom iċedu. Min kien fadal sab ruħu Luċera.

X'aktarx huwa dan l-irvell ta' l-aħħar li skont Bin Haldun ra it-tmiem tal-Misilmin f'Malta. Min parpar għall-Magħreb, uħud ittieħdu Luċera, imma l-villani li bdew jgħidulhom il-bidwin jew l-bdiewa għażlu li jitgħammdu. Kieku ma ġarax hekk kif għadna nitkellmu bil-Malti sa llum? U kieku ma ġarax hekk kif għandna kliem bħal Alla, Randan, Għid il-Kbir u manbar. Dawk li għammduhom fejn sabu r-reliġjon ta' Mawmettu tgħodd għalihom ħadu minnha u fejn ma kienx hemm kliem bħal liti, lapsi, kona u l-bqija ħaduħ mill-Isqalli, billi r-rit Grieg Sqallija kien għadu jferfer u l-lingwa Griega ma mitetx qabel l-1470.

Nistħajjilkom tgħiduli: Kif saru Nsara s-Saraċini Maltin meta l-piena għal min jagħmel

www.gozocathedral.org.mt

J. & J. Zammit Supplies Ltd.

Wholesalers for Fresh Fruits and Vegetables

by the Bastion Road, Victoria, Gozo.
Tel: 560795, Mobile: 099 4670

Make New Friends at the

Bellusa Cafe`

Right in the Heart of Victoria



PIZZA & SNACKS SERVED ALL DAY

www.gozocathedral.org.mt

hekk kienet il-mewt? L-ewwelnett gvern Nisrani bħalma kellha Malta ma kienx se jagħti l-mewt lil min jsir Nisrani. U t-tieni nett tajjeb insemmi hawn x'kien qal Bin Ħawqal għas-Saraċini tal-punent ta' Sqallija fis-sena 973 fi Ktieb Suret il-Art. Dan qal li dawn is-Saraċini kienu stupti u injuranti għax kienu jieklu l-basal. Kienu pastardi, missirijiethom Qbejjel tal-Magħreb u ommijiethom Rum. L-irġiel ma kenux isallu sewwa, la kienu jħaġġu u lanqas jagħtu l-karita', tlieta mill-erba' pilastri ta' l-Islam. Iżid li kienu qed jgħixu bħall-bhejjem.

Jekk kienu minn dawn in-nies li ġew Malta fl-1049 ma tantx nistgħu ngħidu li kellhom ħerqa kbira għal dinhom. Żgur li d-drawwa li jieklu l-basal ma' ħalq ħobż għadha fostna u li kienet fostna fl-imgħoddi għax Dun Franġisk Agius (1712-1770)għandu dan il-qawl: Il-basal tuffieħna, dawl il-qamar musbieħna, naqtgħu minn djulna biex irraqqgħu twieqna. U aħna, nisel dawn is-Saraċini, ma tantx nidħru li aħna Għarab, imma nagħtuhom lemħa sew lill-Isqallin.

6. Il-Quċċija

Kelma li Abela kien jaħseb li kienet ġejja minn żmien il-Biżantini hi l-quċċija li għadha ħajja fostna. Kif fissirha Abela, jiġifieri qamħ mgħolli mħawwar li kien jitqassam wara l-fizzju tal-mejtin, din l-użanża Duzzina sabha fil-knejjes tal-Griegi, il-Birgu u għalhekk ma kenitx daħlet Malta qabel l-1530 meta l-Griegi kienu ġew mal-Kavalieri minn Rodi. Din l-użanża fissruha lil Duzzina l-papass Manolo Metaxi u l-papass Ġovanni di Jassarino.

Imma l-quċċija li kienet titqassam bħala żerda fil-festi tal-knejjes tal-kampanja li jsemmi Magri fl-1644 kienet eqdem minn hekk għax f'testment ta' l-1491 li ħareġ J Busuttil sibu li Orlando Tonna ħalla biex lejlet il-festa tal-Madonna tal-Gemmuna – il-Lunzjata ta' l-Għalja – jitqassmu qolltejn inbid u tomnejn quċċija.

Hekk ukoll il-quċċija li jsemmi Dun Franġisk Agius, jiġifieri, qamħ mgħolli mhux mbierek li l-bdiewa kienu jqassmu għeluq l-ewwel sena ta' tarbija. Dawn iż-żewġ drawwiet daħlu minn Sqallija. Mortillaro jgħidilna li l-quċċija, li tkun soppa tal-qamħ mgħolli fl-ilma jew fil-ħalib biz-zokkor u ħwawar oħra Sqallija titqassam għeluq snin it-tfal u l-kbar, kif ukoll nhar Santa Luċija.

Issa Duminik Magri mal-ħwawar li jsemmu l-Papassijiet tal-Griegi bħaż-żbib, ġewż u ġellewż, iżid ir-rummien. Malli rajtha qalbi għamlet tikk għax ir-rummiena hi l-frotta ta' Tammuż, li l-kult tiegħu mill-Iraq u s-Sirja għadda għall-Griegi bl-isem ta' Adonis. Tammuż hu Alla tal-qamħ u kien jitwieled malli jinbet iż-żara' u jmut kif imiddu l-minġel għall-ħsad. Il-bqija tas-sena kien jgħaddih id-dinja l-oħra. Il-messaġġ tar-rummiena fuq it-tebut tal-mejjet hu l-istess bħal dak tal-ħlandun. Bħalma Tammuż imut u jirxoxta int ukoll tqum mill-imwiet. Hekk ukoll San Pawl jgħid: Bħalma mitna fi Kristu hekk ukoll għad inqumu bħalu.

Kittieb Għarbi, ħabta ta' elf sena ilu kien Harran, is-Sirja f'nofs ix-xahar ta' Tammuż li jaħbat qrib Lulju. Dan qalilna li n-nisa dak in-nhar ma kienu jieklu xejn mitħun billi lil Tammuż taħnulu l-għadmu bejn iż-żewġ ħaġriet ta' mitħna. Għalhekk kienu jieklu il-qamħ imxarrab u mħawwar bit-tamar, żbib, għads u hekk. Din mhix ħlief il-quċċija. Mela mad-drawwa li nżirgħu x-xgħir u l-ġulbiena għall-Milied u s-Sepulkru ta' Ħamis iċ-Ċirka fost it-tifkiriet tal-kult ta' Tammuż irridu nżidu l-quċċija ta' għeluq l-ewwel sena ta' tarbija u wara l-fizzju tal-mejtin.

7. Il-Festi:

A. Għid il-Ħamiem

Fl-1954, il-Prof Saydon mal-Festa ta' Lapsi ta' Abela żied Għid il-Ħamsin, Sibt Lażżru, Ħadd il-Għid u Santa Vendra bħala eżempji ta' terminoloġija Griega f'artikulett jismu: Traċċi tar-Rit Grieg fil-Knisja ta' Malta. Saydon kien ħalla f'idejn l-istoriċi biex jgħidu jekk kienx hawn ir-rit Biżantin Malta jew le. Ma dawn jien nista' nżid lil Santa Liena u lil San Tumas. Dan għax San Tumas tal-Lippija, dak li ta' ismu lir-Ramla taż-Żejtun, kellu żewġ għelieqi biex bil-qbiela ta' waħda minnhom issir il-festa tat-tlieta ta' Lulju meta taħbat skont ir-rit Melkita u b' ta' l-oħra dik tal-21 ta' Diċembru.

Il-festa ta' Għid il-Ħamiem dari kienet Għid il-Ħammiem, il-festa ta' l-Epifanija, li fil-Knisja Griega hi l-festa tal-Magħmudija ta' Kristu. Ħammiem tfisser banju jew vaska bħalma hemm ngħidu aħna Għajn Ħammiem, barra l-Bieb ta' l-Għarreqin, taħt l-Imdina u l-Għajn tal-Ħammimiet fit-triq ta' l-Għarb barra r-Rabat ta' Għawdex.

CITADEL VIDEO COMMUNICATIONS

Still Photography, Radio & Television Productions

The best caterers for sights and sounds of Gozo

You Name It ... We Do It ... From Weddings & Family Occasions to International Productions

The only Gozo based facility catering for
Domestic and Professional VHS, Super VHS & Hi 8 Video
as well as Broadcast U. Matic High Band SP and Betacam SP video format

For more information contact us at

By The Bastion Road, Victoria Gozo MALTA
Tel/Fax: (356) 551 936 - E-Mail: cvc@orbit.net.mt

TAL-HWAWAR

Issa Tista Thawwar il-Borma Bħal Dari

Issib Hwawar, Hxejjex Aromatiċi, Frott
Imqadded għal-Ħelu u Prodotti oħrajn għal-Ikel

14 - 15 KERCEM ROAD, VICTORIA, GOZO.
TEL: 562160

VELLA SERVICE STATION

For Self Service Gasoline and fine Car Products

Fortunato Mizzi Street,
Victoria VCT 111, Gozo.
Tel: 21556128

Billi kemm Saydon fisser Hamiem għax niżlet ħamiema fuq Kristu kif kien fil-Ġurdan u kemm il-Miklem, li saħansitra qal li t-Tre Re jgħidulu hekk għax il-Madonna ħadet il-ħamiem fit-tempju tal-Lhud, jien ma nistax ma niżżix ħajr lill-Prof McPartlin li fil-*Malta Year Book* ta' l-1975 fisser sew li Hamiem hi sewwa sew Hammiem, banju, u festa li fl-Eġittu Medjevali kemm il-Kopti u kemm il-Misilmin kienu jiċċelebraw bil-kbir. Il-Prof McPartlin kien intelliġenti biżżejjed biex jgħid li Sqallija u l-Italja t'Isfel, l-użanzi tal-Knisja Griega għadhom hemm sa llum avolja wara l-Konċilju ta' Trentu, li għalina jfisser iż-żjara ta' Duzzina fl-1575, kulħadd kellu jadotta l-użanzi ta' Ruma.

Dan l-isem daħal mhux għax kien hawn ir-rit Grieg Malta imma għax min għammed lill-villani Saraċini żmien l-Imperatur Federiku t-Tieni ra li jdaħħal kliem li jifhmuh diġà użat mis-Saraċini li tgħammdu Sqallija sa minn żmien in-Normanni. Li l-poplu kien jaf x'inhi ħammiem joħroġ minn talba qadima li Ġużè Cassar Pulliċino kien ġabar miż-Żebbuġ u ħareġ f'*Leħen il-Malti* fl-1949. Din tgħid: Qaltlu: Ibni tisħithomx imħabba l-ħammiem li tgħammidt fih. Dan il-kliem tgħidu l-Madonna lil Ġesù.

B. Santa Verna

Isem din il-qaddisa Griega ġej mit-Taljan għall-jum tal-Ġimgħa, qlib mill-Grieg Paraskevi, il-Ġimgħa l-Kbira. Kien Duminku Magri fl-1644 li ntebaħ li l-festa ta' Santa Verna taħbat mal-kalendarju Grieg fis-26 ta' Lulju bħalma kienet issir Katanja.

Il-kult tagħha Malta ma tantx kien imxerred għax ma kienx hemm ħlief il-kripta fil-katakombi msemmi għaliha fl-inħawi taċ-Ċagħki, ir-Rabat ta' l-Mdina u l-kappella fuq ir-riħ tal-Wied tal-Msida. Għawdex kellna lil Santa Verna ta' Għajn Lukin, ix-Xagħra.

Issa aħna nafu fiż-żgur li l-knisja ta' Santa Verna ta' Għajn Lukin kien bnieha fir-raba' tiegħu Gulinu Navarra. Dan seta' kien in-nannu ta' Gulinu Navarra li wera il-knisja lil Duzzina fl-1575. Seta' wkoll kien Gulinu Navarra li skont Abela kien Ġurat Għawdex fl-1428. Il-familja Navarra ġiet toqgħod Għawdex fi żmien ir-Re Martinu.

Għalhekk kemm id-devozzjoni u kemm il-ġurnata tal-festa ġabitha magħha din il-familja minn Sqallija fejn il-kult tagħha nsibuh Aċirjali. Li l-festa kienet ssir fis-26 ta' Lulju nafuh għax wara li l-familja Navarra telqet lejn Malta, in-nies bdew jgħidu li l-knisja mitluqa kienet ta' Sant'Anna. Hekk ukoll naħseb li nbdiet d'devozzjoni ta' xi ħadd il-knisja ta' Santa Vendra, Malta u l-kripta tagħha r-Rabat tal-Mdina.

Għalhekk il-festa tagħha fis-26 ta' Lulju ġejja mhux għax kien hawn ir-Rit Biżantin Malta, imma għax hekk kien l-użu Sqallija mnejn daħlet d-devozzjoni fil-Medju Evu.

C Santa Liena ta' l-Għargħar

Bħal Santa Verna, ma tistax tgħid li Santa Liena kellha xi kult imxerred ma' Malta u Għawdex. Malta ma kienx hemm ħlief il-knisja ta' Bir Kalkara, l-Għargħar u Għawdex kellna waħda l-Għażien, ix-Xagħra u l-oħra Ġnien is-Sultan, ta' Sannat.

Għallinqas nafu li l-knisja ta' Santa Liena ta' l-Għażien bnietha l-familja Refalo fil-ġnien tagħha. L-arma ta' din il-familja Għawdxija b'kuruna u xettru, donnha trid tgħid li kienu devoti ta' din il-qaddisa. Il-kult tagħha l-familja Refalo setgħet ġabitu magħha minn Sqallija jew mill-Italja t'isfel li t-tnejn kellhom rabta mal-Knisja Griega, billi fil-Kalendarju Latin, jekk noqogħdu fuq il-Leġġenda Awrea, li l-awtur tagħha miet fl-1298, fejn m'hemmx festa tagħha, damet ma daħlet.

Hekk wkoll naħseb li daħlet id-devozzjoni ta' Santa Liena ta' Bir Kalkara, l-Għargħar, minn xi ħadd li bnielha l-knisja hemm li l-ġurnata tal-festa ġabu miegħu minn Sqallija jew mill-Italja t'Isfel. Dan nafuh għax Manwel Vella fl-*Storja ta' Birkirkara* li ħareġ fl-1934 jgħid li Xmun Borġ kien ħalla legat biex nhar il-festa ta' Santa Liena li kienet taħbat fil-21 ta' Mejju bħalma ssir fil-kalendarju Grieg, jinxtegħel il-lampier u jsirilha l-għasar u l-quddies.

Ma nafux minn min u meta twaqqfet il-knisja ta' Santa Liena ta' Bir Kalkara, l-Għargħar, imma nafu li fl-1402 il-kappillan tagħha Dun Xmun di Xacca kien ġa miet. Nafu wkoll li l-Karkariżi kienu diġa ġarrew il-parroċċa Santa Marija, dik li jgħidulha l-Qadima, nofs triq bejn raħalhom u t-tlitt irħula l-oħra ta' Ħal-Balzan, Ħal Lija u H'Attard. Billi l-kappillan kien ukoll id-dekan tal-Katidral ta' l-Mdina wieħed jaħseb li l-knisja kien ilha parroċċa sa minn qabel kellna l-imxija tal-biża' tal-Pesta s-Sewda fl-1347.

www.bozzacathedral.org.mt

AXIAK BROS.

(STONE DECORATIONS) LTD
LIMESTONE DECORATORS
MANUFACTURES

Manufactures of:

- Exclusive Importers of Slate Tiles
- All types of balustrades
- Sculptured or plain columns
- Sculptured or plain closed stone balconies
- Fountains
- Stone troughs
- Flagstones (ciangatura) in various sizes
- Gozo marble (hard stone) tiles in various sizes
- Stone cladding (Ooxra)
- All types of rustic cladding (Sejjieb)
- Hard stone cladding (tal-qawwi)
- Marble Boarder Patters
- Interior decorations: Light Fixtures, lampshades, etc..
- Scaffolding hire

Prefabricated, Cast Iron & Electrical Fireplaces,
Gas Burners for fireplaces - Fire screens
Brass fenders - Fire Baskets - Coal Buckets
Ovens - Fire Bricks - Tool Sets
Complete Fireplaces with Mantelpieces,
Fireboxes - BBQ's - Fireplaces Installers,
Sealers for old and new buildings.

Come for a visit to see our
new range of fireplaces at our centre,
located at
Xewkija Industrial Estate,
Taflija Road, Xewkija, Gozo - Malta.

Tel: / Fax: 560252

Mobile: 097 7865/6

www.gozocathedral.org.mt

Kieku Malta kellna r-rit Biżantin mal-kult ta' Santa Liena kien jidħol dak ta' binha Kostantinu li wkoll jaħbat magħha fl-istess jum. Dan il-kult niltaqgħu miegħu kemm fil-Kalabrija u kemm fil-Kampanja. Billi l-kult li għandna Malta hu ta' Santa Liena weħidha bilfors daħal tard fil-medju evu mħabba d-devozzjoni ta' xi wħud.

8. Ir-Rum

Rum ifisser Insara tar-rit Grieg bħalma jgħidilna sewwa Abela. Mill-ismijiet ta' postijiet li kellna u li għad fadal 'l hawn u 'l hinn Malta jidher ċar li nies tar-rit Grieg ġew joqogħdu hawn minn Sqallija fi żmien is-Saraċini jew wara meta l-Maltin kienu jafu sewwa l-kelma xi tfisser. Din wieħed jistennieha għax mill-1049 sa żmienna l-immigrazzjoni minn Sqallija ma qatgħet qatt.

Biss ara wieħed jaħseb li kien hawn minnhom kemm trid. Wied ir-Rum, lejn l-Imtaħleb, hawn min jaħseb li kien hemm qatigħ minnhom. Imma għandna ħafna widien imsemmija għall-persuna waħda li tista' tkun Saraċina bħal Wied Musa, iċ-Ċirkewwa, u l-Wied ta' Srawel (dari Busrawel), Għawdex jew Nisranija bħal Wied Sardin (taqsira ta' Ansaldinu), Wied Liemu (taqsira ta' Guliermu), Malta, u Wied Biljun (Bin Iljun) u Wied Sansun (mill-kunjom Sansuni), Għawdex.

Hekk ukoll Gwejdiet ir-Rum, l-Aħrax, Bir ir-Rum, Ħal Misilmiet, in-Naxxar, u Rqajja' r-Rum, il-Madliena ma setgħux kienu ħlief ta' persuna waħda. Wieħed jara wkoll li l-ismijiet kienu kollha fit-truffijiet ta' Malta, forsi r-Rum kienu bdiewa li ġew jaħdmu raba' li ma tantx tista' tgħid li kien gwapp.

Tant kienu rari r-Rum li kull fejn kien hemm xi wieħed minnhom ħalla tifkirtu fl-isem tal-post. Biex nifhmu aħjar li m'hemmx għalfejn ikun hemm eluf biex jibqa' isimhom haj marbut ma' post ejjew nieħdu l-familja Bordino ta' l-Imdina. Din parpret lejn Sqallija malli ġew il-Kavalieri fl-1530. Dil-familja ħalliet isimha Ħaż-Żebbuġ fejn kien hemm raxxa minnhom forsi ta' xi lsir li ħa kunjomha. Insibu l-isem Ta' Bordin ukoll Għawdex taħt ta' Kenuna, in-Nadur u l-Imbordin, San Pawl il-Baħar, in-naħa tax-Xemxija ftit 'il ġewwa mill-Pwales.

9. Id-Dejr

Id-dizzjunarji Maltin sa minn żmien Ġann Franġisk Abela (1647) kollha kantaliena waħda li dejr ifisser monasterju. Kieku kien hekk tassew tant insibu minn dawn l-ismijiet ir-Rabat ta' l-Mdina u madwaru li wieħed jaħseb li fi żmien is-Saraċini hemmhekk kien qisu l-Muntanja Mqaddsa, il-Greċja, fejn m'hemmx ħlief eluf ta' monaċi u sal-ħmir, iridu jkunu rġiel. Il-prof. Wettinger ifisser dejr bħala bini qisu monasterju għax jaf bin tajjeb li r-Rabat l-ewwel patrijiet waslu żmien wara li spiċċaw is-Saraċini u li ebda wieħed minn dawn il-kunventi ma kienu jgħidulu dejr.

X'ikun dejr? Id-dizzjunarju Sqalli jfisser iddieri bħala ringiela għerien fil-blat qishom dawk ta' Binġemma u il-kelma iddieri donnha l-plural ta' dejr, djier. Issa Abela jgħid li Dejr il-Bniet hu għar li minnu ħierġa għajn ta' l-ilma ġieri li fih jgħidu li ntilfu xi xebbiet. Dan hu bgħid mill-fantasija ta' Vassalli li kkopjah il-prof. Aquilina u Dun Karm f'Inez u Emilja jiġifieri kunvent jew abbatija tax-xebbiet.

Hekk ukoll dejr l-Imgħallaq, li l-prof Wettinger niżżlu ħażin Dejr Magħlaq u ħasbu qiegħed Marsaxlokk, mhux ħlief il-knisja Troglodita ta' San Ġorġ ta' Ġebel Ċiantar (*Melita Historica* 1989) li l-patri Ġorġ Aquilina jgħid li hi kamra mħaffra fil-blat.

Aqta' x'patrijiet gwappi seta' kien hemm Dejr il-Ħmir u Dejr il-Baqar u x'ġonna sbieħ kellhom il-kunventi ta' Dejr il-Bużbież, Dejr is-Safsaf, Dejr Deru u Dejr iż-Żara! U nafu żgur li Dejr Handun għandu minn żmien is-Saraċini għax Handun, Handur jew Handul hu isem Saraċin.

Mela dejr hu għar ir-Rabat ta' l-Imdina u madwaru. Seta kien naturali u seta' kienu ħaffruh u seta' kien qabar jew ipoġew, imma dejjem għamara ġol-blat. L-eċċezzjoni hu Dejr l-Imara, kif jiktibha Abela. Dan seta' kien tassew palazz fejn kien jinżel l-amir għax imara donnha l-plural ta' amir. Ma nafx, imma, jekk fi żmien is-Saraċini kellniex amir, għax fl-1091, il-Konti Ruġġieru, milli jidher sab il-qajd kmand ta' l-Imdina. Biss għad għandna l-qawl: Bik amir u int amir min se jsuq il-ħmir?

Illum hawn min jaħseb ma' Abela li post bħall-Abbatija tad-Dejr, li hu ipoġew, ir-Rabat ta' l-Imdina, kien post fejn kien jgħix eremit. Nafu li fi żmien il-Kavallieri kellna eremit fil-grotta ta' San Pawl u ieħor il-Madonna tal-

www.bocalbrandat.org.mt

CARUANA & CINI
COMPANY LIMITED
40/41 Capuchins' Str. Victoria VCT 108 - Gozo
Tel: 551918, 564431, 564432 - Fax: 561638

Gozo Representatives for
ARISTON & Hotpoint
Appliances

5year GUARANTEE

... imagination and beyond
TALISMAN + plus
4/6 ST URSULA STREET
VICTORIA, GOZO
TEL: 564071
An experience of new concepts
in interior Furnishings
TALISMAN
New Stock Just Arrived
We innovate ....others just imitate !

www.gozocathedral.org.mt

Qala, u mhux ħafna żmien qabel ġew il-Kavallieri għandna l-leġġenda ta' San Kurraw marbuta ma' l-għar ta' San Pawl Eremita, Wied il-Għasel, ma' Kemmuna fejn kien hawn eremit ieħor, u mal-Madonna tal-Qala.

Imma li tqabbel il-kundizzjonijiet ta' Malta fi żmien l-Iżvevi l-iktar bejn is-snin 1225 u l-1246 mal-kundizzjonijiet kif kienu Sqallija fi żmien in-Normanni u tgħid li ġew il-patrijiet Bażiljani minn Sqallija jaħdmu fost il-villani Misilmin, jiġifieri l-bidwin jew il-bdiewa tar-rħula minn "stabbilimenti" msejħa dejr xejn ma ddoqqli. Meta nafu li dejr hu naqra ta'"deffusa fil-blat fejn seta' jgħix eremit kif tista' ssejjaħlu "stabbiliment"?. U minn dejr ir-Rabat ta' l-Imdina kif tista' tgħin lill-bidwin tar-rħula?

Imbagħad is-Saraċini Maltin ma kellhomx, kif josserva tajjeb Luttrell, il-ħmira Biżantina li kellhom dawk ta' Sqallija, billi Saraċini li qabel kienu tar-rit Grieg setgħu jerġgħu għalli kienu qabel. Għalhekk, jissokta Luttrell, is-Saraċini Maltin, billi ma kellhomx Griegi ma min jixxiertku bħalma kellhom Sqallija, aktarx kienu mill-ewwel tar-rit Latin bħalma kienu l-Insara fit-tliet kastelli ta' Malta u Għawdex.

Issa għalkemm nafu li l-Isqof ta' Malta kien Paliermu u li kien hemm kanonċi tal-katidral ta' Malta Sqallija, dan ma jfissirx li Malta fi żmien meta l-bidwin tar-rħula kienu qegħdin isiru Nsara ma kienx hemm kleru l-Imdina. B'xorti tajba nafu li l-ewwel kanonku tal-katidral Dun Ġwann Zafarana jissemma fl-1244. Nafu wkoll li fl-1270 jissemmew il-vigarju ta' l-isqof, l-arċidjaknu u l-kantur tal-katidral. Kien il-kleru li biex jiftiehem mar-raħlin kien jiddobba bi kliem mexxej fost is-Saraċini, Griegi u Lombardi Sqallija. Għalhekk ma' kliem bħal Alla u Randan, daħlu Lapsi u Miru u oħrajn mill-Grieg Sqalli u ċantru (kantur) u ċantrija (raba' tal-kanturat, il-Mosta), mit-Taljan Sqalli wkoll.

Barra minn dan nafu wkoll x'rabta kellhom il-kappillani tar-rħula mal-katidral, billi mhux biss ħafna minnhom sa l-1436 kienu kanonċi tal-katidral imma kollha kienu jitilgħu għall-kor il-katidral sa żmien Duzzina fl-1575.

Forsi l-akbar xhieda li Malta kellna kleru tar-rit Latin hi, paradossalment, l-użu tar-rit Gallikan fil-liturġija, li sa żmien Duzzina kien għadu jferfer kemm Malta u kemm Għawdex. Il-Konti Ruġġieru kien iġib isqfijiet u kanonċi tar-rit Latin minn barra Sqallija. Fl-1083 wieħed minn dawn, l-arċisqof ta' Paliermu daħħal, il-liturġija Gallikana. U billi nafu li l-isqof ta' Malta kien jogħod Paliermu u li l-arċisqof ta' Paliermu kien il-metropolitan tiegħu mill-1154 'il-quddiem dan ir-rit ma damx ma' daħal Malta mal-kleru Sqalli, aktarx l-ewwel fost il-gwarniġġjon tat-tliet kastelli li kien hawn Malta u Għawdex, wara l-1127.

VICTOR J GALEA
IR-RABAT GĦAWDEX
17.04.2002

la femme

Ladies, teenage and child boutique

Karlu Galea Str., Victoria,
VCT 111 - Gozo, Malta.
Tel: 564243, 558886
Fax: 564215, Mob: 0947 0114

www.gozocathedral.org.mt

Ta' Nisju

for Best shopping

Ladies, Fashion Wear
Teens Casual Wear
Curtains and Carpets

St. George's Square,
Victoria, Gozo.

Tel: 21 564166
Fax: 21 556334

Ta' Dirjanu

BOTTLE SHOP

Special Prices on beers, soft drinks and spirits for weddings, parties and all other occasions.

St. George's Fief. Victoria. VCT 104 Gozo.
Tel: (+356) 565927. Fax: (+356) 550185.
E-mail: agiusbottleshop.com

Company reg. no. c17560. VAT reg. no. 1344 - 0007

SopoS
Gozo Wines

CENTRAL
COFFEE HOUSE

Sopos Bar
(It-Tokk)

Proprietor: Mr. Joseph Farrugia
20, Independence Square, Victoria, Gozo - Tel 551039

www.gozocathedral.org.mt

IL-VITTMI GĦAWDXIN TA' L-EWWEL GWERRA 1914 - 1918

minn
Charles Bezzina

L-ewwel gwerra dinjija ma kellhiex l-istess effett li kellha t-tieni waħda fuq il-gżejjer tagħna. Filwaqt li fit-tieni waħda, Malta u Għawdex batew il-ġuħ, is-sagrifiċċji u pajjiżna sar ħerba sħiħa mill-attakki bla rażan ta' l-għadu, l-ewwel gwerra għal Malta kienet differenti.

Malta l-infermiera

Malta, kolonja Ingliża, serviet bħala l-infermiera tal-Mediterran għan-numru kbir ta' feruti barranin li waslu lejn pajjiżna, l-aktar fil-gwerra tad-Dardanelli, ħabta ta' April 1915. Dr Herbert Ganado fil-ktieb monumentali *Rajt Malta Tinbidel*, jirrakkonta hekk:

Fl-4 ta' Mejju, 1915, waslu f'pajjiżna l-ewwel feruti. Il-vapuri sptar, bojod bis-slaleb ħomor kbar tar-'Red Cross' fil-ġnub, daħlu fil-Port donnhom bid-dwejjaq. Xi xjuħ fil-gallerija tal-Barakka bdew jiftakru u jirrakkontaw meta kienu ġew f'pajjiżna, daqs sittin sena qabel, il-feruti tal-Krimea. Malli xterdet mal-Belt ix-xniegħa li kienu deħlin il-feruti tad-Dardanelli, il-Barakka u s-swar imtlew bin-nies. Ma kienx hemm il-baned idoqqu bħal meta daħlet il-flotta Franċiża. Kien hemm, biex ngħid hekk, fuq is-swar kollha dak is-skiet li jkun hemm madwar is-sodod tal-morda gravi fl-isptarijiet ...

Strada Rjali kienet mimlija, imma fin-nofs tat-triq ma kienx hemm nies. Il-Pulizija kienet qiegħda żżomm it-traffiku u ma tħallihx jgħaddi minn hemm. In-nies kienet siekta u ffullata fuq iż-żewġ bankini bħal meta tgħaddi l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Ħafna nies kellhom il-kaxex tas-sigaretti lesti f'idejhom. Oħrajn kellhom boroż biċ-ċikkulatini li Blackley u l-Opera bar bdew ibiegħu ...

Ma' Malta b'kollox, għad li mhux fil-bidu nett, kienu ttestew 27 sptar, b'2,000 sodda. F'Għajn Tuffieħa kien hemm it-tined għal 4,000 konvalexxenti. Kien hawn, bejn Ingliżi u Maltin mat-300 tabib. Ġew mill-Ingilterra fuq l-1,000 nurse. In-numru tal-Maltin impjegati ma' l-isptarijiet militari ma kontx tgħoddu. Ġew fost it-tobba, x'uħud mill-aqwa tobba Ingliżi, bħal Balance u Garrot ...

Sa l-aħħar ta' Mejju kienu ġew 4,000 fi tmien sptarijiet. Sa Settembru 10,000. Sa Marzu 1916 is-sodod kienu laħqu 20,000. B'kollox kien ġew Malta bejn morda u feruti 80,000 ...

Fil-25 ta' Settembru 1915, ftit qabel ma ġew irtirati t-truppi kollha minn Gallipoli, l-Ingliżi u l-Franċiżi żbarkaw f'Salonika, biex jgħinu lill-eżerċitu tas-Serbja li kien magħfus sew mit-Tedeski, l-Awstrijaċi u l-Bulgari ...

Il-vittmi Għawdxin

Illum mhux il-ħsieb tiegħi li noqgħod insemmi t-taqbidiet kbar li saru fl-ewwel gwerra u fejn eluf kbar ta' suldati miż-żewġ naħat ħallew ħajjithom fil-ġlied bħalma huma dawk tas-*Somme*, tad-Dardanelli, *Verdun*, *Ypres* u oħrajn. Illum iżda ninsab lest li nagħti ħjiel, wara ħafna tiftix u riċerka, dwar dawk il-vittmi Għawdxin li fl-ewwel gwerra sabu ruħhom suldati f'Salonika, baħin fuq il-vapuri tal-ġlied fil-battalja navali ta' Jutland fl-aħħar ta' Mejju 1916, u f'ċirkustanzi oħra, jew suldati fil-bażi navali u ta' l-ajru fil-port ta' Taranto fl-Italja.

Sa mill-aħħar perijodu tal-gwerra, jiġifieri lejn Settembru 1916, madwar 800 Malti u Għawdxi vvolontarjaw bħala *Labour Corps* u marru lejn Salonika, fil-Greċja, biex ma' l-Ingliżi jaħdmu u jgħinu fil-ġlieda kontra t-truppi Ġermaniżi u Bulgari. Battaljuni Maltin u Għawdxin baqgħu imorru aktar tard, tant li għadd ġmielu ta' Maltin u Għawdxin kienu f'Salonika.

Żewġ *Employment Companies*, waħda fi Frar u l-oħra f'Settembru 1918 kienu wkoll telqu minn Malta. Matul dan iż-żmien il-glieda għall-ħelsien tas-Serbja u kontra l-qawwa tal-pajjiżi ċentrali, fosthom il-Bulgarija, kienet waħda ta' tlajja' u nżul għall-alleati, iżda

OFFICE EQUIPMENT

FOR ALL OFFICE SUPPLIES & STATIONERY

Photo Copy Service & Binding
Calculators, Typewriters,
Cash Registers, Fax Machines

12, St. Francis Sqr., Victoria - Gozo
Tel: 21554052 Fax: 21563745

ZA Zammit Aluminium Ltd.

'Private Alley', Fountain Street, Fontana, Gozo.
Tel / Fax: 554058.

Wasalt biex taghmel l-aperturi ta' l-ALUMINIUM u tixtieq ikollok l-ahhar teknologija bl-ahjar kwalita' u b'xoghol mahdum professjonali?

Ahna b'20 SENA ESPERJENZA noffrulek dan kollu:

- *Double glazing* b'kull tip ta' ħġieġ kemm *PLAIN* u *BID-DISINN*
- Sandblasting fuq ħġieġ ta' l-aperturi jew tal-*cupboards* tal-kċejjen u anki fuq mirja
- Sistema ġdida tal-P4 u Export 60
- *Moveable Louvers*
- *Roller/Vertical Blinds*
- Soffitti u *PVC Folding Doors*
- Disinni ta' l-Aluminium addattati għall-*gates* u poġġamani minn kull kulur, tajbin ħafna għal djar rustiċi b'dehra tal-ħadid bla ma jkullok bżonn żebgħa
- Bibien tal-*garages* galvanizzati u wkoll bir-*remote control*.

Għal aktar informazzjoni u stima b'xejn ċemplu:

554058

www.gozocathedral.org.mt

f'Settembru 1918 fl-offensiva kbira li l-alleati għamlu fil-battalja ta' *Monastir*, huma ġagħlu lill-Bulgarija tasal tagħmel l-armistrisju tat-telfa.

Matul is-snin 1916-1918 madwar 100 persuna li kienu jagħmlu parti *mill-Maltese Labour Corps* tilfu ħajjithom jew kawża tal-gwerra jew minħabba mard jew xi raġuni serja oħra. Minnhom insibu diversi Għawdxin, li bħala msieħba u ngaġġati f'dan il-korp, taw huma wkoll il-kontribut tagħhom sa ma' x-xorti ħażina messet lilhom ukoll.

Il-lista dettaljata tal-vittmi Għawdxin ta' l-ewwel gwerra li sejjer inżżel, sejra mhux biss tinkludi l-Għawdxin imsejkna li marru mal-*Malta Labour Corps*, iżda wkoll bosta oħra li għerqu ma' vapuri merkantili jew tal-ġlied u saħansitra f'ċirkustanzi oħra. Għajr għat-tagħrif interessanti li kien ta dwarhom Dun Dumink Camilleri fil-ktieb tiegħu *Mitt Jien Biex Tgħix Int*; xi tagħrif ieħor, bħal per eżempju meta għerqu l-vapuri u l-bqija, qiegħed jiġi ppubblikat għall-ewwel darba.

Kif bi sforz kbir kemm missieri Frank Bezzina (1925-1996) kif ukoll jien, għamilna minn kollox biex l-ismijiet tal-vittmi tat-tieni gwerra (1939-1945) ma jintilfux u jkunu ppubblikati b'dettalji li qatt ma dehru qabel, hekk din il-lista tal-vittmi Għawdxin ta' l-ewwel gwerra se tkun kuruna friska ta' dettalji biex ma jintilfu qatt u biex il-kunsilli lokali ifakkruhom kif xieraq permezz ta' lapida jew xi ħaġa oħra fir-raħal tagħhom.

Il-Qala

1. **Attard Ġiovanni Battista**, bin Ġużepp, minn 40 Triq l-Imġarr. Huwa għereq bħala *Stoker* fuq l-*HMS Chesterfield* fit-18 ta' Mejju 1918.
2. **Attard Nikola**, bin Antonio minn 13 Triq in-Nadur. Huwa għereq bħala baħri fuq *l-HMS Rosario* fit-18 ta' Awwissu 1917.
3. **Buttigieg Ġużepp**, żewġ Marija, minn 5 Triq l-Imġarr. Huwa kien imsieħeb fil-*Malta Labour Corps* Nru. 2802 u miet f'Salonika bejn Settembru u Novembru 1918.
4. **Debono Anġlu**, bin Francesco, minn 37 Triq in-Nadur. Huwa għereq bħala baħri fuq il-vapur merkantili *SS Gladpuin*.
5. **Debono Salvatore**, bin Grezzju, minn 35 Triq Wileġ. Huwa miet bħala msieħeb fil-*Malta Labour Corps* Nru. 129 f'Salonika bejn Settembru u Novemberu 1918.
6. **Demanuele Mikiel**, bin Ġużepp, minn 42 Triq Hondoq. Huwa għereq meta kien bħala baħri fuq il-vapur merkantili *SS Rosario* fit-18 ta' Awwissu 1917.
7. **Falzon Francesco**, bin Mikiel,, minn 24 Triq Ġondoq. Huwa kien *Trimmer* bin-numru 3277 u għereq fuq il-vapur *HMS Louvain* fl-20 ta' Jannar 1918.
8. **Grima Salvatore**, żewġ Anġla, minn 23 Triq il-Wardija. Huwa għereq bħala baħri Nru. 85974 fuq il-vapur *HMS Frigate Bird* fil-11 ta' Marzu 1918.
9. **Portelli Carmelo**, bin Pawlu, minn 52 Triq l-Imġarr. Huwa għereq bħala baħri Nru. 6318 fuq l-*HMS Louvain* fl-20 ta' Jannar 1918.
10. **Thewma Mikiel**, bin Ġużepp, minn 2 Triq il-Kunċizzjoni. Huwa miet f'Salonika bejn Settembru u Novembru 1918 meta kien ingaġġat fil-*Malta Labour Corps* Nru. 4274.

Għajnsielem

1. **Cassar Carmelo**, bin Spiru, minn 21 Triq il-Ġnien. Huwa miet f'Salonika bejn Settembru u Novembru 1918 meta kien ingaġġat fil-*Malta Labour Corps*.
2. **Cauchi Loreto**, bin Pietru, minn 63 Triq Ħamri. Huwa miet f'Taranto bħala suldat fil-*Malta Labour Corps*. B'għelt Loreto Cauchi jinsab imniżżel fuq il-Monument tal-vittmi tat-tieni gwerra fit-Tokk ta' Għawdex.
3. **Gauci Ġiovanni**, bin Anton, minn 81 Triq Ħamri. Huwa għereq bħala *Steward* fuq l-*HMS Frigate Bird* fil-11 ta' Marzu 1918. Għal xi raġuni mhix magħrufa ismu jinsab imniżżel mal-vittmi tat-tieni gwerra fit-Tokk ta' Għawdex.
4. **Grima Ġiovanni**, bin Dionisia, minn 12 Trqia il-Knisja. Huwa miet bejn Settembru u Novembru 1918 meta kien Salonika bħala membru mal-*Malta Labour Corps*.
5. **Sant Salvu**, żewġ Carmela, minn 22 Triq Ġamri. Huwa miet bħala baħri fuq l-*HMS Frigate Bird* fil-11 ta' Marzu 1918. Ismu jinsab bi żball imniżżel bħala wieħed mill-vittmi tat-tieni gwerra fuq il-Monument fit-Tokk ta' Għawdex.
6. **Vella Lawrenz**, żewġ Assunta, minn 18 Triq Ħamri. Huwa għereq mal-vapur merkantili *SS Mavisbrook* fis-17 ta' Mejju 1918.

Ir-Rabat

1. **Attard Francesco**, bin Angelica, minn 20 Triq San Duminku. Huwa għereq bħala

www.gozocathedral.org.mt

Coney Island Bar

Jawguraw il-Festi t-Tajba lill-klijenti tagħhom...

13, Sir Adrian Dingli Street, Victoria
Tel: 21551289

For Best Quality Fresh & Frozen Meats
Stop & Shop at:

Car Park Butcher
and also
Fresh Fruits & Vegetable

Now Open from Tuesday to Saturday
Ġorġ Borg Olivier Str., Car Park - Victoria
Tel: 21 552434

SUNSHINE
restaurant
TEL: 554458 - 563187
XLENDI , GOZO

www.gozocathedral.org.mt

Trimmer bin-numru 36277 fuq l-*HMS Louvain* fit-30 ta' Jannar 1918.
2. **Bugeja Ġużepp**, bin Francesco, minn 35 Triq San Ġwann. Huwa miet bħala membru fil-*Malta Labour Corps* bejn Marzu u Mejju 1917.
3. **Cefai Salvatore**, ħu Grezzju, minn 3 Triq Għajn Qatet. Huwa miet f'Taranto bħala imsieħeb fil-*Malta Labour Corps* bin-numru 4409.
4. **Gatt Carmelo**, żewġ Marija, minn 30 Triq San Duminku. Huwa miet f'Salonika bħala membru fil-*Malta Labour Corps*, bejn Marzu u Mejju 1917.
5. **Gatt Ġorġ**, bin Ġiovanni, minn 90 Triq Palma. Huwa miet f'Salonika bħala suldat fil-*Malta Labour Corps*, bejn Marzu u Mejju 1917.
6. **Gauci Eugenio**, bin Ċensu, minn 42 Triq Putirjal. Huwa miet f'Salonika bħala membru fil-*Malta Labour Corps*, bejn Marzu u Mejju 1917.

L-Għasri
1. **Attard Carmelo**, bin Wiġi, minn 6 Triq Wilġa. Huwa miet f'Taranto bħala membru fil-*Malta Labour Corps*.
2. **Camilleri Mikiel**, bin Karmnu, minn 9 Triq il-Misraħ. Huwa miet Malta bħala baħri fuq *Minesweeper*.
3. **Camilleri Salvu**, żewġ Marija, minn 5 Triq il-Kanun. Huwa miet bħala membru tal-RAF bin-numru 83 fil-bażi ta' Taranto.
4. **Saliba Wiġi**, bin Pawlu, minn 1 Triq il-Kanun. Huwa miet f'Salonika bħala imsieħeb fil-*Malta Labour Corps* bejn Marzu u Mejju 1917.

San Lawrenz
1. **Axiaq Ignazio**, bin Salvu, minn 42 Triq San Lawrenz. Huwa miet Salonika bejn Settembru u Novembru 1918 meta kien ingaġġat bħala membru tal-*Malta Labour Corps*.
2. **Mizzi Carmelo**, bin Tereża, minn 18 Triq il-Wileġ. Huwa miet Salonika bejn Settembru u Novembu 1918 bħala membru tal-*Malta Labour Corps* Nru. 550.

Ta' Kerċem
1. **Cassar Ġiovanni**, żewġ Tereża minn 45 Triq Santa Luċija. Huwa miet Salonika bħala imsieħeb fil-*Malta Labour Corps* Nru. 995, bejn Marzu u Mejju 1917.

Ta' Sannat
1. **Sacco Ġużepp**, żewġ Roża, minn 20 Triq Saguna. Huwa miet Salonika bħala membru fil-*Malta Labour Corps*, bejn Marzu u Mejju 1917.

In-Nadur
1. **Attard Pawlu**, bin Saverio, minn 33 Triq Xandriku. Huwa għereq bħala *Steward* Nru. 25434 fuq l-*HMS Shark* fil-31 ta' Mejju 1916 fil-battalja ta' Jutland.
2. **Bartolo Anġlu**, bin Marija, minn 15 Triq tas-Sajd. Huwa għereq bħala *Fireman* Nru. 808 fuq l-*HMS Louvain* fil-20 ta' Jannar 1918.
3. **Camilleri Francesco**, bin Ġanni, minn 2 Triq Grunju. Huwa miet bħala suldat Pte. Malta Militia, KOMR, fi sptar ġewwa *Cambridge* madwar Novembru 1918.
4. **Camilleri Mikiel**, bin Ġużepp, minn 33 Triq Dun Grezz. Huwa għereq bħala *Fireman* Nru 21671 fuq il-vapur merkantili *SS Stuart Prince* fit-22 ta' Marzu 1917.
5. **Camilleri Salvu**, bin Mikilel, minn 19 Triq il-Knisja. Huwa miet Salonika bħala membru fil-*Malta Labour Corps* bejn Settembru u Novembru 1918.
6. **Grima Anġlu**, bin Mikiel, minn 16 Triq it-Tiġrija. Huwa miet bħala *Fireman* fuq il-vapur *SS Llandover Castle* fis-27 ta' Ġunju 1918.
7. **Mejlaq Ġużepp**, bin Marija, minn 13 Triq Grunju. Huwa miet Salonika bħala parti mill-*Malta Labour Corps* Nru 578, bejn Settembru u Novembru 1918.
8. **Tabone Salvu**, bin Ġiovanni, minn 28 Triq Grunju. Huwa għereq bħala *Steward* Nru. 32518 fuq il-vapur merkantili *SS Shimosa* fit-30 ta' Lulju 1917.

Ix-Xagħra
1. **Galea Ġiovanni Battista**, żewġ Carmela, minn 2 Triq Għajn Qamar. Huwa miet f'April 1915 bħala baħri Nru. 1335 fuq l-*HMS Canopus* fil-battalja tad-Dardanelli. Ibnu Anton għereq fit-tieni gwerra bħala baħri fuq il-vapur *SS Chelsea* fit-30 ta' Awwissu 1940.
2. **Spiteri Ġużepp**, bin Pawlu, minn 20 Triq Parsott. Huwa miet Malta bħala membru fil-*Maltese Labour Corps*.
3. **Sultana Ġużeppi**, bin Marija, minn 12 Triq Ġorf. Huwa miet f'Taranto bħala membru fil-Malta Labour Corps.

www.gozocathedral.org.mt

FLAMINGO BAR

Pjazza J. F. Kennedy, Victoria, Gozo. - Tel: 553704

Miftuh kuljum mis-7.00 a.m. sat-tard bil-lejl

Special Attractions

- Big Screen għall-football (*English Leagues, Italian Leagues and World Cup*)
- Surround Speakers Stereo System
- Four Monitors (*M.T.V. Music Channel*)
- Billiard (*American Pool*)
- Video Games
- Table Soccer

Snacks

- Ham and Cheese Sandwiches
- Tuna and Salad Sandwiches
- Toasted Ham and Cheese Sandwiches
- Ham and Cheese Ftira
- Pizza
- Light Snacks and Sweets (*eg. twisties*)

Drinks

- Tea Coffee
- Capuccino
- Espresso
- Soft Drinks
- Beer
- Spirits
- and much more

Naccettaw Parties

See You There !

SMS

S. MIFSUD & SONS LTD

TRAVEL & TOURISM

The complete travel shop

* Air Travel
* Ferry Crossings
* Accomodation
* Cruises
* Car Hire
* Travel Insurance
* Group Arrangements

311, Republic Street, Valletta. Tel: 232211
33, Tower Road, Sliema. Tel: 330368
16, Republic Street, Victoria, Gozo. Tel: 551126
27, Birkirkara Hill, St. Julian's. Tel: 320655

Ix-Xewkija

1. Azzopardi Carmelo, bin Carlo, minn 13 l-Imġarr. Huwa miet Taranto bħala suldat fil-*Malta Labour Corps*.

2. **Bigeni Publio**, bin Francesco, minn 3 Triq San Bert. Huwa miet bħala baħri Nru 13797 fuq *Hospital ship*.

3. **Xuereb Ġużepp**, bin Ġiovanni, minn 35 Triq Sant'Indrija. Huwa miet Salonika bħala membru fil-*Malta Labour Corps*, bejn Marzu u Mejju 1917.

Fl-aħħarnett interessanti nsemmi l-artist Għawdxi Tommasu Zahra (Majsi ta' l-Għadmu), bin Ġużepp u Karmena neé Vella. Huwa, li kien magħruf sewwa għall-pasturi tal-Milied u pasturi oħra tat-tafal li kien jagħmel, kien ingaġġat fil-*Malta Labour Corps* ma' l-Għawdxin sħabu. Majsi kien għażeb flimkien ma' tliet ħutu oħra, Toni, Ġuditta u Filomena, u kien joqgħod u jgħix f'da fi Triq San Ġorġ. Fil-11 ta' Frar 1917, meta kellu madwar 30 sena, huwa kiteb lil ħuh minn Salonika fuq wara ta' ritratt tiegħu li ttieħed fil-kamp ta' l-istess post, ma' żewġ Għawdxin oħra. Huwa kitiblu hekk:

Għażiż ħija

Jiena ninsab qawwi u sħiħ għall-grazzja ta' Alla, u hekk nispera li intom tinsabu bħali. Jiena ninsab kuntent ħafna għaliex ix-xogħol mhux ta' tbatija u aħna fil-kamp qegħdin jiena u Toni ta' Saver tal-Mewta u Ġanni l-Bajdi u ħafna Għawdxin. Jiena nselli għalikhom ħafna u selli għall-barbier u għall-ħbieb kollha u għal Barabba u għall-Brejbex. Hija għidt lil Ċikku tal-Cortis li la niġi lil San Luiġi nillestihulu.

SAĦĦA
TOMMASO ZAHRA
11.2.1917

Matul is-snin 1915-1918, fil-front ta' Salonika, eluf ta' suldati alleati mardu bil-malarja fl-inħawi ta' madwar Salonika. F'dan il-perijodu aktar minn 481,000 persuna kellhom jiddaħħlu fl-isptarijiet għall-kura. Minnhom kien hemm biss madwar 18,000 li kienu feruti tal-gwerra. Fl-isfond ta' l-istorja il-front ta' Salonika jibqa' wieħed kontroversjali. Minkejja li fl-aħħar l-alleati kisbu parti mill-għan tagħhom għax rebħu l-Bulgarija u żammew il-qawwiet ċentali, dan sar bit-telfa esaġerata ta' eluf kbar ta' suldati alleati, fosthom xi Għawdxin li sfaw vittmi sfortunati ta' l-ewwel gwerra.

Majsi Zahra (tal-Għadmu) fin-nofs nofs flimkien ma' Ċikku l-Bajdi u Toni tal-Mewta (fuq l-lemin), it-tlieta suldati Għawdxin f'Salonka (1917)

www.gozocathedral.org.mt

KEWKBA TA' FILGĦODU

poeżija ta'
Ġanninu Cremona

Il-kwiekeb fiddiena
li jżejnu s-smewwiet
fl-iljieli sajfija
bl-eluf u l-mijiet,
tħejjew għall-parata
ta' dawl u ta' dija,
biex jagħħlu min jisboq
fil-ħmien u s-sħubija,
u libsu x-xuxa
bir-raġġi deħbija,
minsuġa bil-fidda,
fil-firxa smewwija.
Sfilaw il-pjaneti
tal-ġlejjeb rejiet,
bil-kuda leqqiena
jilmaw bid-dijiet
u kewkbet is-safar
djamant l-aktar fin,
tiddandan u tilma
fost sħabha għajjurin,
il-kewkba li tteptep
fl-għaxija fl-orjent
u l-oħra li tiddi
bil-żmiel fil-punent,
ilkoll għalenija,
xewqana u ħerqana
li jkunu magħħula
fost l-isbaħ tużżana,
sabiex jinsġu damma,
stellarju ta' dija,
kuruna ta' kwiekeb
madwar ras Marija.
għaliex fost il-ġmiegħi
bla għadd fis-smewwiet,
Marija li l-kewkba
li l-isbaħ iddiet.
Hi tisboq lill-qamar,
Hi tgħammex lix-xemx,
Marija hi l-kewkba
li bħalha żgur m'hemmx.
Għax sewwa fil-bnazzi,
jew waqt it-tempesta,
f'kull ħin u f'kull ġtieġa
Hi dejjem hemm lesta
bħal kewkbet is-safar,
fanal għall-baħħara,
sinjal ċar fis-sema
musbieġ fuq l-imnara
li qatt ma jintefa',
it-tama aħħarija
is-sliem fil-hemm tagħna
Santa Marija.
Kien xieraq Madonna
uliedek l-Għawdxin
jinsġulek stellarju
mid-deheb l-aktar fin,
għaliex inti waħdek
tas-sema r-reġina
imdawra bil-kwiekeb
hekk sbejħa u rħina.
Għaliex inti waħdek
fis-sema mgħollija
il-kewkba li ddawwal
il-gżira Għawdxija.

Ġanninu Cremona
10/08/2001

Din il-poeżija inkitbet u nqrat fl-okkażjoni tat-tqegħid ta' stellarju tad-deheb fuq ras Santa Marija mill-Isqof N. Cauchi f'ċerimonja li nżammet fil-Pjazza tal-Katidral nhar il-Ġimgħa 10 ta' Awissu 2001.

www.gozocathedral.org.mt

Kollox bil-

LIRA

Lm1

Triq il-Kapuċċini (Fit-triq lejn Marsalforn)
jew
Pjazza Sabina
RABAT - GĦAWDEX • Tel: 2155 5864

jew Pjazza San Franġisk

www.gozocathedral.org.mt

IL-MADONNA

L-aktar waħda li tgawdi mill-frott ta' sidna Ġesù Kristu

kitba ta'
Anġlu Xuereb

Fil-15 ta' Awwissu, il-Knisja tiċċelebra t-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija. Din l-festa twasslilna veritajiet kemm dwar il-Madonna kif ukoll dwar id-destin tal-bniedem wara l-mewt.

Il-bniedem dineb, Alla wiegħdu s-salvazzjoni

F'din il-festa, il-Liturġija ma tonqosx li tfakkarna fil-qawmien universali. Permezz tad-dnub "oriġinali" daħlet kemm-il mewt spiritwali kif ukoll dik tal-ġisem. San Pawl jikteb fl-ittra lir-Rumani: "Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu" (Rum 5, 12). Għalhekk permezz ta' dan id-dnub tal-bidu, in-natura umana waqgħet taħt il-ħakma ta' l-injoranza, tat-tbatija, tas-setgħa tal-mewt, u tal-ġibda lejn id-dnub.

Iżda Alla ma ħalliex lil bniedem taħt il-ħakma tal-mewt u d-dnub. San Pawl jgħidilna: "Kif bil-ħtija ta' wieħed waħdu waslet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' wieħed waslet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja" (Rum 5,18). Kristu fasslilna ordni ġdida - permezz tal-passjoni u l-mewt tiegħu tana l-mezzi biex nirbħu d-dnub. Għalkemm il-mewt tal-ġisem tibqa' sseħħ iżda wegħedna qawmien tal-ġisem ukoll fl-aħħar jum. Il-fatt li Sidna Ġesù Kristu qam minn bejn l-imwiet huwa garanzija li se jqajjem lilna wkoll. Fl-ewwel qari tal-quddiesa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna naqraw: "Għaliex jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu" (1 Kor 15, 22).

Il-Madonna gawdiet mill-fidwa ta' Kristu

Jiġifieri l-bnedmin ta' kull età u ta' kull żmien se jgawdu mill-frott ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-Liturġija ta' din il-festa trid tfakkarna li l-Madonna kienet l-ewwel waħda li gawdiet mill-frott kollu b'mod speċjali mħabba t-Tlugħ tagħha fis-Sema bil-ġisem glorjuż.

Il-Madonna bdiet tgawdi sa mill-bidu tal-ħajja tagħha l-fidwa ta' Sidna Ġesù Kristu. Għaldaqstant huwa tagħlim infallibli tal-Knisja li Alla ma ħalliex lanqas għal waqt wieħed biss li l-Madonna tittebbgħa bid-dnub tan-nisel, iżda ħelisha minnu għall-merti futuri ta' Sidna Ġesù Kristu. Dan kien l-ewwel frott li l-Madonna gawdiet mill-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesu Kristu.

Il-Madonna irċeviet ukoll mingħand Alla grazzja speċjali li ma tarax it-taħsir tal-qabar u li ttelgħet is-Sema bir-ruħ u l-ġisem. Il-Knisja dejjem emmnet f'din il-verità li ntgħamlet b'domma ta' fidi fl-1 ta' Novembru, 1950, mill-Papa Piju XII. Dan il-Papa jikteb li l-Verġni Marija "kisbet ġieħ li ġisimha ma jarax it-taħsir tal-qabar, għaliex kif Binha ħareġ rebbieħ fuq il-mewt, hekk hi wkoll kellha toħroġ rebbieħa fuq il-mewt u tiġi mtellgħa fil-glorja tas-Smewwiet bir-ruħ u l-ġisem biex toqgħod bħala Sultana fuq il-lemin ta' Binha, is-Sultan taż-żmenijiet kollha, is-Sultan ta' Dejjem".[1]

Kien jixraq li l-Madonna tgawdi l-ewwel minn dak il-frott tal-fidwa ta' Kristu li hija għall-bnedmin kollha. Hija tat il-*Fiat* tagħha lill-anġlu Gabriel biex Sidna Ġesù Kristu jkun jista' jitnissel fi ħdanha. Il-Madonna qasmet miegħu l-ferħ u t-tbatijiet li kellu fil-ħajja tiegħu. Saret sieħba miegħu fil-pjan tal-fidwa tagħna. Mhux ta' b'xejn li t-tradizzjoni nisranija tara fil-Madonna, l-Eva l-ġdida. Kif fil-bidu tal-ħolqien Eva waslet ma' Adam għar-rovina spiritwali u morali ta' l-umanità hekk ukoll, il-Madonna ikkoperat ma' Kristu biex tissewwa din il-ħsara filwaqt li jinkisbu grazzji akbar. Il-Knisja f'Sibt il-Għid fl-*Exultet* tkanta li l-ħtija ta' Adam u Eva kienet waħda ħienja għax biha stħoqqilna Feddej hekk ta' l-għaġeb.

SAMMY SPITERI (IL-MAJJUST)

Ghal kull xoghol ta konkos ,bjut u bini,kiri tal-krejn. Issibu wkoll jablo ghal taht il-kontrabjut jew ghal bejn il-hitan biex inaqqas hafna mill-kesha u mis-shana.

Ghal kull xoghol ta stencil pave bil-kulur li tixtieq fi btiehi u driveways, madwar il-pools jew go farmhouses.

TEL 21558982
FAX 21550540
MOBILE 99498133
ADDRESS 'WARDA MISTIKA'
SAGHTAR STREET
VICTORIA GOZO

Il-Beatu Ġorġ Preca fil-Ktieb tiegħu *Il-Benedicta* jimmaġina li Kristu meta qam minn bejn l-imwiet l-ewwel deher lill-Madonna u qalilha: "Lilek jiena għażilt b'omm tiegħi. Ħadd ma tbierek bħalek fost il-bnedmin kollha, għalhekk lilek ridt jiena nferraħ l-ewwel bir-rebħa tiegħi glorjuża fuq il-mewt u fuq l-għedewwa kollha tal-verità u tal-ġustizzja".[2]

Ir-rebħa tal-Madonna fuq il-mewt

B'dan il-mod f'din il-festa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna nkunu nfakkru r-rebħa li għamlet fuq il-mewt. Fl-ewwel qari ta' din l-festa naqraw: "Imma kulħadd kif imissu: l-ewwel Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu, meta jerġa' jiġi" (1 Kor 15, 23). B'dawn il-kelmiet il-Liturġija trid tfakkarna li ħadd ma għamel rebħa fuq il-mewt daqs il-Madonna. Hija mhux biss kienet l-aktar persuna qrib ta' Sidna Ġesù Kristu iżda hija Korredentriċi, jiġifieri sieħba mill-aktar fil-qrib tal-fidwa li huwa kisbilna.

Meta naħsbu fit-Tlugħ ta' Marija fis-Sema niftakru li għalkemm aħna ma għandniex dawk il-privileġġi hekk singulari tal-Verġni Marija, madankollu, aħna wkoll ngawdu mill-frott tal-fidwa tiegħu.

Il-bniedem jitwieled bid-dnub tan-nisel iżda l-magħmudija, hija u tagħtina l-ħajja tal-grazzja fi Kristu, tneħħi dan id-dnub u treġġa' lura l-bniedem lejn Alla; Iżda jibqgħu fina l-konsegwenzi tad-dnub tan-nisel fin-natura dgħajfa u miġbuda lejn id-deni, u b'dan il-mod irridu niġġieldu t-taqbida spiritwali.

U proprju aħna l-insara għandna nduru lejn il-Madonna u nitolbuha l-grazzja li f'ħajjitna nimxu din il-mixja spiritwali bil-fidi u ntemmuha sa l-aħħar. Il-figura ta' Marija rebbieħa fuq id-dnub u fuq il-mewt tagħmlilna kuraġġ biex inkomplu mexjin 'il quddiem fil-ħajja tal-grazzja b'kuraġġ u determinazzjoni.

Il-ħarsa tagħna fuq il-Madonna rebbieħa fuq il-mewt tfakkarna għal darba oħra x'jagħmel Alla ma' dawk li jħobbuh. Fl-ittra lir-Rumani nsibu miktub: "Aħna nafu li ma' dawk li jħobbuh, Alla jaħdem kollox għall-ġid tagħhom, dawk li huma magħżulin skond il-pjan tiegħu" (Rum 8, 28).

Il-festa tat-Tlugħ fis-Sema tfakkarna fir-rebħa li Sidna Ġesu Kristu għamel fuq il-mewt. Din ir-rebħa se jgawdu minnha l-bnedmin ta' rieda tajba. Dan huwa veru, għalkemm wara li Kristu qam mill-imwiet, il-bnedmin baqgħu jmutu. Iżda b'differenza: in-nisrani li jimxi fuq il-passi ta' l-Imgħallem tiegħu jaf li l-mewt se teqred biss lil ġismu, filwaqt li r-ruħ wara li tgħaddi mit-tisfijiet tal-Purgatorju se tmur tgawdi lil Alla. Jemmen ukoll li fl-aħħar jum se jqum b'ġisem glorjuż. U din hija rebħa totali li tixbah lil dik ta' Kristu.

Għalhekk f'din il-festa għandna nħarsu lejn il-Madonna rebbieħa fuq il-mewt u nittamaw li jekk bħalha nsieħbu ħajjitna "bi Kristu, fi Kristu u ma' Kristu" inqumu bħalha b'ġisem glorjuż fil-qawmien mill-imwiet fl-aħħar jum. Dan huwa t-twemmin tagħna. Din hija t-tama kbira.

[1] PAPA PIJU XII, Kostituzzjoni Appostolika, *Munificentissimus Deus*, (AAS 42 [1950]).
[2] BEATU ĠORĠ PRECA, IL-BENDEDICTA, Malta 1997, p.24.

www.gozocatholic.org.mt

MERCIECA GLASS
AND IRONMONGERY

MIRRORS AND GLASS

POLISHING

KEY CUTTING

FRANK MERCIECA

54, Kercem Road,
Victoria, Gozo, VCT 104.

Tel: 21556987,
Tel:/Fax: 21557027

www.gozocathedral.org.mt

SIMBOLIŻMI MARJANI

kitba ta'

Monsinjur Lawrenz Sciberras

Meta wieħed jersaq lejn knisja jew santwarju ddedikati lill-Madonna bla dubju jara fl-inkwadri jew fil-pitturi xi forma jew oħra ta' simboli u figuri mpittra jew imnaqqxa. Dan kollu jrid ifisser u jfakkar f'dik il-kreatura singulari li hija l-Madonna. Issa kif jgħallimna l-biblista San Ġirolmu, it-tip f'parti biss jkun jixbah lill-antitip tiegħu, *"Typus partem saltem indicat"*. U dan ir-raġunar jgħodd l-ewwel u fuq kollox għal Ġesu, il-milja tat-Testment il-Ġdid imma jgħodd ukoll għal għażiża ommna Marija.

U l-Knisja kolonna u għalliema tal-verita' fil-liturġija, għanja tagħha, tgħallem u tippreżenta lill-insara dawn il-figuri u tixbihat. Hekk il-Knisja qed tgħallimna li t-Testment il-Qadim isib it-tifsira sħiħa tiegħu fil-ġdid. Ħalli nagħti eżempju wieħed qabel ma nidħol aktar fid-dettal. Nhar is-solennita' tal-Verġni Omm Alla, Marija, li din taħbat nhar l-ewwel ta' Jannar, f'waħda mill-antifoni ta' l-ewwel għasar naqraw hek: "Bħalma l-għolliq li ra Mose', ma nħaraqx bin-nar, hekk baqgħet bla mittiefsa xbubitek, Omm Alla!. U f'antifona oħra ta' l-istess festa din id-darba fis-tifkira ta' sbieħ il-jum naqraw: "Harġet fergħa mill-zokk ta' Ġesse, minn Ġakobb dehret tiegħha kewkba: il-Verġni nisslet is-Salvatur; infaħruk, Alla tagħna.

Issa fl-istudju tal-Marjoloġija hemm bosta u bosta simboli u sinjali kollha marbutin u jfissru xi aspett jew ieħor fil-ħajja jew missjoni tal-Madonna. U dan li fil-qosor se nipprova nagħmel f'dan l-artiklu tiegħi, insib numru ta' simboli biblici u naraw kif japplikaw għal Marija. Iżda hawn sewwa li nikkwota sentenza minn San Atanasju, duttur tal-Knisja li tant iddefenda li Marija hija Theotokos, Omm Alla, sentenza li turi li kollox huwa biss dell ħdejn ir-realta' l-qdusija u l-kobor tal-Madonna. "O Verġni Marija, il-glorja tiegħek tissupera kull ħaġa maħluqa. Fil-fatt, x'hemm li jista' jixxebbah man-nobilta' tiegħek, ja Omm tal-Verb t'Alla?"

Art Verġni

"Meta kien għad ma hemm ebda siġra tar-raba', meta ebda ħaxix tar-raba' ma kien għadu nibet għax il-Mulej Alla kien għadu ma bagħatx xita fuq l-art, u bniedem ma kienx hemm biex jaħdem l-art" (Ġen 2,5).

It-tiswir ta' l-ewwel bniedem kollu ġie mir-rieda u l-għerf t'Alla u mill-art verġni. Fil-fatt Alla kien għadu ma bagħatx ix-xita fuq l-art u ħadd ma kien għadu ħadem l-art. Minn din l-art, li s'issa kienet għadu verġni, Alla qabad it-tajn u sawwar il-bniedem - Adam u poġġih biex jgħammar fiha.

Din l-art verġni hi simbolu ta' Marija. Il-Mulej Ġesu bir-rieda u l-għerf t'Alla u mwieled minn verġni ġabar fih il-bniedem meta twieled. B'hekk hu wera l-identita' korporali li teżisti bejnu u bejn Adam u biex jerġa' jagħmel mill-bniedem xbieha tiegħu. Għalhekk kif Adam ġie msawwar u poġġut f'art verġni, hekk ukoll Ġesu' mingħajr l-intervent tal-bniedem imma bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, ħareġ mill-art verġni l-ġdida - Marija. Dan jgħidu San Irinew, Isqof ta' Lijon.

Is-Sellum ta' Ġakobb

Fil-mixja tiegħu mwiegħra minn Birsaba lejn l-art niexfa ta' Ħaran, il-patrijarka Ġakobb waqaf f'post biex jgħaddi l-lejl hemm; huwa ħolom b'sellum wieqaf fl-art bil-quċċata tiegħu sas-sema; u beda jara l-anġli telgħin u neżlin miegħu (Ġen 28,12). Bosta minn missirijiet il-Knisja fis-sellum li ħolom dwaru Ġakobb jaraw simbolu wiesa' ta' Marija.

L-isqof Severo ta' Antijokja (madwar 465-538) meta jaħseb dwar dan is-sellum tal-patrijarka Ġakobb, jikkonkludi hekk: "għalhekk aħna nfaħħru l-istess lil qaddisa Omm Alla u dejjem verġni Marija, għaliex hi tista' wisq aktar mill-qaddisin l-oħra kollha, hija tressaq it-talb tagħna lil Alla u għaliex bħala bniedma kienet ta' privileġġ kbir għall-ġeneru uman kollu. F'Marija art mogħnija bir-raġuni, u li fiha, it-tieni Adam, li ma ġiex la msawwar u

www.gozocathedral.org.mt

SUPERSPECS
opticians

28, Main Gate Street,
Victoria, Gozo.
Tel. 21550099
Tel./ Fax. 21551242
Mob. 99822770

Commited to be the best value opticians, offering professional eyecare needs at affordable prices.

Dispensing Optician: Mr. Joseph P. Grech F.B.D.O. (Lond)

Sun Glasses
- Fesan
- Quarks
- FCUK
- F.Connection

Optical Frames
Contact Lenses & Solutions
Sterilising Of Conctact lenses

Appointment For Eye Testing and Examination

Joe Grech

Professional Photography & Video Filming

- Weddings
- Engagements
- First Holy Communion
- Confirmation
- Parties etc...
- Commercial Photos/Video Production

CONTACT FOR FREE ESTIMATES & ADVICE

St. Andrew Street,
Victoria Gozo

Tel: 21 554056
Mob: 99882813

w.gozocathedral.org

anqas maħluq huwa stess ġie ffurmat dejjem skond il-ġisem (1 Kor 15,44-45), dan sar spirtu li jagħti l-ħajja. Hija l-għerq verġinali, is-sellum ċelesti li minnu u permezz tiegħu nistgħu naslu s-sema (Iż 9,36).

Liema unur kbir għalhekk li nagħtu ġieħ lill-Omm Alla, jew aħjar lil Alla stess li nkarna fiha u dan għas-salvazzjoni tagħna? Għaliex huwa f'Marija li binha sab unur, sagrifiċċju u olokawst. Mhux tassew sabiħ li grazzi għal miġja tiegħu fostna fil-ġisem, l-art saret is-sema, tant li l-anġlu wkoll jgħixu fuq din l-art, u dan dejjem skond ma hemm miktub fl-Evanġelju: "Tassew tassew ngħidilkom, għad taraw is-sema miftuħ u l-anġli ta' Alla telgħin u niżlin fuq Bin il-bniedem" (Ġw 1,51).

Għalhekk, mela is-sellum huwa simbolu ieħor marbut sfiq ma' Marija li permezz ta' l-għajnuna kontinwa u ħabrieka ta' Marija niksbu l-għan aħħari tagħna.

Il-Ġeżża ta' Gidgħon

Billi din il-ġrajja meħuda mill-ktieb ta' l-Imħallfin ftit jafu dwarha, ħsibt li nikteb it-test sħiħ. "U Gidgħon qal lil Alla: Jekk inti se ssalva lil Iżrael permezz tiegħi kif għedtli, arani, jien se nqiegħed din il-ġeża suf fuq l-andar, jekk in-nida taqa' fuqha weħidha, u l-art tibqa' niexfa madwarha, jien inkun naf li int se teħles lil Iżrael permezz tiegħi kif għedtli. U hekk ġara. L-għada bakkar, u għasar il-ġeżża u ħarġet minnha daqs bieqja nida. U Gidgħon qal lil Alla: La tisħonx għalija! Ħa nitkellem u ngarrbek darba oħra biss: Ħa jkun hemm l-inxief fuq il-ġeżża weħidha u n-nida fuq l-art. U Alla għamel hekk matul il-lejl; u kien hemm l-inxief fuq il-ġeżża weħidha u nida fuq l-art kollha" (Imħ 6,36-40).

Il-ġeżża ta' Gidgħon hi wkoll tip ta' Marija dejjem Verġni. Alla permezz tal-ġeżża wera lil Gidgħon li Hu kien miegħu u hemm il-garanzija li se jirbaħ il-battalja kontra l-Midjanin. Marija hija dik il-ġeżża t'Alla u n-nida li niżlet fuq il-ġeżża fil-ħemda tal-lejl, hija tip tat-tnissil verġinali ta' l-Iben t'Alla fil-ġuf safi ta' Marija. San Ambroġ jikkummenta hekk: Marija nisslet lil Ġesu' u nksiet totalment bih bħal bin-nida safja ta' filgħodu, mingħajr ma tilfet xejn mill-verġinità tagħha". Il-ġeżża mimlija nida safja hija simbolu tal-grazzi li tnlew lil Marija.

It-Tempju ta' Salamun

L-aktar oġġett għażiż li kellhom il-Lhud bla dubju ta' xejn kien it-tempju. F'dan l-imkien tant qaddis u devot għal-Lhud kollha tad-dinja ta' dak iż-żmien kien hemm il-preżenza ta' Alla tant is-simboliżmu tas-shaba, ix-xekina'. U għalhekk kull Għebrew kien iħossu mitluf u li qed jgħix fl-ambjent kollu kemm hu divin meta huwa jkun fil-maqdes ta' Ġerusalemm. Biżżejjed wieħed jiftakar f'xi salmi biex jikkonkludi dan kollu li qed ngħid. Hekk "Fraħt meta qaluli sejrin f'dar il-Mulej" jew "Għax jum wieħed fit-tempju tiegħek aħjar minn elf jum f'post ieħor; aħjar noqgħod fuq l-għatba ta' dar Alla tiegħI milli ngħammar fit-tined tal-ħżiena" (Sl 84,11).

Issa dan it-tempju kien maqsum fi tliet partijiet, waħda aktar għażiża mill-oħra. Dan l-imkien l-aktar qaddis u għażiż jissejjaħ is-Santwarju: għorfa żgħira mudlama u li fiha kien hemm l-arka tal-patt. Quddiem id-daħla tas-santwarju kien hemm dik il-purtiera kbira li imbagħad mal-mewt ta' Kristu iċċartet minn fuq sa isfel. Darba waħda biss fis-sena, il-qassis il-kbir kien jidħol fis-santwarju bid-demm tal-bhejjem u jroxx bid-demm l-ewwel fuq l-għatu ta' l-arka imbagħad fuq il-poplu, u fl-istess ħin il-qassis il-kbir jien jippronunċja l-isem adorabbli ta' Alla.

San Ġwann Krisostmu ixebbaħ is-santwarju tat-tempju ta' Ġerusalemm ma' Marija, anzi mal-ġuf safi u verġinali tagħha. Il-Krisostmu jikkonkludi, Hekk kif il-qassis il-kbir darba fis-sena biss kien jidħol fis-santwarju hekk ukoll il-qassis il-kbir tagħna Ġesu' Kristu daħal darba fil-ġuf verġinali ta' Marija u għammar hemm għal disa xhur sħaħ. Il-qassis il-kbir l-ewwel kien iroxx id-demm fuq l-arka mela iqaddisa; hekk ukoll Kristu b'fidwa preservattiva u bid-demm li xerred huwa qaddes sa minn qabel it-tempju l-ġdid li hija Marija u imlija bil-grazzi kollha meħtieġa għal missjoni tagħha.

Mela hemm simboliżmu l-aktar qawwi bejn is-santwarju tat-tempju ta' Ġerusalemm u Marija omm Alla.

Iz-Zokk ta' Ġesse

Il-prinċep tal-profeti Isaija fil-ktieb tiegħu imsejjaħ ta' l-Emanweli kapitli 7 sa 14, ħabbar hekk: "Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, għad timbet rimja minn għeruqu" (Is 11,1). Hawn ukoll missirijiet il-Knisja f'dawn il-kliem jaraw simboliżmu ieħor dwar Marija. Hekk

BUILDING CONCRETE CONSTRUCTION & FARMHOUSES RENOVATIONS

NATAL FAVA

Mob: 9942 8678

BROOKIES

RESTAURANT

Your hosts: David & Paul Portelli,
1/2 Wied Sara Str., Victoria, Gozo, Malta. (on the main road to Zebbug)
Tel: 21559524, 21563733 • Fax: 21563733, 21553265
Mob: 99476433 • www.starwebmalta.com

www.gozocathedral.org

Sant Irinew jikkonkludi li permezz ta' dan il-kliem ifisser li minn jitwieled minnha jkun ġej mid-dixxendenza ta' David u xejn anqas tal-patrijarka Abraham. Ġesse kien ġej mill-familja ta' Abraham, u sar il-missier ta' David is-sultan li lilu Alla permezz tal-profeta Natan wiegħdu familja li tibqa' għal dejjem. "Il-Mulej Alla jagħtih it-tronn ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u saltnatu ma jkolliex tmiem". Hekk mela l-Verġni Marija, li ikkonċepiet lil Kristu, hija dak iz-zokk speċjali u uniku.

Ma l-istess ħsieb jaqbel San Ipollitu Ruman. Dan ikompli li z-zokk ta' Ġesse huwa imħawwel fl-art, sabiex meta iwarrad toħroġ minnu Marija, ix-xebba umli, għaliex hija ġejja mill-razza u l-familja tas-sultan David. Il-fergħa li għad toħroġ minn dan iz-zokk ma hija ħadd jekk mhux Ġesu Kristu, iben Alla u iben Marija. Għalhekk bir-raġun kollu l-familja ta' Ġesu hija marbuta sħiħ mar-razza ta' David.

Simboliżmi oħra

San Girgor Nissenu wkoll japplika għal Marija bosta mis-simboli użati fit-Testment il-Qadim. Dan il-qaddis jiftaħar li minn Marija ġej id-dawl li idawwal bit-tjubija tiegħu. Marija hija **it-tabernaklu qaddis** mgħotti bil-għarix tal-qdusija u t-tempju l-aktar pur ta' Alla. Kif ukoll l-artal ta' l-inċens kollu deheb li minn fuqu jitla quddiem Alla it-talb bħal inċens ifuħ (Sl 140,7).

Marija hija dak **ir-reċipjent prezzjuż** (alabastru) li fih hemm in-nard l-aktar li jiswa. Hija dak il-bieb li jħares lejn l-Orjent u li minnu daħal u ħareġ biss u waħdu Ġesù il-Feddej tad-dinja. Hija dik il-fergħa taż-żebbuġa li ħabbret lill-patrijarka Noe l-paċi fuq l-art wara id-dulujvu, Marija li ġabet fid-dinja il-prinċep tal-paċi. Marija hija l-għarusa imsemmija fil-ktieb ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet tistenna l-għarus tagħha kollu ġmiel u sbuħija. Marija hija dak il-vapur mimli għana minn Tarsis li twassalhom fil-belt ta' Ġerusalemm.

Fuq kollox Marija hija wkoll simboleġġjata f'dak **l-għolliq jaqbad** mingħajr ma jintemm u jispiċċa. Hekk hija l-verġinita' tagħha, dejjem sabiħa u verġni, qabel it-twelid, fit-twelid, u wara it-twelid.*Virgo conceperit, virgo peperit, virgo permanserit.* Għaġeb kbir ta' Alla. L-Ispirtu s-Santu jinżel fuqek u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla' (Lq 2,35). Għalhekk kull ma huwa sabiħ, u qaddis kollu jixraq lil Marija.

Quddiem dan kollu, għandha tassew raġun li l-Knisja Griega lil Marija issejħilha b'dak it-titlu teoloġikament tant għoli. πανχαγια, li tfisser kollok qaddisa.

Paradise

Travel and Property Services Limited
38, Saint Sabina Square, Victoria, VCT 104, Gozo, Malta.
Tel: 21562025, 21558918, Fax: 21562026 Mob: 9949 6277

We offer:
• Special Prices to America, Canada, Australia • Organised Tours
• Honeymoon Specials • Special Holidays for 18-35 year old
• Car-hire • Taxi Service Motor & Travel Insurance • Cruises
• We are also Real Estate Agents • We help you sell or buy your next home.

Come to PARADISE - We Care

www.gozocatholic.org.mt

Cachet
JEWELLERS

7, Sir Adrian Dingli Str., Victoria VCT 104 - Gozo.
Tel: 560485, 560828 - Fax: 558367 - E-mail: cachet@orbit.net.mt

GEORGE FARRUGIA
Ta' Dolindo

fi Pjazza San Ġorġ

Għal isbaħ għażla ta deheb isfar u abjad ta' 18 il-karat.
Ftaħna ħanut tal-fidda 925 Sterling bieb ma' bieb mal-ħanut tad-deheb.
Issibu l-isbaħ u l-orħos għażla ta' Souveniers ta' Preċett, Griżma u Tiġijiet

FIGLI DI UNO STESSO PADRE, FRATELLI IN CRISTO

omelia di Luigi Conti, Nunzio Apostolica a Malta.
nella concelebrazione eucaristica alla Cattedrale (2 marzo 2002)

Sorelle e fratelli carissimi,

Permettetemi di salutare così ed in primo luogo non solamente la comunità cristiana che partecipa a questa celebrazione eucaristica, ma anche tutta la comunità ecclesiale di Gozo, che oggi si trova riunita per celebrare il compleanno del suo amato Pastore, Mons. Nicola Giuseppe Cauchi. Egli ha voluto chi io fossè a lui unito per celebrare anche il mio compleanno. Questa lieta ricorrenza è motivo di gioia, per noi festeggiati, ma anche è soprattutto per l'intero popolo di Gozo che ha tratto immensi benefici dalla ricchezza di mente e di cuore del suo amato Pastore. Gozo, esprime oggi e sempre quello che il suo nome significa nella lingua spagnola: gioia, letizia, gaudio.

Ringraziamento al Signore

Cara Eccellenza: ci uniscono la stessa data di nascita, ci uniscono tanti anni di sacerdozio e di episcopato. Voglia il Signore, al quale va il nostro ringraziamento e la nostra lode, che il nostro sacerdozio ed il nostro episcopato siano stati sempre conformi alla sua volontà: essere cioè testimoni privilegiati della sua Resurrezione e dispensatori dei doni del suo amore.

Questo nostro incontro, questo trovarci insieme, nonostante il carattere particolare, vuol essere una riunione di uomini e di donne che sono e si sentono figli di uno stesso Padre, fratelli in Cristo, uniti da una stess fede, animati da una stessa carità, sostenuti da una stessa speranza, formando tutti un solo popolo, il Popolo di Dio, che è la Chiesa. La Chiesa infatti è assemblea di uomini e di donne, che credono in Gesù, che sono a lui uniti nel Battesimo, che si amano fino al punto di voler formare una vera comunità di fratelli a immagine e somiglianza della divina Trinità.

La mia presenza tra voi, come Nunzio Apostolico, vuole significare i vincoli organici che uniscono le Chiese particolari, affidate alle cure apostoliche e pastorali dei Vescovi, alla chiesa Universale, della quale Cristo ha costituito Pietro ed i suoi Successori come "principio e fondamento visibili dell'unità". La mia presenza vuol essere anche una testimonianza della sollecitudine e dell'amore del Santo Padre per la Chiesa che vive e svolge la sua missione di salvezza in questa meravigliosa Isola di Gozo, i cui abitanti sono fieri della loro fede e del loro umanesimo del Vangelo.

Un saluto al popolo di Dio

Salutando, in primo luogo, il Popolo di Dio, Ella, cara Eccellenza, ha potuto cogliere che mi sono ispirato alla Costituzione *Lumen Gentium* del Concilio Vaticano II. Parlando infatti di comunione mi sono rivolto in primo luogo a Lei, che presiede la carità e l'unità della Chiesa in Gozo. A Lei, caro fratello nell'episcopato, si dirigono innanzitutto il mio pensiero ed il mio saluto affettuosi che esprimono la missione che ci è commune: quella di "continuare la presenza di Cristo tra i fedeli". Vorrei assicurarLe la mia dedizione unile e sincera al servizio ed al bene della Chiesa che ha in Lei il Pastore buono, servizievole, abnegato e vigilante. Con Lei condividerò le gioie e le speranze, le preoccupazioni e le ansie che fanno la trama quotidiana e la grandezza di ogni responsabilità apostolica.

Il mio sguardo e la mia parola si dirigono anche a voi: sacerdoti, religiosi e religiose, laici, impegnati tutti nell'opera di salvezza, cioè, nel dare Dio, Sommo Bene, ai fratelli. Voi siete venuti a pregare con noi, con il vostro Vescovo e con la mia persona, umile Rappresentante del Santo Padre; siete venuti per condividere il nostro sacerdozio ed a cantare insieme l'inno di ringraziamento e di lode al Signore. Siete voi, operai della vigna che portate spesso il peso ed il sudore del lavoro apostolico di ogni giorno. Vorrei assicurarvi della mia stima, del mio affetto e della mia vicinanza nella preghiera. Vorrei sopratutto comunicarvi i sentimenti pro-

La Stalla
Pet Shop
Contact: Joe Xerri
Ghall-kull tip ta' ġwied
għall-bhejjem
49, Main Str,
Xewkija.
Gozo.
Tel: 21556512, 7945 8474


PLAYPEN
Toys & Stationery
Toys, Gifts & Novelities
Cards for all Occasions
Designer Satchels & Accessories
E-Talk & Go Mobile Top-up Cards
Coloured & B&W Photocopy
Binding & Lamination
Goggles & Flippers & Swimming Aids.

fondi di pace e di gioia che provo quando penso che, anche se in campo diverso, lavorerò con voi, nella fedeltà e nella carità, al servizio della Chiesa e nella Chiesa, al servizio di quanti hanno piu bisogno del conforto della parola di Dio.

Non possiamo mai dimenticare questo appello missionario che la Chiesa rivolge ad ognuno di noi. Per meglio rispondere alla chiamata del Signore, Vescovi, sacerdoti, religiosi, religiose e laici, siamo tutti riuniti nella preghiera e nella comunione, siamo riuniti nell'Eucaristia, che è pane condiviso per la salvezza del mondo.

S.E. Luigi Conti, nunzio apostolico, insieme con S.E. Nicola G. Cauchi, vescovo di Gozo, e Mons. Giuseppe Vella Gauci, Arciprete, prima della concelebrazzione pontificale.

Gratitudine

In questo momento di preghiera e di comunione, vorrei esprimere la mia stima e la mia gratitudine specialmente alle religiose per il loro lavoro silenzioso, spesso sconosciuto e sofferto con generosita, ma cosi necessario ed efficace nel campo dell'educazione, dell'assistenza a quanti soffrono a volte piu nello spirito che nel corpo. Il mio pensiero si porta ai tanti sacerdoti e religiose missionari in vari paesi del mondo che hanno lasciato questa incantevole Isola per comunicare, con zelo ed abnegazione apostolica, Cristo che e "via, verita e vita", che e la luce che illumina il nostro commino per raggiungere la pienezza della nostra realizzazione come figli di Dio.

Desidero esprimere il mio più vivo ringraziamento ed il mio più cordiale saluto alle autorità politiche e civili. Mi piace cogliere nella vostra partecipazione a questa celebrazione eucaristica, i vostri sentimenti di fedelta e di attacamento ai valori cristiani che hanno fatto e fanno la grandezza di Malta e Gozo.

Cari fratelli e sorelle, questo momento di preghiera e di comunione che si realizza nella celebrazione eucaristica, marcherà le nostre relazioni di semplicità, di fraternità e d'amore di Cristo, che ci ha chiamato gli uni e gli altri – anche se in maniera differente – a servire la stessa Chiesa.

Non potrei terminare senza dire una parola di ringraziamento al vostro Vescovo e fratello mio nell'episcopato. Cara Eccellenza, a nome di tutti e mio personale, La ringrazio cordialmente per l'iniziativa che ha voluto prendere, insieme ai suoi sacerdoti, e per l'occasione che ha voluto offrire di ritrovarci insieme nella preghiera che è l'arma povera ma la più efficace nella battaglia per il trionfo del Regno di Dio e della dignità della persona umana, creata a sua imagine. Celebrando insieme il nostro compleanno abbiamo voluto celebrare la misericordia e l'amore di Dio, Signore del tempo, che ci ha fatto il dono della vita per essere messa al servizio dell'Evangelizzazione. Ad multos annos!, cara Eccellenza. Che il Signore, giusto giudice, Le dia la corona di giustizia per tanti anni spesi per il trionfo della giustizia, che, nel linguaggio biblico, è trionfo della volontà d'amore di Dio, che, nella pienezza dei tempi, nel suo Figlio Gesù, è entrato nell storia dell'umanità.

Nel cuore dell'Evangelizzazione, che è la nostra vocazione, c'e l'Eucaristia. Vivendo costantemente in azione di grazia e, al tempo stesso, in una attitudine di stima e di servizio al prossimo, viviamo nella solidarietà e formiamo una comuntà di fede, di speranza e di carità, che apre ed appiana la strada a Cristo che viene, che viene sempre, che viene in ogni momento, fino alla fine dei tempi, fino alla felice ed eterna Pasqua sua e nostra.

A Lui, a Cristo, Figlio di Dio vivo, la Gloria, l'onore e la lode nei secoli dei secoli.

BOOKWORM STATIONERY

Republic Street, Victoria (hdejn il-B.O.V.)

Il-Fatti jitkellmu iktar mill-kliem.

Ejja ara l-varjeta' ta' *items* li għandna

U l-prezzijiet li noffru.

Bookworm Stationery isir il-ħanut favorit tiegħek ukoll.

Pio's
Antiques
SHOP

OPENING HOURS
Monday - Friday
4.15p.m. - 6.15p.m.
Saturday
9.00a.m. - 12.00a.m.

Capuchin's Road,
Victoria - Gozo.
Mob: 9922 8468
9922 8433

ANTE SAECULA CREATA SUM

Ma kien hawn xejn minn kull ma hawn f'sbuħitu,
La ilma, dawl, la nżul, u lanqas tlajja',
L-imkien ma kien imkien, aħseb il-ħajja,
Alla biss kien u int ġa kont f'fehmitu.

Jitgħaxxaq bik fil-milja ta' tjubitu,
Li kellek bi qdusitek tibqa' ġrajja
Tal-ħolqien, u tkompli f'dik ta' wrajha,
Meta deher fostna daqshekk kbir fi ħnienitu.

Kien Hu li għamlek, għax ma riedx mingħajrek,
Ra fik it-tajjeb u s-sabiħ tal-ħlejjaq.
U għalhekk ridt tkun int biex lilna tfejjaq,
Ħalaq u feda mħabba fik lil għajrek.

Li ma kontx int, għadna fejn hu tefagħna –
Id-dnub t'Adam; nitħassru t-telfa tagħna.

Monsinjur Giuseppe Farrugia-Gioioso
(1887-1969)

Il-Plajja

First Class Guest House
Bar, Restaurant & Pizzeria

BBQ Night every Wednesday 8.00 p.m. onwards Live Music
Pasta & Pizza Night Every Friday 8.00 p.m. onwards Live Music

Self Catering sea view flats also available
call on 2156 3425/2156 3426 Fax: 2156 3427

UNDER NEW MANAGEMENT

Cafe Royal
5, Independence Square,
Victoria, Gozo.
Bar amd Cafeteria

The Place with a warm and friendly atmosphere

VICTORIA - GOZO

For all your stationery needs. . .

G. Borg Olivier Str., Victoria.
Tel: 21558645
Mob: 0944 7625

Joseph Tabone
Sales, Installation & Servicing of Air-Conditioners

GREE
Air Conditioners
2002 Models

High Efficiency
Energy Saving Compressor
Heating, Cooling, Dehumidifying
Super Silent
4 Years Warranty on Parts & Labour
Best after Sales Service
Maintenance & Repair
The Best for All Seasons
GREE is Your Choice

"Ave Maria"
48 Triq Dun P. Micallef
Victoria, VCT 104 - Gozo

Tel: 2155 5970
2155 4658
Mob:9982 2677 / 7926 1524

IL-KATIDRAL U L-ASSUNTA

Meta fik jiena niftakar
Għalkemm bogħ'd minnek inkun,
Qalbi mħeġġa tkun trid toħroġ
Biex fik niġi bla ma ndum.

Kif mid-dar il-qniepen nisma'
Dritt niftakar fil-kampnar,
Li kuljum lin-nies isejjaħ,
Minn fejn jisħar, hemm ġos-swar.

Lilek Maqdes tassew drajtek,
Kulħadd jaf li sirna ħbieb,
Għax snin twal flimkien għaddejna,
B'ferħ kbir dejjem, dħalt mill-bieb.

Int il-ġawhra t'Għawdex tagħna,
Mibni fl-għoli fuq is-sur,
Tiġri, tfittex fi gżiritna,
Ma ssibx bħalek, tmur fejn tmur.

Flokok qabel kien hemm knisja,
Din iġġarrfet b'terremot,
Poplu tagħna ried dritt lilek,
Meta l-oħra beda jħott.

Dan kien ġara fl-elf sitt mija,
Magħhom żid disgħin u tlieta,
Ġensna kollu ħass dit-telfa,
Li ġiet fuqu għal għarrieda.

L-ewwel ġebla tpoġġiet f'postha
Fuq tliet mija, ħames snin;
Mur ġib fostna dawk li ħadmu,
Kemm narawhom ferħanin.

Min jaf jgħidli b'liema ħeġġa
Insistew sħabna l-Għawdxin,
Biex jaraw li fis titlesta,
Għas-servizz t'Alla Divin.

Il-Gafà bi ġmiel hu żejnek
Biex tkun l-aqwa fost l-aħjar,
Ħażżlek pjanta wisq famuża,
Int imwennes fi ftit djar.

X'tarag għandek, ġmiel id-dinja,
Hekk mifrux quddiemek sew,
Fuq kull naħa bini sbejjaħ,
Li l-antiki kienu bnew.

Hemm bejniethom pjazza kbira
Li tesagħlek ħafna nies,
Mina wiesgħa tippermetti,
Dħul u ħruġ, veru bla qies.

Katidral tissejjaħ inti,
Omm il-knejjes tagħna lkoll,
It-tron t'Isqof ġo fik qiegħed,
B'ferħ lil qalbna dejjem tħoll.

Dan it-titlu Ruma tagħtek
Fl-elf tmien mija u sittin,
Żidu magħhom ukoll erbgħa,
Unur kbir, tagħna, l-Għawdxin.

Buttigieg kien dik il-ħabta
L-ewwel Isqof li mexxiena,
Mimli b'għerf u għaqal ġmielu,
Kif ukoll, b'ħlewwa u ħniena.

Dik l-akustika perfetta,
Ġewwa fik wieħed isib,
Tfaqqa' subgħek, żgur jinstema',
Minn kull naħa, fejn int trid.

Barokk sempliċi ngħidulu,
U salib, Ruman, Latin;
Kapitelli sbejħa bnewlek,
Ġebla Franka tal-Għawdxin.

Busuttil, Vella u Cauchi,
Kif ukoll, Cortis, D'Arena,
Flimkien pittru saqaf, kwadri,
Fuq ġenb minnek, dak taċ-Ċena.

Monsinjuri fik jiltaqgħu
Biex kuljum jitolbu hemm,
Il-quddiesa flimkien jagħmlu,
Fejn naraw, Ġisem u Demm.

Snin kbar issa tgħodd int sewwa,
Sriebet twal ta' nies int rajt,
Kuljum għadhom ġo fik jidħlu,
Ħadd minn dawn, ma jgħid, 'jien xbajt'.

Teżor kbir fis-saqaf għandek,
Li ma tixba' tarah qatt,
Koppla finta tnissik kollox,
Bħalha żgur ma għandu ħadd.

www.gozocathedral.org.mt

CHERISH MEMORIES

Corner Shop
at Charity Street, Victoria.

Specializes in
Souvenirs, Invitations, Gifts
for Wedding,
Baptisms and other specials

Fresh Flowers
For any Occasions.

Tel: 21 557635 - 21 551991

Office:
Tel: 21 55[illegible]
Fax: 21 55[illegible]

Grech's Central Stores

Republic Street,
Victoria, Gozo - Malta

Kercem Road,
Victoria, Gozo - Malta

PULITU CAR CARE

VRT CENTRE

Free Head-Lamp Alignment

- *Spray (Oven Bake)*
- *Panel Beating*
- *Chasis Alignment*
- *Paint Sealant*
- *Fabric Protector*

DINITROL
RUST PROOFING

Dinitrol Special Prices
New Cars - 6 Years Guarantee
All for Lm 69.

Experienced & Qualified staff
guarantee the best for your car !!!

PULITU GARAGE

BLUE SPIRIT

JEWELLERY

42, Independance Ave,
Rabat, Gozo.
Tel: 21 550926

Embassy Complex, Level 0,
St. Lucia Street, Valletta VLT01
Tel: (+356) 252128

www.gozocathedral.org.mt

Ma ninsewx ukoll l-arzelli
Ta' fuq l-orgni u tal-kor,
L-eroini fil-lunetti,
Dawn flimkien jagħmlu teżor.

Sett gandlieri fidda kollha,
Dawn iżejnu l-altar kbir,
Fejn quddiemu sar dan l-aħħar,
Wieħed ġdid jistħoqq tifħir.

Taħtu hemm il-presbiterju,
Wieħed kbir jesa' tassew;
Bosta drabi jkun dan mimli,
B'ċelebranti komdi sew.

Paviment tar-rham b'disinji
Fuq kull qabar int issib,
Teżor ieħor f'dan il-maqdes,
Timxi fuqu, mhux għax trid.

Sagristija wkoll insibu,
Hemm ġo fiha wisq lavur,
Sew fl-injam u fil-pittura,
Biex tifliha trid ix-xhur.

Xi sbuħija ta' veduta
Li mit-twieqi tista' tara,
Nofs ta' Għawdex jiġi taħtek,
Anki Malta tidher ċara.

Minn hawnhekk, binhar tosserva,
Baħar, djar, skejjel, triqat,
Ġonna jsebbħu l-ambjent tagħna
U jnisslulek l-ideat.

Bil-lejl tara dwal tal-għaġeb,
Bozoz jiddu kullimkien,
Dehra oħra tal-veduta,
F'dik is-sikta tal-ħolqien.

Hawn fil-festi tal-parroċċi,
Bosta nies jiġu flimkien,
Biex jaraw in-nar li jtellgħu,
Kif hi drawwa, ta' daż-żmien.

Mużew għandek magħqud miegħek
Ġo fih jidħlu tfal u kbar,
Hemm issib oġġetti nobbli,
F'kundizzjoni, mill-aħjar.

L-ogħla Kap tal-Knisja żarek,
Hawn, Hu tkellem wisq ferħan,
Monument fejn talab bnejna,
Għal dal-Papa bla serħan.

Sigriet ikbar iżda għandek,
Dan jinsab ġo qalb kulħadd,
Niċċa tiġbor ġewwa fiha,
Dik l-Omm t'Alla, bħalha ħadd.

Fuq l-altar tal-kor, hemm kwadru,
Fejn jurik tielgħa fis-sema,
Dawk l-Appostli lejk iħarsu,
U warajhom tidher ġemgħa.

Ilu żmien, f'Pjazza Savina,
L-Isqof b'ferħ inkoronak,
Il-kuruna għadha f'rasek,
Poplu tagħna, wisq jistmak.

Kemm-il darba ġejt quddiemek,
U ħarist jien sew f'għajnejk!
Bħali għamlu mitt elf bniedem,
Ilkoll sibna ferħ f'riġlejk.

Għax hemm, Int, dejjem tistenna
B'idejk fl-għoli miftuħin,
Sabiex tilqa' lil uliedek,
Li jinsabu migruħin.

U kulħadd, dan veru jixhed,
Mhux biss wieħed jew xi tnejn,
Li quddiem Santa Marija,
Dejjem marru, mhux għalxejn.

Għax il-grazzji f'idejk ħalla
Sid il-ħlejjaq mis-smewwiet,
Biex Int fuqna lilhom tixħet,
U tfarraġna f'kull inkwiet.

U kulmeta fis-Sajf toħroġ,
Fost il-kant tal-innijiet,
Flejjes kbar jinġabru f'ismek,
Qishom xita, mis-smewwiet.

Festa kbira lilek nagħmlu,
Biex nuruk il-qima tagħna;
In-nies kollha jagħtuk qalbhom,
Għax Int lilhom, wisq, tistagħna.

Armar sħiħ jintrama barra,
Sa minn kmieni bil-pjaċir;
Dan jagħmluh żgħażagħ ħabrieka,
Bħalhom, qalbna, b'ferħ ittir.

U f'kull triq li hawn fir-Rabat,
Dwal ta' bozoz kullimkien,
Folol kbar ta' nies jitkellmu,
U jifirħu lkoll flimkien.

www.gozocathedral.org.mt

BARGAIN SHOP

Palm Street,
Victoria.
Tel: 2155 0915

TAL-LIRA items also available

TROVARSI

THE BOUTIQUE FOR ALL THE FAMILY

Market Street, Victoria, Gozo, Malta. Tel: 21555834

IN STOCK JOE SANCHEZ MEN SHOES

P

PAOLO

Calzature

13, Palm Street, Victoria, Gozo.
Tel: 21565157
E-mail:Paolocalzature@onvol.net

Obsessions

Sportswear for all Ages

13 Market Street,
Victoria - Gozo.
Tel: 21 555606, 9948 6134

EXPO CHIC

Specializing in Picture Framing

Various styles of wooden frames
Modern and antique prints
Hand-finished quality lithographs

3, Republic Street, Victoria.

Tel: 21 554398 Fax: 21 562600

U bilħaqq, ġo 'Villa Rundle',
Wirja sbejħa hemm 'ssir,
Biex kulmin lilha jmur jara,
Lejha jkollu kull tifħir.

Magħha wkoll, tiġrija nagħmlu,
B'żwiemel, bgħula, dwieb, u ħmir,
Tiegħu gost tarahom jiġru,
Nies jassistu f'numru kbir.

Fuq il-bjut jitwaħħlu l-arbli,
Biex jittellgħu l-bandieri,
Dawn jixhdulna festa kbira,
Ferħ inisslu f'qlub sinċieri.

Moti twal ta' daqq bil-qniepen,
Qishom ilħna mis-smewwiet,
Baned tisma' fil-belt kollha
Idoqqulek marċijiet.

Hemm fil-knisja qisek f'Ġenna,
Kant u priedki ma jonqsux,
Hawn l-Assunta, donnha tkellmek,
Ħadd quddiemha, jibqa' trux.

Par għajnejn ċelesti għandha,
Qishom ġamar tas-smewwiet,
Fommha mbexxaq, jitbissmilna,
Qlubna timla bil-ħlewwiet.

Bankun sbejjaħ lilha jerfa',
Fuqha mdendel pavaljun,
Pedestal tal-fidda taħtha,
Ġmielha dejjem, ta' blanzun.

Min ipitter dik id-dehra
Xhin fil-bieb tixref Marija,
Kif ix-xemx f'inżulha titfa',
L-aħħar raġġi ħamranija!

Minn fejn tgħaddi 'f'Belt Victoria',
Inti tbierek lill-bnedmin,
Kulħadd b'demgħa lejk iħares,
Nies jitolbu ħerqanin.

U xi ngħidu, hekk kif tasal,
Minn fejn qabel ħriġt bil-kwiet;
Pjazza, swar, mimlijin kollha,
Nirien kbar fl-ogħla smewwiet.

F'dak il-waqt kulħadd iċapċap
Fost il-kwiekeb mixgħulin,
Mijiet kbar ta' 'sparklers' jaqbdu,
Flimkien qlubna magħqudin.

Għalehkk, Int, kbira l-Assunta,
Hawn uliedek miġburin,
Aħna tiegħek, Inti tagħna,
Żgur li bik, dejjem kburin.

Dun Ġużepp Saliba
Żebbuġ, Għawdex
07-02-2002

The Showcase

...where Giftware means Luxury!

SCICLUNA
HOUSEHOLD GOODS & CANE FURNITURE (GOZO) LTD.

Shops: 11, 30, 32, 72, 101,
Palm Street, Victoria, VCT 103,
Tel. 554137; 556493.

email: sciclunajg@vol.net.mt

To Order
Call
ESPRESTO

Tel: 21 556656
Mob: 7955 6656

OPEN ALL DAY

espresto
espresto

Cosy Café

Help your Self Salads
and Take Away Foods

George Borg Olivier Street,
Victoria, Gozo. (near Eurosport)
Tel: 2156 5059

Hidden Gem

Gift's Crafts
Accessories

16, St. Joseph Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 2156 5530

www.gozocathedral.org.m

KRONAKA TAL-PARROĊĊA
1 ta' Lulju 2000 - 30 ta' Ġunju 2001

Magħmudijiet

Data	Isem tat-Tarbija	Isem il-Ġenituri
01-07-01	Leontine Schembri	Thomas u Helen nèe Formosa
01-07-01	Amy Saliba	Sammy u Mary Grace nèe Mercieca
08-08-01	Matthew Camilleri	Joseph u Pauline nèe Camilleri
08-08-01	Carl Borg	Joseph u Maria nèe Agius
18-08-01	Antonella Bugeja	Eugene u Alda nèe Cassar
18-08-01	Daniel Bugeja	Savio u Maria Theresa nèe Borg
24-08-01	Raul Theuma	Joseph u Lara nèe Azzopardi
25-08-01	Jake Attard	Joseph u Joyce nèe Borg
01-09-01	Alan Mario Vella	Charlie u Georgia nèe Calleja
16-09-01	Shaun Calleja	Anthony u nèe Cassar
28-09-01	Monique Camilleri	Pierre u Blanche nèe Curmi
21-10-01	Rudi Vic Mompalao	Paul u Josephine nèe Axiaq
23-10-01	Francesca Grech	Saviour u Patricia nèe Vella Muscat
03-11-01	Jonathan Pace	Denis u Adelaide nèe Attard
17-11-01	Nicole Mintoff	Victor u Elison nèe Grech
25-11-01	Cydelle Xerri	Vincent u Josephine nèe Caruana
15-12-01	Nathaniel Mercieca	Anthony u Grace nèe Grech
23-12-01	Joseph Curmi	Mark u Miriam nèe Zahra
12-01-02	Fabian Haber	M'Angelo u Roseann nèe Galea
03-02-02	Laurent Vella	Anthony u Maria nèe Mercieca
20-10-02	Michael Vella	Joseph u Joanna nèe Camilleri
02-04-02	Gianluca Caruana	Ramon u Anna Marie nèe Tabone
07-04-02	Bernard Xuereb	Maximilian u Josephine nèe Caruana
14-04-02	Marija Sant	Joseph u Laura nèe Bezzina
14-04-02	Phoebe Pisani	Robert u Lisa nèe Debono
21-04-02	Kylie Spiteri	George u Marita nèe Saliba
07-06-02	Marie Therese Pavia	Gino u Mary Rose nèe Schiavone
09-06-02	Antonella Vella Muscat	Alex u Renata nèe Sciberras
30-06-02	Jake Gatt	Ronnie u Peggy nèe Tabone

Żwiġijiet

Date	Isem
07-07-01	Adrian Fenech (Attard) u Andreina Farrugia (Katidral)
14-07-01	Donald Pace (Xewkija) u Doryen Mompalao (Katidral)
03-08-01	Patrick Grima (Sannat) u Godwine Gatt (Katidral)
04-08-01	George Curmi (Fontana) u Lisa Ann Mercieca (Katidral)
28-10-01	John Mercieca (Xewkija) u Maria Attard (Katidral)
22-02-02	Louis Cordina (Katidral) u Joyce Hili (Xewkija)
16-03-02	Steve Mario Cordina (Katidral) u Karin Ann Bicker (Fontana)
04-05-02	Richard Paul Cauchi (Nadur) u Miriam Grech (Katidral)
18-05-02	Ronnie Cardona (Nadur) u Mariella Bezzina (Katidral)
01-06-02	Gerard Vella (Katidral) u Marion Patricia Buttigieg (Katidral)
15-06-02	John Farrugia (Katidral) u Lesley Zahra (Katidral)
22-06-02	Adrian Farrugia (Rabat, Malta) u Marcelle Farrugia (Katidral)

www.gozocathedral.org.mt

MAYJO

CAR RENTALS

TEL: 2155 6678, 2155 1772

MOB: 9942 3065

WEBSITE: www.intersoftgozo.com/mayjo

THE ALL NEW

COROLLA D-4

2.0 Litre - COMMON RAIL D

GOZO AGENT - PCG ENTERPRISE

MOT

MARI

HOME TRAV

LI

CITADEL INSURANCE P.L.C.

GOZO AG

PCG ENTERPRISES

PO Box 29, Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo, Malta.

Tel: 2155 6678, 2155 1772, Fax: 2155 3744, Mob: 9942 3065

www.gozocathedral.org.mt

Mwiet

Date	Isem
28-07-01	Anton Cassar ta' 81 sena
18-08-01	Louis Abela ta' 78 sena
18-08-01	Rose Vella ta' 87 sena
19-08-01	M'Annunziata Vella ta' 76 sena
24-08-01	Guza Bajada ta' 62 sena
24-08-01	M'Jane Attard ta' 95 sena
27-08-01	Jack Bugeja ta' 48 sena
30-08-01	Paul Cauchi ta' 73 sena
11-09-01	Mary Grech ta' 50 sena
28-09-01	Marija Gauci ta' 73 sena
03-10-01	Joseph Cini ta' 79 sena
06-11-01	Guzeppa Grech ta' 78 sena
11-11-01	M'Jane Cordina ta' 51 sena
10-01-02	Emanuela Pace ta' 84 sena
14-01-02	Joseph Sultana ta' 73 sena
01-02-02	Joseph Caruana ta' 81 sena
18-02-02	Carmela Attard ta' 87 sena
13-03-02	John Saliba ta' 86 sena
21-03-02	Josephine Saliba ta' 70 sena
24-03-02	John Busuttil ta' 71 sena
24-03-02	Tarcisja Zammit ta' 90 sena
31-03-02	Mikelina Grech ta' 82 sena
05-04-02	Peter Gatt ta' 97 sena
07-04-02	Joseph Calleja ta' 75 sena
15-04-02	Joseph Zahra ta' 80 sena
13-06-02	Guzeppa Grech ta' 89 sena
24-06-02	Edith Tabone ta' 82 sena
26-06-02	Michael Debrincat ta' 91 sena

L-Ewwel Tqarbina

09-05-02

Abela Nathon, Agius Liana, Attard Anabel, Bates Andria, Bonnici Trisha, Bugeja Massimo, Busuttil Brittany, Camilleri Cheryl, Cini Jacob, Cordina Marvic, Debrincat Mariliana, Dimech Malcolm, Gatt Sebastian, Grech David, Grech Mark, Grech Massimo, Grech Withney Marie, Mercieca Daniel, Mifsud Reno, Rapa Christopher, Vella Leanne, Xerri Mark, Xuereb Janica, Zerafa Katya.

06-08-02

Abela Joseph, Abela Louise, Attard Pierre Louis, Bugeja Charlon, Caruana Joshua, Caruana Simon, Degiorgio Alexandra, Farrugia Alison, Farrugia Elena, Farrugia Mario Frank, Grech Walter Nichol, Haber Andre, Haber Diego Mario, Mercieca Ryan, Portelli Anton, Saliba Noella, Scerri Monique, Sciortino Monique, Vella Christopher.

Grizma ta' l-Isqof

09-05-02

Camilleri Karl, Dimech Stephan, Farrugia James, Galea Claire, Grech Emanuel, Mifsud Johnny, Refalo Maria, Sciortino Andrew, Tabone Anton, Theuma Scerri Marthese, Xuereb Giles.

06-08-02

Agius Christine, Apap Diane, Attard Jean Noël, Busuttil Jennifer, Buttigieg Donatella, Calleja Analise, Camilleri M'Jacqueline, Camilleri Rodianne, Caruana Ruth, Cini Fabian, Cini Joselle Marie, Debattista Joshua, Debono Leanne, Debono Maria, Dimech Claire, Fiteni Daniel, Grech Andrew, Grech Robert Louis, Haber Leo Mario, Portelli Deborah, Portelli Joanna, Portelli Maria, Portelli Stephanie, Psaila Kristian, Schembri Maresca, Spiteri Gordon Lee, Tabone Anna Maria, Tabone Dylan, Vella Noel, Zammit Maria.

www.gozocathedral.org.mt

Djarju Parrokkjali

1 Lulju 2001 – 14 ta' Lulju 2002

Lulju

1 Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.
3 Ġie organizzat *Coffee Morning* f'Villa Fiorita, M'Forn.
4 Quddiesa ta' l-Għaxar Erbgħa ta' Santa Marija li tmexxiet minn Mons John Dimech, bis-suġġett ta' l-omelija "Il-qima ta' Marija wara l-Konċilju Vatikan II."
6 Ġiet organizzata ħarġa f'Malta għat-Trade Fair.
9 Laqgħa għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof
10 Ġiet organizzata ħarġa tax-xahar għall-Anzjani b'quddiesa fil-kappella ta' Sant'Anna d-Dwejra, kif ukoll kellhom *light refreshments* fil-bajja tar-Ramla.
Laqgħa għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.
11 Quddiesa tal-Ħdax-il Erbgħa ta' Santa Marija li tmexxiet minn Dun Manwel Magro bis-suġġett ta' l-omelija "Marija magħquda għal dejjem fit-tlugħ tagħha fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem ma' Kristu."
15 Fil-għaxija ġiet ċelebrata quddiesa oħra fis-7.00 pm.
18 Quddiesa tat-Tnax-il Erbgħa ta' Santa Marija li tmexxiet minn Dun Manwel Magro bis-suġġett ta' l-omelija "Marija, mudell tal-Familja."
19 Nofs ta' nhar ta' talb f'Manresa għall-membri ta' l-entitajiet organizzattivi tal-parroċċa, bi tħejjija għall-festa li tmexxa mill-Arċipriet tax-Xewkija Mons Carmelo Mercieca. Is-suġġett kien "Minn hawn jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, mill-imħabba ta' bejnietkom".
21 Lejl ta' talb u adorazzjoni bi tħejjija għall-festa mill-Grupp Ewkaristiku Għawdxi.
23 Laqgħa ta' preparazzjoni għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof.
25 Konċelebrazzjoni immexxija minn Mons Isqof fl-okkażjoni tal-450 Anniversarju mill-Assedju ta' Għawdex – 27 ta' Lulju 1551 kif ukoll tat-Tlettax-il Erbgħa ta' Santa Marija.
27 Ġie mqassam lill-parruċċani l-programm tal-festi solenni f'ġieħ Santa Marija, patruna speċjali tal-gżejjer Maltin. Programm li jkopri l-perjodu mid-29 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 2001. It-tema li ntgħażlet għal din is-sena – li kienet is-Sena Marjana – kien "Mara bi tnax-il kewkba fuq rasek".

29 Fil-għodu sar il-ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija minn niċċa fost il-kant ta' l-innijiet marjani. Fil-għaxija ġiet ċelebrata quddiesa minn Mons Arċipriet li kienet bis-sehem ta' għadd ferm sodisfaċenti ta' ex-parruċċani kif ukoll ta' emigranti li kienu fostna għall-festa. Wara nżamm riċeviment għalihom fl-Annexe tal-Knisja Katidrali.
31 Jingħata bidu għall-Kwindiċina ta' Santa Marija.

www.gozocathedral.org.mt

Jum it-Tfal - Adorazzjoni u quddiesa ghat-tfal minn Dun Anthony Mario Saliba. F'din l-okkażjoni saret il-vestitizzjoni ta' l-abbatini l-ġodda kif ukoll il-premjazzjoni ta' l-aħjar żewġ studenti minn kull Ċentru tad-Duttrina. Wara nżamm Barbecue kbir ghat-tfal fil-Pjazza tal-Katidral. Ġie provdut ukoll is-servizz tal-minibus lit-tfal.

Awissu

1 Jum il-Benefatturi ħajjin u mejtin – Quddiesa tal-Kwindiċina minn Patri Albert Micallef.

2 Jum l-Istudenti, Żgħażagħ u l-Isportivi – Quddiesa tal-Kwindiċina minn Patri Albert Micallef. Fil-ħin ta' l-omelija ġiet imtellgħa l-mima 'Int Kewkba tal-baħar Marija" bis-sehem ta' l-istudenti u ż-żgħażagħ. F'din l-okkażjoni il-parroċċa ppreżentant erba' trophies lill-aħjar players tas-sena (kbar, under 16, under 14 u under 12) ta' l-*SK Victoria Wanderers*. Wara nżamm "Cold Buffet" għall-istudenti u ż-żgħażagħ fis-swar taċ-Ċittadella.
F'dan il-jum intwera għall-ewwel darba lill-pubbliku l-istellarju l-ġdid tad-deheb u djamanti ta' Santa Marija.

3 L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar – Quddiesa tal-Kwindiċina minn Patri Albert Micallef.

4 Jum il-Familja – Quddiesa tal-Kwindiċina minn Patri Albert Micallef li kienet bis-sehem tal-koppji li matul is-sena ċċelebraw l-ewwel, l-10, l-20, il-25, it-30, l-40 u l-50 anniversarju taż-żwieġ tagħhom. Wara l-quddiesa ttellgħu bix-xorti l-inkwadri tat-Titular li matul is-sena ddawru b'devozzjoi għand il-familji tal-parroċċa.

5 Jum il-Qdusija tas-Saċerdoti u l-Vokazzjonijiet – Fil-għodu, Dun Anthony Mario Saliba ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fl-okkażjoni ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.
Il-quddies tal-10.30 am u l-11.30 am ġew ċelebrati fiċ-Ċentru Parrokkjali.
Fil-għaxija ġiet ċelebrata quddiesa tal-Kwindiċina minn Patri Albert Micallef.

6 L-ET Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi amministra s-Sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina lil 38 tifel u tifla tal-parroċċa.

7 L-ET Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi amministra s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lil 44 tifel u tifla tal-parroċċa.

8-15 Radju Katidral ixandar fuq skeda itwal mit-8.00 am sal-11.00 pm b'varjeta' ta' programmi u b'kollegamenti u xandiriet diretti tal-funzjonijiet, attivitajiet u marċijiet tal-festa.

8 Jum it-Trabi – Quddiesa tal-Kwindiċina minn Patri Albert Micallef. F'din il-quddiesa Mons Arċipriet amministra s-Sagrament tal-Magħmudija lil żewġ trabi mill-parroċċa.

9 Jum ir-Reliġjużi – Quddiesa tal-Kwindiċina minn Patri Albert Micallef u li kienet bis-sehem tal-Kommunitajiet Reliġjużi.
Tard fil-għaxija nżammet l-Ikla tradizzjonali tal-festa organizzata mis-Soċjeta Filarmonika Leone f'Ta' Frenċ, Restaurant.

10 Jum il-Parroċċa tal-Katidral u s-Soċjeta' Filarmonika Leone - L-ET Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Pjazza tal-Katidral bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral fejn inħarġet l-istatwa ta' Santa Marija fil-bieb il-kbir tal-Knisja Katidrali. F'din l-okkażjoni, Mons Ġużeppi Gauci, Dun Ġużepp Saliba, Dun Anton Mercieca, n-Nutar John Busuttil, is-Sur Ġiġi Xuereb u s-Sinjorina Pawla Cauchi ġew onorati bil-medalja "Ġieħ il-Parroċċa tal-Katidral" għall-ħidma tagħhom b'riżq il-Knisja Katidrali. Fit-tmiem tal-Konċelebrazzjoni l-ET Mons Isqof bierek u poġġa l-Istellarju tad-Deheb u Djamanti f'ras l-istatwa ta' Santa Marija. Dan l-istellarju ġie ppreżżentat mit-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. Bis-sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* flimkien ma' orkesta u l-Banda Ċittadina *Leone* esegwixxiet l-Innu Immortali *A Maria Assunta*.

11-13 Tridu Solenni - L-omelija tat-tridu saret mill-Vigarju Parrokkjali Dun Joe Calleja.

14 Lejlet il-Festa - Fil-għodu ġiet ċelebrata quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa mill-Arċipriet Mons Joe Vella-Gauci. Wara l-quddiesa t-tfal kollha mmarċjaw għall-Kumpless tas-Soċjeta' Filarmonika Leone akkumpanjati min-Naxxar Scout Band fejn sar 'party' għalihom kif ukoll tqassmu kpiepel tal-kartun bil-kliem "Viva Santa Marija" fuq il-pizz ta' quddiem u "Radju Katidral 90.9 fm" fil-ġnub.
Fil-għaxija saret it-Translazzjoni Pontifikali, l-Għasar u l-funzjoni ewkaristika bil-Barka Sagramentali. Il-quddiesa ta' lejlet il-festa tmexxiet mill-Gwardjan tal-Kappuċċini Patri Pawl Buġeja u l-omelija saret mir-Rettur taċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb, Dun Eddie Zammit.

15 L-Għid ta' l-Assunta - Il-quddies f'dan il-jum kien fl-4.15 am, 5.45 am, 6.30 am, 7.15 am, 8.00 am, 9.00 am (Pontifikal), 10.30 am, 11.15 am, 12.00, 1.00 pm u 5.00 pm.
Il-Konċelebrazzjoni Pontifikali tmexxiet mill-ET Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi flimkien mar-

www.gozocathedral.org.mt

Rev.mu Kapitlu. Fi tmiem il-Pontifikal tkanta t-Te Deum fl-okkażjoni tal-26 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari u ngħatat l-Barka Apostolika minn Mons Isqof bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja. Għall-pontifikal attendew diversi personalitajiet distinti fosthom l-ET il-Prof's Guido de Marco, President ta' Malta, l-Onor Anton Tabone, Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, l-Onor Giovanna Tabone, Ministru għal Għawdex, Deputati Għawdxin, is-Sindku u Kunsilliera tal-Kunsill Lokali tar-Rabat kif ukoll rappreżentanza mill-Kumitat tas-Soċjeta' Filarmonika Leone.

Fil-għaxija il-Vigarju Ġenerali u Arċidjaknu Mons Giovanni B Gauci mexxa l-Għasar Solenni u wara funzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

Fis-6.30 pm ingħata bidu għall-ħruġ tal-purċissjoni u waqt li l-Istatwa ta' Santa Marija kienet fil-bieb il-kbir tal-Knisja Katidrali ġie esegwiet l-Innu Immortali *A Maria Assunta* mill-Banda Ċittadina *Leone* bis-sehem tal-Kor, Tenur u Baritonu. Il-Banda Ċittadina *Leone* akkumpanjat il-purċissjoni.

Fl-10.30 pm Il-folla enormi fil-Pjazza tal-Katidral u fis-swar taċ-Ċittadella taw l-aħħar tislima tagħhom lill-Assunta fid-dħul tagħha fil-Katidral ta' Għawdex bil-kant ta' l-Ave Marija. F'din l-okkażjoni ingħatat il-Barka Sagramentali minn Fr Jesmond Grech SDB lill-folla li kienet preżenti fil-Pjazza. Kien hemm ukoll spettaklu meraviljuż u singolari ta' logħob tan-nar ta' l-ajru minn fuq l-għolja ta' Gelmus koordinat mill-Vampa Organisations li seta' jitgawda tajjeb ħafna mill-folla li kienet qed tassisti għad-dħul ta' l-Istatwa.

18 Tħabbret il-mewt ta' l-Ispiżjar Louis Abela, President onorarju tas-Soċjeta' Filarmonika Leone kif ukoll parruċċan onorat bil-medalja 'Ġieħ il-Parroċċa tal-Katidral".

19 Sar il-funeral ta' l-Ispiżjar Louis Abela akkumpanjat mill-Banda Ċittadina Leone, minn Triq ir-Repubblika sal-Knisja Katidrali. F'din l-okkażjoni Radju Katidral sellem għall-aħħar darba lil dan il-parruċċan kif ukoll xandar f'trasmissjoni diretta ċ-ċelebrazzjoni funebri tiegħu.

22 Quddiesa ta' Radd il-Ħajr bl-evalwazzjoni tal-festa minn Mons Arċipriet Joe Vella-Gauci. Wara l-quddiesa l-istatwa ta' Santa Marija ddaħħlet fin-niċċa tagħna fost il-kant ta' l-innijiet marjani u wara nżamm Barbecue ta' l-għeluq tal-festi fil-Pjazza tal-Katidral.

Settembru

1 Fil-ħarġa tal-Bullettin l-Arċipriet irringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor offrew l-għajnuna tagħhom matul il-jiem tal-festa. Ingħata wkoll rendikont tal-ġbir li sar b'riżq il-festa nterna.

2 Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

4 Ġie organizzat *Coffee Morning* fil-Vinyard Bar & Restaurant.

6 Ġiet organizzata ħarġa f'Malta fejn fost l-oħrajn ġiet ċelebrata quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar, kif ukoll saru żjarat lill-Parroċċi li jiċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina – l-Isla, n-Naxxar u l-Mellieħa.

9 Ingħata bidu għar-reġistrazzjoni tat-tfal tal-parroċċa li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof fl-2002.

16 Il-Parroċċa ħarġet Suppliment għall-attenzjoni tal-parruċċani dwar l-akkwist ta' Rural Tenement 268. Dan l-akkwist ta' l-art sar billi l-Knisja kellha tgħaddi lill-Gvern l-art hekk magħrufa "tal-Ġonna" limiti Victoria, Għawdex.

17 Radju Katidral beda jxandar fuq skeda ġdida ta' programmi mill-istudio mill-5.00 pm sal-11.30 pm.

18 Ġiet organizzata ħarġa għall-Anzjani fejn ġiet ċelebrata quddiesa fil-Knisja tal-Kappuċċini fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja kif ukoll saret żjara lid-Dar ta' Dun Ġużepp Cauchi, f'San Lawrenz u kien hemm *light refreshments* f'St Patricks, Xlendi.

20 Ġiet organizzata ħarġa f'Malta għall-Istudenti ta' Forms 2 – 5 fejn saret żjara lill-kripta tal-Beatu Ġorġ Preca, raw il-film 'Into the Deep" fl-Imax Cinema, kellhom ħin liberu f'tas-Sliema u tard fil-għaxija saret passiġġata mas-swar ta' l-Imdina.

Ottubru

1 Bdiet il-quddiesa tat-tfal fiċ-Ċentru Parrokjali fil-5.00 pm.

2 Ġie organiżżat *Coffee Morning* f'Villa Fiorita, M'Forn.

3 Inżammet laqgħa għall-Katekisti tal-Parroċċa bi tħejjija għas-sena kateketika l-ġdida.

www.gozocathedral.org

6 Lejl ta' talb u adorazzjoni mill-Grupp Ewkaristiku Għawdxi fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju.

7 Festa tal-Madonna tar-Rużarju – Fil-għaxija ġiet ċelebrata quddiesa minn Mons Lawrenz Sciberras, bl-omelija ta' l-okkażjoni bis-sehem tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. F'din l-okkażjoni Mons Arċipriet ta l-Mandat tat-Tagħlim tad-Duttrina lill-Katekisti tal-parroċċa. Wara nħarġet il-purċissjoni pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li tmexxiet mill-Vigarju Ġenerali Mons Arċidjaknu Giovanni B Gauci flimkien mar-Rev.mu Kapitlu. Fit-tmiem ingħatat il-Barka Sagramentali.
Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

8 L-ewwel laqgħa għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

9 L-ewwel laqgħa għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

11 Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr, immexxija mill-Vigarju Ġenerali Mons Arċidjaknu Giovanni B Gauci flimkien mar-Rev.mu Kapitlu fl-okkażjoni tal-285 anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-Knisja Katidrali.

14 Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien b'riżq l-Obolu ta' San Pietru.
Ingħata bidu għall-bookings mill-Uffiċċju Parrokkjali għall-intenzjonijiet tal-quddies għas-sena 2002.

19 Mons Arċipriet mexxa 'Prayer Meeting' għall-istudenti ta' Forms 2 – 5 fil-Kappella ta' Sant'Anna fid-Dwejra u wara nżamm 'Night Hike' mid-Dwejra sar-Rabat.

20 Sar appell permezz tal-ħarġa tal-bullettin li l-parroċċa għandha bżonn ta' 3 katekisti, arkivista għall-arkivju parrokkjali, technicians għal Radju Katidral, 'book deliverers' għal-Librerija Pubblika tal-Katidral u minibus driver għall-ġarr tat-tfal u l-anzjani għall-quddiesa tagħhom ta' darba fil-ġimgħa.

21 Festa ta' Sant'Orsla – Il-Vigarju Ġenerali Mons Arċidjaknu Giovanni B Gauci mexxa konċelebrazzjoni tal-festa flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral.
Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien b'riżq l-artijiet tal-missjoni.

23 Ġiet organizzata ħarġa għall-Anzjani fejn fost l-oħrajn ġiet ċelebrata quddiesa fil-Kappella tal-Patroċinju, u kellhom *light refreshments* fil-Lantern Restaurant, M'Forn.

Novembru

1 L-ET Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien mar-Rev.mu Kapitlu fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qaddisin Kollha.

2 L-ET Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien mar-Rev.mu Kapitlu fl-okkażjoni tal-Għid ta' l-Imwiet. Il-quddies f'dan il-jum ġie ċelebrat fl-5.00 am, 5.20 am, 5.40 am, 6.00 am, 6.20 am, 6.40 am, 7.00 am, 7.20 am, 7.40 am, 8.00 am, 8.20 am, 8.40 am, 9.30 am (Ċentru), 9.50 am (Ċentru), 12.40 pm, 1.00 pm, 1.20 pm, 6.00 pm u 7.15 pm.

4 Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

6 Ġie organizzat *Coffee Morning* f'Villa Fiorita, M'Forn.

10 Ġiet organizzata ħarġa f'Malta fejn fost l-oħrajn ġiet ċelebrata quddiesa fil-Knisja ta' San Martin tal-Baħrija fl-okkażjoni tal-festa, u saru żjarat lill-Beata Adeodata Pisani fl-Imdina u lill-Beatu Nazju Falzon fil-Belt Valletta.

12 Inżammet il-laqgħa tax-xahar għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

13 Inżammet il-laqgħa tax-xahar għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

16-18 Il-parroċċa organizzat 'Live-In' ta' tlett ijiem għaż-żgħażagħ adulti fid-Dar ta' l-Irtiri 'Padova' Għajnsielem, li tmexxa minn Dun Mikiel Galea.

20 Ġiet organizzata ħarġa għall-Anzjani fejn ġiet ċelebrata quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija u wara saret żjara wkoll liċ-ċimiterji tal-Qala. Kien hemm '*light refreshments*' fl-iSmugglers Bar & Restaurant, M'Forn.

22 L-Aħwa tal-Mixja Neo-Katekumentali bdew il-'home-visits' għand il-familji tal-kommunita' parrokkjali tagħna.

23 Inżammet l-attivita' tax-xahar għall-Istudent ta' Forms 2 – 5 fejn ftakru b'mod speċjali fl-erwieħ, billi ġiet ċelebrata quddiesa minn Mons Arċipriet Joe Vella-Gauci fil-Katidral u wara lkoll flimkien marru għal Pizza fiċ-Ċittadella Garden Restaurant.

25 Mal-ħarġa tal-Bullettin tqassam il-programm tal-funzjoni u l-attivitajiet tal-Milied.
Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien għall-Karita'.
Il-Parroċċa tagħna ħadet sehem fil-korteo ta' Kristu Re kif ukoll fil-manifestazzjoni djoċesana li nżammet fil-Kumpless Sportiv.

www.gozocathedral.org.mt

Diċembru

1 Irtir għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Grizma ta' l-Isqof bi tħejjija għal dawn is-Sagramenti. Dan l-irtir inżamm fil-Kunvent ta' Sant'Wistin.

2 Quddiesa ta' l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent li tmexxiet mir-Rettur tas-Seminarju Dun Anton Theuma. Matul il-Ħdud ta' l-Avvent ġie deċiż li l-quddiesa tas-6.00 pm issir fis-6.15 pm biex ikun hemm spazju biżżejjed bejn il-quddiesa tal-5.00 pm u dik tas-6.15 pm minħabba t-traffiku. Il-għir li sar waqt il-quddies kien b'rizq il-festi esterni ta' Santa Marija.

4 Ġie organizzat *Coffee Morning* tal-Milied f'Villa Fiorita, M'Forn.

6 Inżamm seminar għas-saċerdoti u lajċi impenjati fil-parroċċa bis-suġġett "Il-Missjoni tal-Lajċi u l-formazzjoni tagħhom". Dan is-seminar tmexxa minn Dun Mikiel Galea f'Dar Manresa. Wara nżammet iċ-ċena.

8 Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni - Il-quddies fil-Katidral kien fl-istess ħinijiet tal-Ħdud.

9 Konċelebrazzjoni tat-tieni Ħadd ta' l-Avvent mill-ET Mons Isqof fejn ta l-Ministeri lil xi seminaristi.

10-12 Inżammet il-fiera tax-xtieli, kejkijiet u ħelu ieħor tal-Milied fiċ-Ċentru Parrokkjali.

15-23 Inżammet in-Novena tal-Milied għat-tfal fil-Katidral li tmexxiet mill-Gwardjan tal-Kappuċċini Patri Pawl Bugeja. Matul il-jiem tan-novena ġie offrut is-servizz tal-minibus lit-tfal kif ukoll itellgħu bosta rigali fost it-tfal li attendew għan-novena.

16 Quddiesa tat-tielet Ħadd ta' l-Avvent li tmexxiet mir-Rettur tas-Seminarju Dun Anton Theuma. Għal din il-quddiesa attendew l-ex-parruċċani tal-Katidral u wara nżamm riċeviment tal-Milied għalihom fl-annexe tal-Knisja Katidrali.

18 Ġiet organizzata ħarġa tal-Milied għall-anzjani tal-parroċċa fejn ġiet ċelebrata quddiesa għalihom fil-Knisja Parrokkjali tal-Qala minn Mons Arċipriet Joe Vella-Gauci, żaru diversi presepji mekkaniċi u statiċi, kif ukoll, f'nofs in-nhar inżammet l-ikla tal-Milied għalihom f'Rose's Bar & Restaurant, in-Nadur.

22 Inżamm lejl ta' talb u adorazzjoni fil-Knisja Katidrali li tmexxa mill-Grupp Ewkaristiku Għawdxi bi tħejjija għall-Milied.

23 Quddiesa ta' l-aħħar jum tan-Novena kif ukoll tar-raba' Ħadd tar-Randan li tmexxiet mir-Rettur tas-Seminarju Dun Anton Theuma. Wara l-quddiesa, fil-preżenza ta' 'Father Christmas' tqassmu r-rigali tal-Milied lit-tfal kollha li attendew għan-novena.

24 Lejlet il-Milied – Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' nofs il-lejl mill-ET Mons Isqof flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral u bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* flimkien ma' orkestra. Wara l-funzjoni l-Parroċċa offriet bibita tal-Milied lil dawk kollha li attendew għall-funzjoni.

25 Jum il-Milied – Fil-għodu l-ET Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien mar-Rev.mu Kapitlu.
Fil-għaxija ġiet ċelebrata quddiesa għat-tfal minn Mons Arċipriet fejn saret il-priedka tal-Milied, li din is-sena kienet priedka djalogata mill-Arċipriet ma' sebat itfal mill-parroċċa li kienu Samantha Vella (festa pagana), Cathia Haber (festa nisranija), Maria Dimech (l-istorja tad-dinja), Nathaniel Camilleri (San Bonifazju), Joseph Caruana (San Franġisk), Joseph Bonnici (Beatu Ġorġ Preca) u Luke Bezzina (Thomas Merton). Wara reġgħu tqassmu ħafna rigali lit-tfal.

26 Inżamm il-Party tal-Milied għat-tfal tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

27 It-tfal tal-Parroċċa għamlu żjarat lill-morda u lill-anzjani rikoverati fil-Kliniċi tas-Sorijiet Karmelitani (tal-Katidral), ta' Trionfi u tad-Dumnikani, fejn f'kull klinika reġgħet saret il-priedka tal-Milied mis-sebat itfal.

28-30 Inżamm 'Live-In Experience' ta' tlett ijiem għall-istudenti ta' Forms 2-5 fid-Dar ta' l-Irtiri 'Padova', Għajnsielem u tmexxa minn Dun Reuben Micallef.

31 Jum ta' Adorazzjoni quddiem Ġesu' Sagramentat, b'radd il-ħajr tas-sena li ntemmet.
Fil-għaxija, l-ET Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' Radd il-Ħajr, flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral, bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

Jannar

1 Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' l-ewwel jum tas-sena mill-ET Mons Isqof flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

3 Inżammet passiġġata għat-tfal tal-parroċċa fil-kampanja.

5 Tqassam il-Kalendarju 2002 tal-Knisja Katidrali lill-parruċċani kollha li din is-sena fil-faċċata ta'

www.stcathedral.org.mt

quddiem sellem lill-ET Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu fl-istess Knisja Katidrali.

6 Fil-għodu l-ET Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni tas-Sollennita' ta' l-Epifanija tal-Mulej flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral, bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.
Fil-għaxija ġiet ċelebrata quddiesa ta' l-għeluq tal-festi tal-Milied għat-tfal tal-parroċċa u wara tqassmu ħafna rigali sbieħ lit-tfal.
Il-ġbir waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

12 Ġiet organizzata l-Ikla tal-Ħbieb f'Palazzo Margherita, Sannat.

14 Inżammet il-laqgħa tax-xahar għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

15 Ġiet organizzata l-ħarġa tax-xahar għall-Anzjani fejn ġiet ċelebrata quddiesa għalihom fil-Kappella tal-Madonna taż-Żejt, l-Għarb u wara l-quddiesa saret taħdita minn Ms. Tereżina Cauchi. Kellhom ukoll *light refreshments* fil-Cornucopia Hotel.
Inżammet il-laqgħa tax-xahar għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

25 Ġiet organizzata l-attivita' tax-xahar għall-istudenti ta' Forms 2 – 5 li kienet tikkonsisti f'*Prayer Meeting* immexxi minn Mons Arċipiet fil-Knisja ta' Savina u wara kellhom 'Pizza or Pasta' fil-Kantra Pizzeria, Xlendi.

29 Ġie organizzat *Coffee Morning* fil-Hotel Calypso, Marsalforn.

31 Ingħata bidu għall-Kors ta' Tħejjija għaż-Żwieġ għall-għarajjes li ser jiżżewġu matul l-2002. Dan il-kors kien jikkonsisti f'sitt laqgħat. L-għarajjes kienu obbligati wkoll li jattendu għall-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għall-Miżżewġin. Il-kors tmexxa minn nies professjonali fil-qasam tagħhom fi ħdan il-*Family and Social Action Group* tal-Parroċċa tal-Katidral.

Frar

1 Tħabbret il-mewt tas-Sur Ġużeppi Caruana, President Onorarju tas-Soċjeta' Filarmonika *Leone*, benefattur distint tal-Knisja Katidrali kif ukoll parruċċan onorat bil-medalja 'Ġieħ il-Parroċċa tal-Katidral".

2 Konċelebrazzjoni tal-Preżentazzjoni tal-Mulej immexxija mill-ET Mons Isqof flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. F'din l-okkażjoni saret il-preżentazzjoni tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof lill-Mons Isqof.

3 Sar il-funeral tas-Sur Ġużeppi Caruana akkumpanjat mill-Banda Ċittadina *Leone*, minn quddiem il-Każin tal-Banda *Leone* fi Triq ir-Repubblika sal-Knisja Katidrali. F'din l-okkażjoni Radju Katidral sellem għall-aħħar darba lil dan il-parruċċan kif ukoll xandar f'trasmissjoni diretta ċ-ċelebrazzjoni funebri tiegħu.
Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.
Fil-ħarġa tal-Bullettin tħabbar li ser jiġu ċelebrati żewġ funzjonijiet ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof, waħda ser tkun fid-9 ta' Mejju u l-funzjoni l-oħra tkun fis-6 ta' Awissu. Kemm f'Mejju kif ukoll f'Awissu tinżamm funzjoni waħda għaż-żewġ Sagramenti.

4 Inżammet il-laqgħa tax-xahar għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

5 Inżammet il-laqgħa tax-xahar għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

10 Mal-ħarġa tal-Bullettin tqassam il-programm tal-funzjonijiet u tal-attivitajiet ta' matul ir-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa.

13 Fil-għaxija ġie amministrat is-Sagrament tal-Qrar lit-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u wara l-ET Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali bit-tberik ta' l-Irmied flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral.

15 Inżammet l-attivita' tax-xahar għall-istudenti ta' Forms 2 –5 fejn saret il-Via Sagra fuq l-għolja ta' Għammar.

17 Quddiesa ta' l-ewwel Ħadd tar-Randan li tmexxiet mill-Gwardjan tal-Kapuċċini Patri Pawl Bugeja. Matul il-Ħdud tar-Randan ukoll ġie deċiż li l-quddiesa tas-6.00 pm issir fis-6.15 pm biex ikun hemm spazju biżżejjed bejn il-quddiesa tal-5.00 pm u dik tas-6.15 pm minħabba t-traffiku.

19 Ġiet organizzata l-ħarġa għall-Anzjani fejn ġiet ċelebrata quddiesa fil-Kappella ta' Lourdes fl-okkażjoni tad-dehra tal-Madonna ta' Lourdes; wara kellhom taħdita dwar is-servizz pubbliċi għall-anjani kif ukoll kellhom *light refreshments* fil-Lantern Restaurant, f'M'Forn.

24 Quddiesa tat-tieni Ħadd tar-Randan li tmexxiet mill-Gwardjan tal-Kapuċċini Patri Pawl Bugeja.

25 – 1 Inżammu l-Eżerċizzi Spiritwali għat-tfal fil-Katidral mill-Arċipriet tax-Xewkija, Mons Carmelo Mercieca. Matul il-jiem ta' l-eżerċizzi tqassmu ħafna rigali sbieħ lit-tfal kif ukoll ġie provdut is-servizz tal-minibus.

26 Ġie organizzat *Coffee Morning* f'Villa Fiorita, M'Forn.

www.gozocathedral.org.mt

Marzu

2 Quddiesa konċelebrata fil-Knisja Katidrali mill-ET Mons Luigi Conti, fl-okkażjoni tal-bidu uffiċjali tiegħu bħala Nunzju Appostoliku ġdid għall-gżejjer Maltin

Quddiesa tat-tielet Ħadd tar-Randan li tmexxiet mill-Gwardjan tal-Kapuċċini Patri Pawl Bugeja.

3 Quddiesa tat-tielet Ħadd tar-Randan li tmexxiet mill-Gwardjan tal-Kapuċċini Patri Pawl Bugeja.

4 - 8 Inżammu l-Eżerċizzi Spiritwali għall-Miżżewġin fil-Katidral minn Patri Bernard Mangion. Matul il-jiem ta' l-eżerċizzi ġie provdut is-servizz tal-'baby-sitters'.

9 Inżamm nofs ta' nhar ta' irtir fil-Kunvent ta' Sant'Wistin, għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof.

Inżamm lejl ta' talb u adorazzjoni mmexxi mill-Grupp Ewkaristiku Għawdxi bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir.

Quddiesa tar-raba' Ħadd tar-Randan li tmexxiet mill-Gwardjan tal-Kapuċċini Patri Pawl Bugeja.

10 Quddiesa tar-raba' Ħadd tar-Randan li tmexxiet mill-Gwardjan tal-Kapuċċini Patri Pawl Bugeja.

Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

11-15 Inżammu l-Eżerċizzi Spiritwali għal Kulħadd mill-Gwardjan Patri Noel Muscat, u għaż-Żgħażagħ minn Fr Jesmond Grech SDB.

12 Ġiet organizzata l-ħarġa għall-Anzjani fil-Knisja Parrokkjali tal-Qala fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp kif ukoll saru żjarat lil xi knejjes li għandhom il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Kellhom ukoll *light refreshments* f'St Patricks, ix-Xlendi.

17 Quddiesa tal-ħames Ħadd tar-Randan li tmexxiet mill-Gwardjan tal-Kapuċċini Patri Pawl Bugeja.

18-22 Inżammu l-Eżerċizzi Spiritwali għall-Anzjani minn Mons John Dimech fiċ-Ċentru Parrokkjali.

19 Fl-okkażjoni tas-Sollennita' ta' San Ġużepp il-quddies fil-Katidral ġie ċelebrat fl-istess ħinijiet bħall-Ħdud. Fis-1.00 pm ġiet ċelebrata quddiesa fil-Kappella ta' San Ġużepp ta' fuq is-sur, u fil-għaxija l-ET Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien mar-Rev.mu Kapitlu fil-Knisja Katidrali.

20-22 Inżammu l-Eżerċizzi Spiritwali għall-Istudenti ta' Forms 2, 3, 4 u 5 minn Dun Giovanni Curmi fl-annexe tal-Knisja Katidrali.

Inżammet il-Fiera tal-Figolli fiċ-Ċentru Parrokkjali.

22 Jum id-Duluri - Matul dan il-jum ġiet ċelebrata quddiesa fis-1.00 pm u quddiesa fil-5.30 pm minflok fis-6.00 pm sabiex ma taħbatx mal-funzjoni djoċesani li tinżamm fi Pjazza Indipendenza. Fit-8.00 pm inżamm servizz penitenzjali ntegrat waqt quddiesa għall-istudenti ta' Forms 2 – 5, u wara l-istudenti marru flimkien jaraw il-Purċissjoni tal-Madonna tad-Duluri fix-Xewkija.

23 Fil-għaxija nżammet il-Manifestazzjoni ta' Ħadd il-Palm għat-tfal u quddiesa għalihom fil-Knisja Katidrali fejn ingħataw tifkira speċjali ta' Ħadd il-Palm kif ukoll itellgħu bix-xorti bħala 12 l-appostli. Wara sar 'party' għalihom fil-*foyer* tal-Każin tal-Banda *Leone*.

24 Fil-għodu l-ET Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali tat-tberik tal-Palm flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral.

Fil-għaxija il-purċissjoni tal-passjoni li din is-sena kien imiss li toħroġ mill-Katidral f'Ħadd il-Palm, kellha titħassar minħabba li t-temp ma kienx jippermetti.

Tħabbret il-mewt tan-Nutar John Busuttil President Onorarju u ex-President tas-Soċjeta'

www.gozocathedral.org.mt

Filarmonika Leone. Kien ukoll parruċċan onorat bil-medalja 'Ġieħ il-Parroċċa tal-Katidral'.

25 Sar il-funeral tan-Nutar John Busuttil akkumpanjat mill-Banda Ċittadina *Leone*, minn quddiem il-Każin tal-Banda Leone fi Triq ir-Repubblika sal-Knisja Katidrali. F'din l-okkażjoni Radju Katidral sellem għall-aħħar darba lil dan il-parruċċan kif ukoll xandar f'trasmissjoni diretta ċ-ċelebrazzjoni funebri tiegħu.

26 Il-Parroċċa tal-Katidral flimkien mas-Soċjeta' Filarmonika tellgħu Kunċert ta' Mużika Sagra fil-Knisja Katidrali taħt il-patroċinju ta' l-ET Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* u l-Banda Ċittadina *Leone*.

27 L-Erbgħa tat-Tniebri – Inżammet Ċelebrazzjoni Ewkaristika ta' l-Ikla tal-Mulej għat-tfal li fiha Mons Arċipriet ħasel ir-riġlejn ta' tnax-il tifel u tifla li kienu magħżula bix-xorti bħala Appostli. Wara l-funzjoni tqassmu l-qagħaq ta' l-appostli lit-tfal kollha li kienu preżenti.

28-31 Inżammet il-wirja tal-Mejda tal-Appostli fil-Kappella ta' Santa Barbara organizzata mill-Grupp Animazzjoni Vokazzjonali tal-Katidral.

28 Ħamis ix-Xirka – Fil-għodu l-ET Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni tat-Tberik taż-Żjut fejn ikkonċelebraw il-qassisin kollha t'Għawdex. Fi tmiem tal-Quddiesa Mons Isqof ta l-Barka Appostolika bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja.
Fil-għaxija L-ET Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' l-Ikla tal-Mulej flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral.
Aktar tard iż-żgħażagħ u l-istudenti tal-parroċċa flimkien mal-Vigarju Parrokkjali Dun Joe Calleja marru jżuru s-Seba' Sepulkri flimkien, fl-irħula.

29 Il-Ġimgħa l-Kbira – L-ET Mons Isqof flimkien mar-Rev.mu Kapitlu mexxa l-Funzjoni fit-Tifkira tal-Mewt tal-Mulej.

30 Sibt il-Għid - L-ET Mons Isqof flimkien mar-Rev.mu Kapitlu mexxa l-Funzjoni tal-Vġili l-Kbira tal-Għid.

31 L-Għid il-Kbir - Fil-għodu l-ET Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Għid il-Kbir flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral.
Fil-10.45 am Inżammet il-Manifestazzjoni bl-Istatwa ta' Kristu Rxoxt li ħarġet mill-Knisja Katidrali u kienet bis-sehem tal-Banda Ċittadina *Leone*.
Fil-għaxija ġiet ċelebrata quddiesa għat-tfal tal-parroċċa mill-Vigarju Foranju Mons Rużar Borg. Wara l-quddiesa tqassmu l-Figolli tal-Għid lit-tfal kollha li kienu preżenti.
Sar tibdil fil-ħin tal-quddies tas-6.00 pm li bdiet issir fis-6.15 pm.

April

1 Beda t-tberik tal-familji minn Mons Arċipriet Joe Vella-Gauci.

3 Ġiet organizzata Ħarġa f'Malta għall-festa ta' San Girgor f'M'Xlokk. Saru wkoll żjarat lill-Knisja tal-Madonna ta' l-Għar, iż-Żurrieq, kif ukoll kien hemm ħin liberu għax-xopping.

6 L-ET Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni Djoċesana fil-Katidral fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

7 Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

8 Inżammet il-laqgħa tax-xahar għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

9 Inżammet il-laqgħa tax-xahar għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

16 Ġiet organizzata l-ħarġa tax-xahar għall-Anzjani fejn ġiet ċelebrata quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Sannat, kif ukoll kellhom *light refreshments* fil-Bukkett Restaurant.

19 Ġiet organizzata l-attivita' tax-xahar għall-istudenti ta' Forms 2 –5 li kienet tikkonsisti f'mixja lejn l-Għasri, t'Għammar u Ta' Pinu. Fil-knisja tal-Għasri kellhom diskussjoni dwar "Kif tista' ssir taf aħjar lilek innifsek" minn Ms Edel Cassar tal-OASI , kif ukoll ftit talb u adorazzjoni mmexxija mill-Kappillan ta' l-Għasri Dun Ġużepp Cini.

23 Ġie organizzat *Coffee Morning* f'Villa Fiorita, M'Forn.

27 – 12 Il-Parroċċa tal-Katidral tellgħet wirja tal-Ganutell bit-tema "Warda sbejħa tar-Rebbiegħa – 46 Sena fil-Katidral" fil-Knisja Katidrali bil-kollaborazzjoni ta' għadd ta' parruċċani. Din il-wirja ttellgħet fl-okkażjoni tas-46 anniversarju minn meta s-Soċjeta' Filarmonika Leone rregalat l-istatwa ta' Santa Marija lill-Katidral.

27 Il-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bil-kollaborazzjoni tal-Kapitlu tal-Katidral tellgħu Kunċert minn "The Cathedral de Pamplona Choir" (kor spanjol) fil-Knisja Katidrali. Dan il-kunċert kien taħt il-patroċinju ta' Mons Isqof.

29 Mons Lawrenz Sciberras mexxa Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tas-46 anniversarju minn meta s-Soċjeta' Filarmonika Leone irregalat l-istatwa artistika u devota ta'

www.gozocathedral.org.mt

Santa Marija lill-Knisja Katidrali. Hadu sehem il-Banda Cittadina *Leone* flimkien mal-Chorus Ecclesiae Cathedralis.

Mejju

4 L-ET Mons Isqof flimien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral mexxa Konċelebrazzjoni Parrokkjali fil-Knisja Katidrali fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Wara sar riċeviment ad unur ta' Mons Isqof fit-Teatru ta' l-Opra Aurora fejn ġie milqugħ bid-daqq ta' l-*Innu Pontificio* mill-Banda Ċittadina *Leone*. F'din l-okkażjoni Mons Isqof bierek in-niċċa l-ġdida ta' Santa Marija li tinsab fil-*foyer* tal-Każin, kif ukoll is-Soċjeta' Filarmonika *Leone* offrietlu rigal tal-fidda b'tifkira ta' l-anniversarju li kien qed jiċċelebra. Il-parruċċani u l-partitarju kollha kien mistiedna għal din l-attivita' li kienet organizzata mill-Parroċċa tal-Katidral flimkien mas-Soċjeta' Filarmonika *Leone*.

5 Il-għir waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

8 L-Ewwel Erbgħa ta' Santa Marija - Fil-għaxija L-ET Mons Isqof mexxa talb u adorazzjoni bħala parti min-novena ta' talb li nżammu fis-Santwarji Marjani tad-Djoċesi fl-okkażjoni tal-Ġublew Saċerdotali tad-deheb tiegħu. Wara mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' l-Ewwel Erbgħa ta' Santa Marija. F'din l-okkażjoni is-Soċjeta tad-Duttrina Nisranija MUSEUM offriet lill-parroċċi kollha tad-Djoċesi Teka "Ex-planeta Sepulturae" (Relikwa) tal-Beatu Ġorġ Preca fit-tifkira tal-festa liturġika tiegħu.

Matul l-Erbgħat ta' Santa Marija tiġi ċelebrata quddiesa oħra fid-9.00 pm.

9 L-ET Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni li fiha amministra s-Sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina lill-25 tifel u tifel tal-parroċċa u s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lill-11-il tifel u tifla tal-parroċċa.

10 - 12 Tlett ijiem ta' Adorazzjoni Solenni tal-Kwaranturi fil-Knisja Katidrali.

10 Ġie amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-anzjani tal-parroċċa waqt quddiesa għalihom fil-Katidral li tmexxiet minn Mons Arċipriet. Wara nżamm riċeviment għall-anzjani fl-annexe tal-Knisja Katidrali.

11 Quddiesa mmexxija mill-Vigarju Ġenerali, Mons Arċidjaknu Giovanni B Gauci, fl-okkażjoni tal-Kungress Liturġiku Djoċesan bis-suġġett ta' l-omelija "Parteċipazzjoni sħiħa fil-Liturġija tal-Ħadd".

12 L-ET Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral, f'għeluq il-Kwaranturi u f'għeluq il-Kungress Liturġiku Djoċesan. Wara inżammet il-purċissjoni bis-SS.mu Sagrament immexxija minn Mons Isqof, il-Kapitlu u l-Kleru tal-Katidral, bis-sehem tat-tfal kollha ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof kif ukoll bis-sehem tal-parruċċani, reliġjużi u lajċi oħra.

15 Quddiesa tat-Tieni Erbgħa ta' Santa Marija li tmexxiet mill-Arċipriet tal-Qala, Dun Karm Refalo.

17 Ġiet organizzata l-attivita' tax-xahar għall-istudenti ta' Forms 2 – 5 li kienet tikkonsisti f'*Prayer Meeting* immexxi mill-Arċipriet Mons Joe Vella-Gauci u wara ilkoll marru jieħdu pizza mill-Bukkett Restaurant.

18 Fuq il-presbiterju tal-Katidral tpoġġa l-mudell tal-ambone l-ġdid li huwa mudellat fuq il-linji tal-artal mejda, għall-kritika u suġġerimenti tal-parruċċani qabel l-eżekuzzjoni finali tiegħu.

19 L-ET Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni Pontifikali tas-Sollennita' ta' Għid il-Ħamsin flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral.

21 Ġiet organizzata l-ħarġa tax-xahar għall-anzjani fejn ġiet ċelebrata quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Għarb, saru żjarat lill-Mużew ta' Frenċ u l-Mużew tal-Folklore kif ukoll kellhom *light refreshments* fis-Seashells Restaurant, ix-Xlendi.

22 Quddiesa tat-Tielet Erbgħa ta' Santa Marija li tmexxiet minn Mons John Dimech.

24 L-ET Mons Isqof mexxa l-Funzjoni ta' l-Ordinzaajoni ta' żewġ Djakni ġodda.

28 Ġie organizzat *Coffee Morning* fil-Bukkett Restaurant, il-Qala.

29 Quddiesa tar-Raba' Erbgħa ta' Santa Marija li tmexxiet minn Mons Lawrenz Sciberras.

Ġunju

2 Il-għir li sar waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

5 Quddiesa tal-Ħames Erbgħa ta' Santa Marija li tmexxiet mill-Arċipriet ta' Sannat, Dun

Tarcisju Camilleri.

11 Ġiet organizzata ħarġa f'Malta fejn ġiet ċelebrata quddiesa fil-Knisja tal-Madonna ta' l-Għar kif ukoll saru żjarat f'Derek Garden Centre, il-Belt Valletta, ta' Sliema u l-Monti tal-Birgu.

12 Quddiesa tas-Sitt Erbgħa ta' Santa Marija li tmexxiet mill-Kan. Dun Gużepp Cauchi.

19 Quddiesa tas-Seba' Erbgħa ta' Santa Marija li tmexxiet minn Fr Martin Cilia MSSP.

21 Ġiet organizzata l-attività' tax-xahar ta' l-istudenti ta' Forms 2 –5 li kienet 'Open-Air Activity' billi saret taħdita mis-Sur Anton Caruana u *Pasta Buffet* fix-Xwejni.

25 Ġie organizzat *Coffee Morning* f'Villa Fiorita, M'Forn.

26 Tħabbret il-mewt tas-Sur Michael Debrincat, benefattur distint tal-Knisja Katidrali u tas-Soċjeta' Filarmonika Leone, kif ukoll parruċċan onorat bil-medalja 'Ġieħ il-Parroċċa tal-Katidral'.

Il-Knisja Katidrali akkwistat l-Estate ta' Magro permezz ta' Att Pubbliku li sar quddiem in-Nutar Dr Enzo Dimech.

Quddiesa tat-Tmien Erbgħa ta' Santa Marija li tmexxiet minn Fr Martin Cilia MSSP.

29 Sollennita' ta' San Pietru u San Pawl – Il-quddies fil-Katidral matul dan il-jum kien ċelebrat fl-istess ħinijiet tal-Ħdud.

Lulju

1 Sar il-funeral tas-Sur Michael Debrincat akkumpanjat mill-Banda Ċittadina *Leone*, minn quddiem il-Każin tal-Banda *Leone* fi Triq ir-Repubblika sal-Knisja Katidrali. F'din l-okkażjoni Radju Katidral sellem għall-aħħar darba lil dan il-parruċċan kif ukoll xandar f'trasmissjoni diretta ċ-ċelebrazzjoni funebri tiegħu.

Ħarġet l-iskeda l-ġdida ta' programmi ta' Radju Katidral għal Lulju u Awissu.

1-3 Ġie organizzat 'Live-In Experience' għall-istudenti ta' Forms 2-5 organizzat mill-Parroċċa tal-Katidral, f'Mount St Joseph, il-Mosta, Malta.

3 Quddiesa tad-Disa' Erbgħa ta' Santa Marija li tmexxiet minn Fr John Sultana.

7 Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

10 Quddiesa tal-Ħdax-il Erbgħa ta' Santa Marija li tmexxiet minn Dun Eddie Zammit.

14 Fil-ħarġa tal-Bullettin tħabbar li ġie mwaqqaf kor ġdid fi ħdan il-Parroċċa tal-Katidral magħmul minn 17-il tfajla u bħala organista għandu lil Matthew Sultana. Ir-ripertorju li ntgħażel għal dan il-kor hu modern u adattat għaż-żgħażagħ. Dan il-kor ser jieħu sehem għall-ewwel darba fil-jiem tal-festa ta' Santa Marija.

St. Martin's Citadel Snack Bar

St. Martin's Demi Bastion
Cittadella Gozo

Open daily from 10.00 a.m. - 6.00 p.m.

Also organises Citadella by night BBQ's
and Cold Buffets for groups by appointment
Tel: 2156 3030 Mob: 9944 0256

WERREJ

- Kabbarna għalina lkoll! ... 3
- L-użu tal-kelma 'Terra meta jissemma Għawdex ... 4
  Victor John Galea
- Franġisku Saverkju Formosa ... 9
  Winston L. Zammit BA(Hons) MA PGCE
- Maestro Francesco Decesare ... 11
  Grazio A. Grech
- Hawn xi ħjiel tar-rit biżantin Malta? ... 15
  Victor John Galea
- Il-Vittmi Għawdxin ta' l-ewwel gwerra ... 29
  Charles Bezzina
- Kewkba ta' Filgħodu ... 37
  Ġanninu Cremona
- Il-Madonna ... 36
  Anġlu Xuereb
- Simboliżmi Marjani ... 39
  Mons. Lawrenz Sciberras
- Figli di uno stesso padre, fratelli in cristo ... 49
- Ante saecula creata sum ... 53
- Il-Katidral u l-Assunta ... 55
- Kronaka tal-Parroċċa ... 61
- Mid-Djarju Parrokkjali ... 64

Cremona Exchange Bureau

For all your Foreign Currency and Travel Requirements

- *Buying and Selling Foreign Currency Travellers Cheques. Credit Cards.*
- *Advantageous Buy-Back Guarantee on purchases of Foreign Currency over Lm250*
- *Order by phone and fast delivery at home/business*
- *All Western Union Money Transfer facilities*

THE FIRST PRIVATE EXCHANGE BUREAU IN GOZO

www.gozocathedral.org.mt

PALAZZO MARGHERITA
L-ESPERJENZA TAGĦNA .....
.....IL-GARANZIJA TIEGĦEK FL-ISBAĦ ĠURNATA TA' ĦAJTEK
Għal aktar dettalji ċempel 555737 jew 557898

GREAT DISCOUNTS ON THE LARGEST SELECTION OF TOYS, DECORATIONS, BICYCLES, COMPUTERS, SOFT TOYS ETC.

TAL-LIRA ITEMS ALSO AVAILABLE

PARTY ITEMS & GIFTS CAN BE FOUND AT UNBEATABLE PRICES

LARGEST RANGE OF SCHOOL BAGS & ACCESSORIES

Mro. G. Giardini Vella Street, Victoria, VCT 108, Gozo - Malta

(near water works department)

Tel / Fax: 21 556431 Mob: 9949 0663